# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOBEK
ippreżentati fit-23 ta’ Settembru 2020[1]

**Kawżi magħquda C-83/19, C-127/19 u C-195/19**

**Asociația “Forumul Judecătorilor din România”**
**vs**
**Inspecția Judiciară**
(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul Mehedinți (il-Qorti tal-Kontea ta’ Mehedinți, ir-Rumanija))
**u**
**Asociația “Forumul Judecătorilor din România”,**
**Asociația “Mişcarea pentru Apărarea Statutului Procurorilor”**
**vs**
**Consiliul Superior al Magistraturii**
(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Alba Iulia (il-Qorti tal-Appell ta’ Alba Iulia, ir-Rumanija))
**u**
**PJ**
**vs**
**QK**
(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta’ Bukarest, ir-Rumanija))
**Kawża C-291/19**
**SO**
**vs**
**TP *et***
(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Braşov (il-Qorti tal-Appell ta’ Braşov, ir-Rumanija))
**Kawża C-355/19**
**Asociația “Forumul Judecătorilor din România”,**
**Asociația “Mişcarea pentru Apărarea Statutului Procurorilor”,**
**OL**
**vs**
**Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție – Procurorul General al României**

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Pitești (il-Qorti tal-Appell ta' Pitești, ir-Rumanija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea – Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/928/KE li twaqqaf mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u ta' verifika (MKV) – Natura u effetti legali tal-MKV u tar-rapporti stabbiliti mill-Kummissjoni fuq il-bażi tiegħu – Ħatra fuq bażi *ad interim* tad-Direttorat tal-Ispettorat Ġudizzjarju – Regoli nazzjonali dwar l-istabbiliment u l-organizzazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' taqsima inkarigata mill-investigazzjonijiet ta' reati mwettqa fi ħdan is-sistema ġudizzjarja – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Stat tad-dritt – Indipendenza ġudizzjarja"

Werrej

I. Introduzzjoni .......... 5
I. Il-kuntest ġuridiku .......... 6
A. Id-dritt tal-Unjoni .......... 6
1. Id-dritt primarju .......... 6
2. Id-Deċiżjoni MKV .......... 7
B. Id-dritt Rumen .......... 8
1. Il-Kostituzzjoni Rumena .......... 8
2. Dispożizzjonijiet relatati mal-Ispettorat Ġudizzjarju .......... 8
a) Il-Liġi Nru 317/2004 .......... 8
b) Id-Digriet ta' Urġenza Nru 77/2018 .......... 9
3. Dispożizzjonijiet relatati mat-Taqsima Inkarigata mill-Investigazzjonijiet ta' Reati Mwettqa fi ħdan is-Sistema Ġudizzjarja .......... 10
a) Il-Liġi Nru 207/2018 .......... 10
b) Id-Digriet ta' Urġenza Nru 90/2018 .......... 12
c) Id-Digriet ta' Urġenza Nru 92/2018 .......... 12
d) Id-Digriet ta' Urġenza Nru 7/2019 .......... 13
e) Id-Digriet ta' Urġenza Nru 12/2019 .......... 13

II. Il-fatti, il-proċedura nazzjonali u d-domandi preliminari ... 14
A. Il-Kawża C-83/19 ... 14
B. Il-Kawża C-127/19 ... 15
C. Il-Kawża C-195/19 ... 17
D. Il-Kawża C-291/19 ... 18
E. Il-Kawża C-355/19 ... 20
F. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ... 21
III. Analiżi ... 22
A. Ammissibbiltà tad-domandi preliminari ... 22
1. C-83/19 ... 24
2. C-127/19 u C-355/19 ... 26
3. C-195/19 u C-291/19 ... 27
4. Konklużjoni provviżorja dwar l-ammissibbiltà ... 29
B. Id-dritt rilevanti tal-Unjoni u l-kriterji rilevanti ... 30
1. Il-MKV ... 30
a) Id-Deċiżjoni MKV u r-rapporti MKV huma atti tal-Unjoni? ... 31
b) It-Trattat ta' Adeżjoni huwa bażi legali xierqa? ... 32
1) Il-bażi legali formali ... 32
2) Il-kontenut u l-għanijiet ... 32
3) Tul taż-żmien tal-MKV ... 33
4) Konklużjoni provviżorja ... 34
c) L-effetti legali tal-MKV ... 34
1) L-effetti legali tad-Deċiżjoni MKV ... 34
2) L-effetti legali tar-rapporti MKV ... 37
d) Il-miżuri nazzjonali inkwistjoni jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-MKV? ... 40
2. Il-prinċipju ta' indipendenza ġudizzjarja: l-Artikolu 47 tal-Karta u/jew l-Artikolu 19(1) TUE ... 41

a) L-Artikolu 47 tal-Karta . . . . . 42

b) L-Artikolu 19(1) TUE . . . . . 45

c) L-Artikolu 19(1) TUE u l-perikoli ta' bibien miftuħa wisq . . . . . 47

3. Il-kriterji u n-natura tal-evalwazzjoni . . . . . 50

a) Il-kriterji: l-aspetti esterni tal-indipendenza ġudizzjarja u d-duttrina ta' apparenzi . 50

b) In-natura tal-evalwazzjoni: x'għandu jiġi stabbilit . . . . . 52

C. Evalwazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni . . . . . 55

1. Il-kuntest ġenerali . . . . . 55

2. Ħatra fuq bażi ad interim tad-Direttorat tal-Ispettorat Ġudizzjarju . . . . . 56

a) Id-deċiżjoni tar-rinviju u l-pożizzjoni tal-partijiet . . . . . 56

b) Analiżi . . . . . 58

c) Konklużjoni provviżorja . . . . . 60

3. Taqsima Inkarigata mill-Investigazzjonijiet ta' Reati Mwettqa fi ħdan is-Sistema Ġudizzjarja . . . . . 61

a) Id-deċiżjonijiet tar-rinviju u l-pożizzjoni tal-partijiet . . . . . 61

b) Analiżi . . . . . 62

i) Ġustifikazzjoni . . . . . 63

– Ġustifikazzjoni aċċessibbli u mhux ambigwa? . . . . . 64

– Ġustifikazzjoni ġenwina? . . . . . 64

ii) Garanziji . . . . . 66

iii) Kuntest u funzjonament prattiku . . . . . 67

iv) Terminu raġonevoli . . . . . 68

c) Konklużjoni provviżorja . . . . . 71

IV. Konklużjoni . . . . . 71

## I. Introduzzjoni

1. Dawn il-kawżi jikkonċernaw żewġ aspetti istituzzjonali tas-sistema ġudizzjarja Rumena li reċentement ġew emendati permezz tar-riforma tal-hekk imsejħa "Liġijiet dwar il-Ġustizzja"[2] f'dan l-Istat Membru. Essenzjalment, il-ħames talbiet għal deċiżjoni preliminari eżaminati flimkien f'dawn il-konklużjonijiet jikkonċernaw, minn naħa, il-ħatra fuq bażi *ad interim* tal-kap tal- Inspecția Judiciară (l-Ispettorat Ġudizzjarju, ir-Rumanija), u, min-naħa l-oħra, il-ħolqien ta' taqsima speċifika fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prosekutur inkarigata mill-investigazzjonijiet ta' reati mwettqa fi ħdan is-sistema ġudizzjarja[3].

2. Madankollu, hemm żewġ kwistjonijiet preliminari li huma komuni għal dawn il-kawżi kollha li għandhom jiġu indirizzati fil-bidu. L-ewwel nett, x'inhi n-natura legali u l-effetti tal-"Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u ta' Verifika" (iktar 'il quddiem il-"MKV")[4], stabbilit permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/928/KE[5]?

3. Fuq il-bażi tal-MKV, il-Kummissjoni Ewropea toħroġ rapporti perjodiċi. Fir-rapport tagħha ppubblikat fl-2018[6], il-Kummissjoni identifikat diversi aspetti problematiċi relatati mar-riformi reċenti fis-sistema ġudizzjarja Rumena li huma s-suġġett ta' dawn ir-rinviji għal deċiżjoni preliminari. F'dan l-isfond, il-qrati tar-rinviju staqsew għal kjarifika dwar l-istatus legali tal-MKV u tar-rapporti tal-Kummissjoni, b'mod partikolari sabiex jiġi kkonstatat jekk ir-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-rapporti tal-Kummissjoni humiex vinkolanti fuq l-awtoritajiet Rumeni.

4. Barra minn hekk, filwaqt li jistaqsu dwar il-kompatibbiltà tal-emendi leġiżlattivi nazzjonali mal-prinċipji tal-Istat tad-dritt, tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tal-indipendenza tal-ġudikatura, id-domandi magħmula jindikaw għal numru ta' dispożizzjonijiet tad-dritt primarju, b'mod partikolari għall-Artikolu 2 TUE; it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE; u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"). It-tieni kwistjoni preliminari li teħtieġ li tiġi ċċarata hija għaldaqstant liema minn dawn id-dispożizzjonijiet huma applikabbli f'dawn il-kawżi, fil-kuntest partikolari wara l-adeżjoni tar-Rumanija li fih il-MKV għadu applikabbli.

2 Legea nr. 303/2004 privind statutul judecătorilor și procurorilor (il-Liġi Nru 303/2004 dwar ir-Regoli li Jirregolaw lill-Imħallfin u lill-Prosekuturi), ippubblikata mill-ġdid fil-Monitorul Oficial Nru 826 tat-13 ta' Settembru 2005 (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 303/2004"); Legea nr. 304/2004 privind organizarea judiciară (il-Liġi Nru 304/2004 dwar l-Organizzazzjoni tas-Sistema Ġudizzjarja), Monitorul Oficial Nru 827 tat-13 ta' Settembru 2005 (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 304/2004") u Legea nr. 317/2004 privind Consiliul Superior al Magistraturii (il-Liġi Nru 317/2004 dwar il-Kunsill Superjuri tal-Ġudikatura), Monitorul Oficial Nru 628 tal-1 ta' Settembru 2012 (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 317/2004").

3 Hemm talba parallela oħra għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-397/19. Din tikkonċerna bidliet fis-sistema nazzjonali tar-responsabbiltà ċivili tal-imħallfin. F'dik il-kawża, jiena ngħti konklużjonijiet separati fl-istess jum bħal dawn il-kawżi.

4 Apparti l-"MKV", fid-dawl tan-numru ta' akronimi użati f'dawn il-konklużjonijiet, insibha utli li nagħmel lista ta' dawk użati l-iktar frekwenti hawn għall-faċilità ta' riferiment: id-Direcția Națională Anticorupție (id-Direttorat Nazzjonali ta' Kontra l-Korruzzjoni, ir-Rumanija, iktar 'il quddiem id-"DNA"); il-Consiliul Superior al Magistraturii (il-Kunsill Superjuri tal-Ġudikatura, ir-Rumanija, iktar 'il quddiem il-"KSĠ"); u s-Secția pentru investigarea infracțiunilor din justiție (it-Taqsima Inkarigata mill-Investigazzjonijiet ta' Reati Mwettqa fi ħdan is-Sistema Ġudizzjarja, ir-Rumanija, iktar 'il quddiem it-"TIRSĠ").

5 Deċiżjoni tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verfika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni (ĠU 2007, L 142M, p. 825) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni MKV").

6 Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Progress li sar mir-Rumanija taħt il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika COM(2018) 851 final tat-13 ta' Novembru 2018 (iktar 'il quddiem ir-"Rapport MKV tal-2018"), akkumpanjat mid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Rumanija: Rapport Tekniku SWD(2018) 551 final (iktar 'il quddiem ir-"Rapport Tekniku tal-MKV tal-2018").

# I. Il-kuntest ġuridiku

## A. Id-dritt tal-Unjoni

### *1. Id-dritt primarju*

5. Skont l-Artikolu 4(3) tat-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem it-"Trattat ta' Adeżjoni")[7], l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jadottaw qabel l-adeżjoni, *inter alia*, il-miżuri msemmija fl-Artikoli 37 u 38 tal-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija (iktar 'il quddiem l-"Att ta' Adeżjoni")[8].

6. L-Artikolu 2 tal-Att ta' Adeżjoni jipprevedi li, mid-data tal-adeżjoni, id-dispożizzjonijiet tat-Trattati oriġinali u l-atti adottati mill-istituzzjonijiet qabel l-adeżjoni għandhom jorbtu lir-Rumanija u għandhom japplikaw bil-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati u fl-Att ta' Adeżjoni.

7. L-Artikolu 37 tal-Att ta' Adeżjoni jistabbilixxi li: "Jekk il-Bulgarija jew ir-Rumanija tkun naqset milli timplimenta l-impenji assunti fil-kuntest tan-negozjati dwar l-adeżjoni, u tikkawża ksur kontra l-funzjonament tas-suq intern, inklużi kwalunkwe impenji fil-politika settorjali kollha li tikkonċerna l-attivitajiet ekonomiċi b'effett transkonfinali, jew toħloq xi riskju imminenti ta' tali ksur, il-Kummissjoni tista', sa l-aħħar ta' perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin wara l-adeżjoni, fuq talba motivata ta' Stat Membru jew bl-inizjattiva tagħha stess, tieħu l-miżuri adatti.

Il-miżuri għandhom ikunu proporzjonati u għandha tingħata prijorità lil miżuri li l-anqas ifixklu l-funzjonament tas-suq intern u, fejn kunsiljabbli, lill-applikazzjoni ta' mekkaniżmi eżistenti ta' salvagwardja settorali. Tali miżuri ta' salvagwardja ma għandhomx jiġu invokati bħala mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew ta' restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Il-klawsola ta' salvagwardja tista' tiġi invokata wkoll qabel l-adeżjoni abbażi tar-riżultati tal-monitoraġġ u l-miżuri adottati għandhom jidħlu fis-seħħ mill-ewwel jum ta' l-adeżjoni sakemm ma jipprovdux għal data aktar tard. Il-miżuri m'għandhomx jinżammu għal żmien aktar milli huwa strettament meħtieġ u, fi kwalunkwe każ, għandhom jitneħħew meta l-impenn rilevanti jiġi implimentat. Madankollu jistgħu jiġu applikati lil hinn mill-perjodu speċifikat fl-ewwel paragrafu sakemm l-impenji rilevanti ma jkunux ġew imwettqa. Bi tweġiba għall-progress li jagħmel l-Istat Membru l-ġdid konċernat fit-twettiq ta' l-impenji tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadatta l-miżuri kif xieraq. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill fi żmien suffiċjenti qabel tirrevoka l-miżuri ta' salvagwardja, u hija għandha tikkunsidra kif dovut kull osservazzjoni tal-Kunsill f'dan ir-rigward."

8. L-Artikolu 38 tal-Att ta' Adeżjoni jgħid li: "Jekk jeżistu nuqqasijiet serji jew xi riskji imminenti ta' tali nuqqasijiet fil-Bulgarija jew fir-Rumanija fit-traspożizzjoni, fl-istat ta' l-implimentazzjoni, jew fl-applikazzjoni tad-deċiżjonijiet kwadru jew ta' kwalunkwe impenn pertinenti ieħor, ta' kwalunkwe strument ta' koperazzjoni u deċiżjoni konnessa mar-rikonoxximent reċiproku fil-qasam tal-liġi kriminali taħt it-Titolu VI tat-Trattat ta' l-UE u taħt id-Direttivi u r-Regolamenti dwar ir-rikonoxximent reċiproku f'materji ċivili taħt it-Titolu IV tat-Trattat KE, il-Kummissjoni tista', sa tmiem perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin wara l-adeżjoni, fuq

7 ĠU 2005, L 157, p. 11.

8 ĠU 2005, L 157, p. 203.

it-talba motivata ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess u wara li tikkonsulta lill-Istati Membri, tieħu l-miżuri adatti u tispeċifika l-kondizzjonijiet u l-modalitajiet li taħthom dawn il-miżuri għandhom jiddaħħlu fis-seħħ.

Dawn il-miżuri jistgħu jieħdu l-forma ta' sospensjoni temporanja ta' l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet u deċiżjonijiet pertinenti fir-relazzjonijiet bejn il-Bulgarija jew ir-Rumanija u kwalunkwe wieħed jew aktar mill-Istati Membri oħra, mingħajr preġudizzju għall-kontinwazzjoni tal-koperazzjoni ġudizzjarja mill-qrib. Il-klawsola ta' salvagwardja tista' tiġi invokata anki qabel l-adeżjoni abbażi tar-riżultati tal-monitoraġġ u l-miżuri adottati għandhom jidħlu fis-seħħ mill-ewwel jum ta' l-adeżjoni sakemm ma jipprovdux għal data iktar tard. Il-miżuri ma għandhomx jinżammu għal aktar żmien minn dak strettament meħtieġ u, fi kwalunkwe każ, għandhom jitneħħew meta n-nuqqasijiet jiġu rrimedjati. Madanakollu jistgħu jiġu applikati lil hinn mill-perjodu speċifikat fl-ewwel paragrafu sakemm dawn in-nuqqasijiet jippersistu. Bi tweġiba għall-progress li jagħmel l-Istat Membru l-ġdid konċernat fir-rettifika tan-nuqqasijiet identifikati, il-Kummissjoni tista' tadatta l-miżuri kif ikun adatt wara li tikkonsulta ma' l-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill fi żmien debitu qabel tirrevoka l-miżuri ta' salvagwardja, u hija għandha tikkunsidra kif dovut kwalunkwe osservazzjonijiet tal-Kunsill f'dan ir-rigward."

## *2. Id-Deċiżjoni MKV*

9. Id-Deċiżjoni MKV ġiet adottata, skont il-premessa 5 tagħha, fuq il-bażi tal-Artikoli 37 u 38 tal-Att ta' Adeżjoni.

10. Skont il-premessa 6 tad-Deċiżjoni MKV, "[i]l-kwistjonijiet li għad fadal fil-kontabilità u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja u l-entitajiet ta' l-infurzar jiġġustifikaw it-twaqqif ta' mekkaniżmu għal kooperazzjoni u verifika tal-progress tar-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni".

11. L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni MKV jistabbilixxi li r-Rumanija għandha tirrapporta lill-Kummissjoni kull sena dwar il-progress magħmul fl-indirizzar ta' punti ta' riferiment kollha pprovduti fl-anness ta' din id-deċiżjoni. Skont l-Artikolu 2, il-Kummissjoni ser tikkomunika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill il-kummenti u r-riżultati tagħha dwar ir-rapport tar-Rumanija għall-ewwel darba f'Ġunju 2007, u wara, kif u meta jkun meħtieġ u mill-inqas kull sitt xhur. L-Artikolu 3 jipprevedi li d-Deċiżjoni MKV "għandha tidħol fis-seħħ soġġetta biss għal u fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni". Skont l-Artikolu 4, id-Deċiżjoni MKV hija indirizzata lill-Istati Membri kollha.

12. L-Anness tad-Deċiżjoni MKV jinkludi l-"[p]unti ta' riferiment li għandhom jiġu indirizzati mir-Rumanija, imsemmija f'Artikolu 1". L-ewwel, it-tielet u r-raba' parametru referenzjarju stabbiliti hawn huma, rispettivament: sabiex "[t]assigura proċess ġudizzjarju aktar trasparenti u effiċjenti partikolarment billi jiġu mtejba l-kapaċità u l-kontabilità tal-Kunsill Superjuri tal-Ġudikatura. [...]"; "[t]ibni fuq il-progress li diġà sar, tkompli tagħmel investigazzjonijiet professjonali u mhux partiġjani dwar allegazzjonijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli"; u li "[t]ieħu aktar miżuri sabiex timpedixxi u tiġġieled il-korruzzjoni, b'mod partikolari fi ħdan il-gvern lokali".

### B. Id-dritt Rumen

#### *1. Il-Kostituzzjoni Rumena*

13. L-Artikolu 115(4) tal-Constituția României (il-Kostituzzjoni Rumena) jipprevedi li "[i]l-Gvern jista' jadotta digrieti ta' urġenza biss f'każijiet eċċezzjonali, li r-regolamentazzjoni tagħhom ma tistax tiġi posposta, u għandu l-obbligu li jagħti r-raġunijiet għall-istatus urġenti tagħhom fil-kontenut tagħhom".

14. Skont l-Artikolu 133(1) tal-Kostituzzjoni Rumena, "[i]l-Kunsill Superjuri tal-Ġudikatura huwa l-garanti tal-indipendenza ġudizzjarja".

15. L-Artikolu 132(1) tal-Kostituzzjoni Rumena jistabbilixxi li l-"prosekuturi għandhom iwettqu l-funzjonijiet tagħhom fl-osservanza tal-prinċipji ta' legalità, ta' imparzjalità u ta' kontroll ġerarkiku, taħt l-awtorità tal-Ministru għall-Ġustizzja".

#### *2. Dispożizzjonijiet relatati mal-Ispettorat Ġudizzjarju*

##### *a) Il-Liġi Nru 317/2004*

16. Skont l-Artikolu 65 tal-Liġi Nru 317/2004 dwar il-KSĠ:

"(1) L-Ispettorat Ġudizzjarju għandu jiġi stabbilit bħala organu li għandu personalità ġuridika fil-[KSĠ], bis-sede tiegħu f'Bukarest, permezz tar-riorganizzazzjoni tal-Ispettorat Ġudizzjarju.

(2) L-Ispettorat Ġudizzjarju għandu jkun immexxi minn kap spettur, assistit minn deputat kap spettur, li t-tnejn li huma għandhom jinħatru wara kompetizzjoni organizzata mill-[KSĠ].

(3) L-Ispettorat Ġudizzjarju għandu jaġixxi skont il-prinċipju ta' indipendenza operazzjonali, billi jwettaq, permezz tal-Ispetturi Ġudizzjarji maħtura skont il-kundizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, inkarigi ta' analiżi, ta' verifika u ta' kontroll f'oqsma speċifiċi ta' attività."

17. Skont l-Artikolu 67 tal-Liġi Nru 317/2004:

"1. Il-kap spettur u d-deputat kap spettur għandhom jinħatru mill-assemblea ġenerali tal-[KSĠ] minn fost spetturi ġudizzjarji fil-kariga, wara kompetizzjoni li tikkonsisti f'sottomissjoni ta' proġett relatat mal-eżerċizzju tas-setgħat speċifiċi għall-pożizzjoni ta' mmaniġġjar inkwistjoni, u f'test bil-miktub tal-għarfien fil-qasam tal-immaniġġjar, tal-komunikazzjoni u tar-riżorsi umani u tal-kapaċità tal-kandidat li jieħu deċiżjonijiet u li jerfa' r-responsabbiltà u kemm huwa reżiljenti għall-istress, kif ukoll f'test psikoloġiku.

2. Il-kompetizzjoni għandha tiġi organizzata mill-[KSĠ], skont ir-regoli approvati b'deċiżjoni tal-assemblea ġenerali tal-[KSĠ], ippubblikata fil-Monitorul Oficial al României, parti I.

3. Il-kompetizzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' kap spettur u deputat kap spettur għandhom jiġu mħabbra mill-inqas tliet xhur qabel ma jinżammu.

4. Il-mandat tal-kap spettur u tad-deputat kap spettur huwa ta' tliet snin u jista' jiġi mġedded darba biss, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 67(1).

5. Il-kap spettur u d-deputat kap spettur jistgħu jitneħħew mill-kariga mill-assemblea ġenerali tal-[KSĠ], meta jonqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom ta' mmaniġġjar jew ma jwettquhomx b'mod xieraq. It-tneħħija mill-kariga tiġi deċiża fuq il-bażi tar-rapport annwali ta' awditu msemmi fl-Artikolu 68.

6. Deċiżjoni ta' tneħħija meħuda mill-assemblea ġenerali tal-[KSĠ] tista' tiġi appellata, fi 15-il ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni, lill-awla amministrattiva u fiskali tal-Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija). L-appell jissospendi l-infurzar tad-deċiżjoni tal-[KSĠ]. Deċiżjoni meħuda fl-appell għandha tkun irrevokabbli."

### *b) Id-Digriet ta' Urġenza Nru 77/2018*

18. L-Artikolu I tad-Digriet ta' Urġenza tal-Gvern Nru 77/2018 li jissupplimenta l-Artikolu 67 tal-Liġi Nru 317/2004 dwar il-KSĠ (iktar 'il quddiem id-"Digriet ta' Urġenza Nru 77/2018")[9], inkluda żewġ paragrafi ġodda wara l-Artikolu 67(6) tal-Liġi Nru 317/2004:

"7. Fejn il-pożizzjoni ta' kap spettur jew deputat kap spettur, kif applikabbli, tal-Ispettorat Ġudizzjarju ssir vakanti bħala riżultat tal-iskadenza tal-mandat, il-kap spettur jew deputat kap spettur, kif applikabbli, li l-mandat tiegħu jkun spiċċa, għandu jaġixxi bħala sostitut sad-data li fiha din il-pożizzjoni timtela skont it-termini stabbiliti mil-leġiżlazzjoni.

8. Fejn il-mandat tal-kap spettur jispiċċa għal raġuni oħra għajr l-iskadenza tal-mandat, id-deputat kap spettur għandu jaġixxi bħala sostitut sad-data li fiha din il-pożizzjoni timtela skont it-termini stabbiliti mil-leġiżlazzjoni. Fejn il-mandat tad-deputat kap spettur jispiċċa għal raġuni oħra għajr l-iskadenza tal-mandat, spettur ġudizzjarju maħtur mill-kap spettur għandu jaġixxi bħala sostitut sad-data li fiha din il-pożizzjoni timtela skont it-termini stabbiliti mil-leġiżlazzjoni".

19. Skont l-Artikolu II tad-Digriet ta' Urġenza Nru 77/2018, l-Artikolu 67(7) tal-Liġi Nru 317/2004 "għandu japplika wkoll għal sitwazzjonijiet li fihom il-pożizzjoni ta' kap spettur jew ta' deputat kap spettur, kif applikabbli, tal-Ispettorat Ġudizzjarju tkun vakanti fid-data li fiha dan id-digriet ta' urġenza jidħol fis-seħħ".

[9] Ordonanța de Urgență a Guvernului nr. 77/2018, din 5 septembrie 2018, pentru completarea art. 67 din Legea nr. 317/2004 privind Consiliul Superior al Magistraturii (Monitorul Oficial Nru 767 tal-5 ta' Settembru 2018). Diversi dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 317/2004, inklużi l-Artikoli 65 u 67, ġew immodifikati ulterjorment mil-Legea nr. 234/2018 pentru modificarea și completarea Legii nr. 317/2004 privind CSM (il-Liġi Nru 234/2018 li Temenda u Tissupplimenta l-Liġi Nru 317/2004 dwar il-KSĠ, Monitorul Oficial Nru 850 tat-8 ta' Ottubru 2018).

### *3. Dispożizzjonijiet relatati mat-Taqsima Inkarigata mill-Investigazzjonijiet ta' Reati Mwettqa fi ħdan is-Sistema Ġudizzjarja*

### *a) Il-Liġi Nru 207/2018*

20. Permezz tal-Artikolu I(45) tal-Liġi Nru 207/2018 li Temenda u Tissupplimenta l-Liġi Nru 304/2004 dwar l-Organizzazzjoni tal-Ġudikatura (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 207/2018") [10], taqsima ġdida li tirregola t-Taqsima Inkarigata mill-Investigazzjonijiet ta' Reati Mwettqa fi ħdan is-Sistema Ġudizzjarja (iktar 'il quddiem it-"TIRSĠ") u li tinkludi l-Artikoli 88[1] sa 88[9] ġiet inkluża wara l-Artikolu 88 tal-Liġi Nru 304/2004.

21. L-Artikolu 88[1] tal-Liġi Nru 304/2004, kif emendata, jaqra kif ġej:

"1. It-[TIRSĠ] għandha tiġi stabbilita fi ħdan il-Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție (l-Uffiċċju tal-Prosekutur anness mal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja). Din it-taqsima għandu jkollha ġurisdizzjoni esklużiva fir-rigward ta' proċeduri kriminali dwar reati mwettqa minn imħallfin u prosekuturi, inklużi mħallfin u prosekuturi militari u dawk li huma membri tal-[KSĠ].

2. It-[TIRSĠ] għandu jkollha ġurisdizzjoni fir-rigward ta' proċeduri kriminali fejn persuni oħra jkunu s-suġġett ta' azzjoni kriminali apparti dawk imsemmija fil-paragrafu 1.

[...]

4. It-[TIRSĠ] għandha titmexxa minn kap prosekutur tat-taqsima, assistit minn deputat kap prosekutur, maħtura f'dawn ir-rwoli mill-assemblea ġenerali tal-[KSĠ], suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'din il-liġi.

5. Il-Prosekutur Ġenerali tal-Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție (l-Uffiċċju tal-Prosekutur anness mal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja) għandu jsolvi kunflitti ta' ġurisdizzjoni bejn it-[TIRSĠ] u l-istrutturi jew l-unitajiet l-oħra tal-Uffiċċju tal-Prosekutur.

[...]"

22. Skont l-Artikolu 88[2] tal-Liġi Nru 304/2004, kif emendata:

"1. It-[TIRSĠ] għandha twettaq l-attivitajiet tagħha skont il-prinċipji ta' legalità, imparzjalità u kontroll ġerarkiku.

2. Id-delegazzjoni jew il-kollokament ta' prosekuturi mat-[TIRSĠ] għandhom ikunu pprojbiti.

3. It-[TIRSĠ] għandha twettaq l-attivitajiet tagħha b'massimu ta' ħmistax-il prosekutur.

4. In-numru ta' pożizzjonijiet fit-[TIRSĠ] jista' jiġi aġġustat, skont il-volum ta' attività, b'ordni tal-Prosekutur Ġenerali tal-Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție (l-Uffiċċju tal-Prosekutur anness mal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja), fuq talba tal-kap prosekutur tat-taqsima, bi qbil tal-assemblea ġenerali tal-[KSĠ]."

[10] Legea nr. 207/2018 pentru modificarea și completarea Legii nr. 304/2004 privind organizarea judiciară (Monitorul Oficial, parti I, Nru 636 tal-20 ta' Lulju 2018).

23. L-Artikolu $88^{3}$ u l-Artikolu $88^{4}$ tal-Liġi Nru 304/2004, kif emendata, jirregolaw, rispettivament il-proċedura tal-ħatra tal-Kap Prosekutur u tad-Deputat Prosekutur tat-TIRSĠ, inkluża l-kompożizzjoni tal-bord tal-għażla tal-kap prosekutur u r-rekwiżiti għall-parteċipazzjoni fil-kompetizzjoni. B'mod partikolari, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu $88^{3}$ jistabbilixxi li "l-kap prosekutur tat-[TIRSĠ] għandu jinħatar fir-rwol tiegħu mill-assemblea ġenerali tal-[KSĠ], wara kompetizzjoni li tikkonsisti fis-sottomissjoni ta' proġett relatat mat-twettiq ta' inkarigi speċifiċi għall-kariga ta' mmaniġġjar inkwistjoni, li hija intiża li tevalwa l-ħiliet ta' mmaniġġjar tal-kandidat, l-immaniġġjar effettiv ta' riżorsi, il-kapaċità li jieħu deċiżjonijiet u li jassumi responsabbiltajiet, il-ħiliet ta' komunikazzjoni u r-reżiljenza għall-istress, kif ukoll l-integrità tiegħu, l-attività tiegħu bħala prosekutur u r-relazzjoni tiegħu ma' valuri speċifiċi għal din il-professjoni, bħall-indipendenza ġudizzjarja u r-rispett għal drittijiet u libertajiet fundamentali". Barra minn hekk, skont l-Artikolu $88^{3}$(7), "it-tneħħija tal-kap prosekutur tat-[TIRSĠ] mill-pożizzjoni tiegħu għandha tiġi deċiża mill-assemblea ġenerali tal-[KSĠ] meta jonqos milli jwettaq id-dmirijiet speċifiċi għar-rwol tiegħu jew meta kien suġġett għal azzjoni dixxiplinari fl-aħħar tliet snin, fuq il-proposta tal-bord previst fil-paragrafu 2". Skont l-Artikolu $88^{3}$(8), "il-kap prosekutur tat-[TIRSĠ] għandu jinħatar fir-rwol tiegħu għal terminu ta' tliet snin, li jista' jiġġedded darba biss".

24. L-Artikolu $88^{5}$ tal-Liġi Nru 304/2004, kif emendat, jirregola l-proċedura tal-għażla tal-prosekuturi tat-TIRSĠ u r-regoli għall-kompetizzjoni, li jinkludu intervista quddiem l-assemblea ġenerali tal-KSĠ, u evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-kandidati. Skont il-paragrafu 1, il-prosekuturi għandhom jinħatru mill-assemblea ġenerali tal-KSĠ wara kompetizzjoni, għal terminu ta' tliet snin, bil-possibbiltà ta' tiġdid għal terminu massimu totali ta' disa' snin. Skont il-paragrafu 3, sabiex ikunu jistgħu japplikaw għal din il-kompetizzjoni, il-prosekuturi għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet kumulattivi segwenti: "(a) ma kinux suġġetti għal azzjoni dixxiplinari fl-aħħar tliet snin; (b) ikunu mill-inqas tal-grad meħtieġ sabiex jaħdmu f'uffiċċju tal-prosekuturi anness ma' qorti tal-appell; (c) it-tul ta' servizz attwali tagħhom fir-rwol ta' prosekutur huwa ta' mill-inqas 18-il sena; (d) irċevew taħriġ professjonali xieraq; (e) il-kondotta morali tagħhom ma tistax tiġi kkritikata".

25. L-Artikolu $88^{8}$(1) jistabbilixxi li s-setgħat tat-TIRSĠ jinkludu s-setgħa: (a) li tistitwixxi proċeduri kriminali fir-rigward ta' reati li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tagħha; (b) li tirreferi lill-qrati kwistjonijiet relatati mar-reati previsti fil-punt (a); (c) li tistabbilixxi u taġġorna d-databases dwar reati li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tagħha; u (d) setgħat oħra mogħtija lilha bil-liġi. Skont l-Artikolu $88^{8}$(2), "is-seduti f'kawżi li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tat-taqsima għandhom isiru fil-preżenza tal-prosekuturi tat-taqsima ġudizzjarja tal-Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție (l-Uffiċċju tal-Prosekutur anness mal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja) jew tal-prosekuturi tal-Uffiċċju tal-Prosekutur anness mal-qorti li quddiemha l-kawża tkun tressqet".

26. L-Artikolu III tal-Liġi Nru 207/2018 jipprevedi li:

"(1) It-[TIRSĠ] għandha tibda l-attivitajiet tagħha fi żmien tliet xhur mid-data li fiha din il-liġi tidħol fis-seħħ.

(2) Kawżi li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tat-[TIRSĠ] li huma pendenti quddiem kwalunkwe diviżjoni tal-uffiċċju tal-prosekuturi u ma jkunux solvuti qabel id-data li fiha t-taqsima ssir operazzjonali għandhom jintbagħtu lil din it-taqsima sabiex jiġu solvuti meta tkun operazzjonali."

### *b) Id-Digriet ta' Urġenza Nru 90/2018*

27. Id-Digriet ta' Urġenza tal-Gvern Nru 90/2018 dwar il-Miżuri Relatati mar-Regoli li Jirregolaw l-Operazzjoni tat-[TIRSĠ] (iktar 'il quddiem id-"Digriet ta' Urġenza tal-Gvern Nru 90/2018") [11], ġie adottat sabiex jagħmel it-[TIRSĠ] operazzjonali sat-terminu stabbilit skont l-Artikolu III(1) tal-Liġi Nru 207/2018. Skont il-preambolu tiegħu, peress li, fid-data tal-adozzjoni tiegħu, il-KSĠ ma kienx lesta l-proċedura sabiex jagħmel it-TIRSĠ operazzjonali, il-Gvern qies li kien neċessarju li jadotta miżuri leġiżlattivi urġenti li jistabbilixxu proċedura sempliċi, bħala deroga mill-Artikoli $88^{3}$ sa $88^{5\ l}$-ġodda tal-Liġi Nru 304/2004, għall-ħatra provviżorja tal-kap prosekutur, id-deputat kap prosekutur u mill-inqas terz mill-prosekuturi tat-taqsima.

28. L-Artikolu I tad-Digriet ta' Urġenza Nru 90/2018 jemenda l-Artikolu $88^{2}$(3) tal-Liġi Nru 304/2004 bil-mod segwenti: "It-[TIRSĠ] għandha twettaq l-attivitajiet tagħha bi 15-il pożizzjoni ta' prosekutur".

29. L-Artikolu II tad-Digriet ta' Urġenza Nru 90/2018 jistabbilixxi proċedura li tidderoga mill-Artikoli $88^{3}$ sa $88^{5}$ tal-Liġi Nru 304/2004, bl-għan tal-ħatra provviżorja tal-kap prosekutur u mill-inqas terz tal-prosekuturi tat-TIRSĠ. B'mod partikolari, skont il-paragrafu 1 ta' din id-dispożizzjoni, qabel it-tlestija tal-kompetizzjonijiet organizzati bl-għan tal-ħatriet għall-pożizzjoni ta' kap prosekutur tat-TIRSĠ u tal-pożizzjonijiet eżekuttivi ta' prosekutur ta' din it-taqsima, il-funzjonijiet tal-kap prosekutur u mill-inqas terz tal-funzjonijiet eżekuttivi tal-prosekutur għandhom jitwettqu b'mod provviżorju minn prosekuturi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti bil-liġi għall-ħatra f'dawn il-pożizzjonijiet, magħżula mill-bord responsabbli għall-organizzazzjoni tal-kompetizzjoni stabbilita skont l-Artikolu $88^{3}$(2) tal-Liġi Nru 304/2004. Skont il-paragrafu 2, il-kandidati għandhom jintgħażlu mill-bord responsabbli għall-organizzazzjoni ta' din il-kompetizzjoni, li għandu jwettaq l-attivitajiet tiegħu fil-preżenza ta' mill-inqas tliet membri, skont proċedura li għandha sseħħ f'ħamest ijiem kalendarji mid-data li fiha tiġi skattata mill-President tal-KSĠ. Skont il-paragrafu 11: "B'effett mid-data li fiha t-[TIRSĠ] issir operazzjonali, din it-taqsima għandha tassumi l-kawżi li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tagħha li jkunu pendenti quddiem id-Direcția Națională Anticorupție (id-Direttorat Nazzjonali ta' Kontra l-Korruzzjoni, ir-Rumanija, iktar 'il quddiem id-"DNA") u diviżjonijiet oħra tal-uffiċċju tal-prosekuzzjoni, kif ukoll il-fajls tal-kawżi relatati mal-ksur previst fl-Artikolu $88^{1}$(1) tal-Liġi Nru 304/2004, ippubblikata mill-ġdid, kif sussegwentement emendata u ssupplimentata, li kienu magħluqa qabel id-data li fiha din it-taqsima saret operazzjonali."

### *c) Id-Digriet ta' Urġenza Nru 92/2018*

30. Id-Digriet ta' Urġenza tal-Gvern Nru 92 tal-15 ta' Ottubru 2018 li Jemenda u Jissupplimenta Ċerti Atti Normattivi fil-Qasam tal-Ġustizzja (iktar 'il quddiem id-"Digriet ta' Urġenza Nru 92/2018") [12] emenda, *inter alia*, il-Liġi Nru 304/2004 billi introduċa paragrafu 5 ġdid għall-Artikolu $88^{2}$, li jindika li l-prosekuturi tat-TIRSĠ għandhom l-istatus ta' prosekuturi kkollokati għat-tul tal-funzjonijiet tagħhom ma' din it-taqsima. L-Artikolu $88^{5}$(5) ġie emendat billi jipprevedi li l-intervista fil-proċedura tal-għażla tal-prosekuturi tat-TIRSĠ titwettaq quddiem il-bord tal-għażla, u mhux quddiem l-assemblea ġenerali tal-KSĠ.

[11] Ordonanța de urgență a guvernului nr. 90/2018 privind unele măsuri pentru operaționalizarea Secției pentru investigarea infracțiunilor din justiție (Monitorul Oficial Nru 862 tal-10 ta' Ottubru 2018).

[12] Ordonanța de urgență nr. 92 din 15 octombrie 2018 pentru modificarea și completarea unor acte normative în domeniul justiției (Monitorul Oficial Nru 874 tas-16 ta' Ottubru 2018).

### *d) Id-Digriet ta' Urġenza Nru 7/2019*

31. Id-Digriet ta' Urġenza tal-Gvern Nru 7 tal-20 ta' Frar 2019 li Jistabbilixxi Ċerti Miżuri Temporanji dwar il-Kompetizzjoni għall-Ammissjoni fl-Institutul Național al Magistraturii (l-Istitut Nazzjonali tal-Ġudikatura, ir-Rumanija), it-Taħriġ Ġudizzjarju Inizjali tal-Imħallfin u tal-Prosekuturi, l-Eżami tal-Gradwazzjoni tal-Istitut Nazzjonali tal-Ġudikatura, il-Perijodu ta' Prova u l-Eżami tal-Kapaċità tal-Imħallfin u tal-Prosekuturi bi Prova, u li Jemenda u Jissupplimenta l-Liġi Nru 303/2004, il-Liġi Nru 304/2004 u l-Liġi Nru 317/2004[13], *inter alia*, jemenda u jissupplimenta l-Liġi Nru 304/2004. Dan iżid paragrafu 6 ġdid għall-Artikolu $88^1$ tagħha, li skontu, meta l-Codul de procedură penală (il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali) jew kwalunkwe liġi oħra speċjali jirreferu għall-"prosekutur ġerarkikament superjuri" f'kawżi relatati ma' reati fil-ġurisdizzjoni tat-TIRSĠ, din l-espressjoni għandha tinftiehem li tirreferi għall-kap prosekutur tat-TIRSĠ, inklużi deċiżjonijiet adottati qabel ma din it-taqsima saret operazzjonali.

32. Dan introduċa wkoll, wara l-paragrafu 11 tal-Artikolu $88^5$, żewġ paragrafi ġodda ($11^1$) u ($11^2$), li jemendaw il-proċedura tal-ħatra stabbilita f'din id-dispożizzjoni. Skont il-paragrafu ($11^1$), il-membri tal-bord tal-għażla msemmija fl-Artikolu $88^5$ jżommu l-vot tagħhom fl-assemblea ġenerali tal-KSĠ. Il-paragrafu ($11^2$) jipprevedi li l-bordijiet tal-għażla previsti fl-Artikoli $88^3$ u $88^5$ rispettivament iwettqu l-attività tagħhom legalment jekk mill-inqas tlieta mill-membri tagħhom ikunu preżenti.

33. Dan id-digriet jemenda wkoll l-Artikolu $88^8$, billi jipprevedi, fil-paragrafu 1(d), setgħa ġdida tat-TIRSĠ, li tikkonsisti fit-tressiq jew l-irtirar ta' azzjonijiet f'kawżi fil-ġurisdizzjoni tat-Taqsima, inklużi kawżi pendenti quddiem il-qrati jew konklużi definittivament qabel ma saret operazzjonali.

### *e) Id-Digriet ta' Urġenza Nru 12/2019*

34. Id-Digriet ta' Urġenza tal-Gvern Nru 12 tal-5 ta' Marzu 2019 li Jemenda u Jissupplimenta Ċerti Atti Normattivi fil-Qasam tal-Ġustizzja (iktar 'il quddiem id-"Digriet ta' Urġenza Nru 12/2019")[14], emenda l-Liġi Nru 303/2004 dwar l-Istatus tal-Imħallfin u tal-Prosekuturi, u introduċa l-Artikoli $88^{10}$ u $88^{11}$ fil-Liġi Nru 304/2004. L-Artikolu $88^{10}$ jipprevedi l-kollokament ta' uffiċjali tal-pulizija ġudizzjarja mat-TIRSĠ, fuq talba tal-kap prosekutur ta' din it-taqsima, bid-deċiżjoni tal-Ministru għall-Affarijiet Interni. It-tul ta' dawn il-kollokamenti jista' jkun sa tliet snin, li jistgħu jiġġeddu mill-ġdid għall-istess perijodu.

[13] Ordonanța de urgență nr. 7/2019 din 20 februarie 2019 privind unele măsuri temporare referitoare la concursul de admitere la Institutul Național al Magistraturii, formarea profesională inițială a judecătorilor și procurorilor, examenul de absolvire a Institutului Național al Magistraturii, stagiul și examenul de capacitate al judecătorilor și procurorilor stagiari, precum și pentru modificarea și completarea Legii nr. 303/2004 privind statutul judecătorilor și procurorilor, Legii nr. 304/2004 privind organizarea judiciară și Legii nr. 317/2004 privind Consiliul Superior al Magistraturii (Monitorul Oficial Nru 137 tal-20 ta' Frar 2019).

[14] Ordonanța de urgență nr. 12 din 5 martie 2019 pentru modificarea şi completarea unor acte normative în domeniul justiției (Monitorul Oficial Nru 185 tas-7 ta' Marzu 2019).

## II. Il-fatti, il-proċedura nazzjonali u d-domandi preliminari

### A. Il-Kawża C-83/19

35. Fis-27 ta' Awwissu 2018, l-Asociația "Forumul Judecătorilor din România" (il-Forum tal-Assoċjazzjoni Rumena tal-Imħallfin, iktar 'il quddiem il-"Forum tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin" jew ir-"rikorrent") ippreżenta talba għall-iżvelar ta' informazzjoni ta' interess pubbliku mal-Ispettorat Ġudizzjarju (iktar 'il quddiem il-"konvenut"). L-informazzjoni mitluba kienet relatata mal-attività tal-Ispettorat Ġudizzjarju matul il-perijodu mill-2014 sa 2018. Hija kkonċernat speċifikament informazzjoni statistika dwar il-kawżi ttrattati minn dan l-organu, l-oriġini u r-riżultat ta' azzjonijiet dixxiplinari, kif ukoll informazzjoni dwar il-konklużjoni ta' protokoll bejn is-Serviciul Român de Informații (is-Servizz tal-Intelliġenza Rumena) u l-Ispettorat Ġudizzjarju u l-parteċipazzjoni ta' dawn is-servizzi fl-investigazzjonijiet.

36. Fl-24 ta' Settembru 2018, minħabba li t-tweġiba tal-konvenut wieġbet biss parzjalment għal din it-talba, ir-rikorrent ippreżenta rikors kontra l-konvenut quddiem it-Tribunalul Olt (il-Qorti tal-Kontea ta' Olt, ir-Rumanija). Ir-rikorrent talab li l-konvenut jiġi ordnat jiżvela ċerta informazzjoni li kienet is-suġġett tat-talba tas-27 ta' Awwissu 2018.

37. Fir-risposta tiegħu, ippreżentata fis-26 ta' Ottubru 2018, il-konvenut sostna li d-drittijiet tar-rikorrent bħala individwu baqgħu rrispettati u li l-azzjoni għandha tiġi miċħuda bħala infondata. Din id-difiża kienet iffirmata mill-Imħallef Lucian Netejoru.

38. L. Netejoru ġie maħtur Kap Spettur tal-Ispettorat Ġudizzjarju b'deċiżjoni Nru 702/2015 tat-30 ta' Ġunju 2015 tal-assemblea ġenerali tal-KSĠ, b'mandat ta' tliet snin (mill-1 ta' Settembru 2015 sal-1 ta' Settembru 2018). Fiż-żmien meta d-difiża ġiet ippreżentata fil-proċeduri prinċipali, L. Netejoru kien qiegħed jaġixxi fil-kapaċità ta' kap spettur provviżorju fuq il-bażi tad-Digriet ta' Urġenza Nru 77/2018, adottat fil-5 ta' Settembru 2018.

39. Fir-replika tiegħu, ir-rikorrent qajjem oġġezzjoni li tallega li hemm żewġ raġunijiet għalfejn ma kinitx ingħatat prova li l-firmatarju tad-difiża, L. Netejoru, għandu setgħat ta' rappreżentanza għall-konvenut. L-ewwel nett, l-ebda att amministrattiv ma ġie adottat mill-awtorità kompetenti sabiex jinħatar il-kap spettur tal-Ispettorat Ġudizzjarju, l-assemblea ġenerali tal-KSĠ, li jattesta li kien hemm konformità mar-rekwiżiti statutorji sabiex jaġixxi f'din il-pożizzjoni *ad interim*.

40. It-tieni nett, id-dispożizzjonijiet tad-Digriet ta' Urġenza Nru 77/2018 huma antikostituzzjonali. Ir-rikorrent sostna li, bl-estensjoni tal-mandati tad-Direttorat tal-Ispettorat Ġudizzjarju permezz tad-Digriet ta' Urġenza Nru 77/2018, il-gvern kiser is-setgħat kostituzzjonali tal-KSĠ. Ir-rikorrent ibbaża l-oġġezzjoni tiegħu fuq il-konstatazzjonijiet tar-Rapport tal-Kummissjoni tal-MKV tal-2018, li skontu "l-fatt li l-Ministru għall-Ġustizzja ddeċieda li jintervjeni, billi tawwal il-mandati ta' dawk fil-kariga, seta' jitqies bħala ndħil fis-setgħat tal-KSĠ" u jsostni li d-Digriet ta' Urġenza Nru 77/2018 jikser il-garanzija tal-indipendenza stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE. Ir-rikorrent sostna li, jekk jiġi stabbilit li l-MKV, u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, jimponu obbligi vinkolanti fuq ir-Rumanija u li din naqset milli tikkonforma ruħha ma' dawn l-obbligi, dan ifisser li L. Netejoru ma għandu l-ebda dritt jaġixxi bħala rappreżentant legali, li jwassal sabiex ir-risposta prodotta fil-proċess tal-kawża (inklużi l-motivi ta' difiża, il-provi prodotti u l-oġġezzjonijiet) tiġi mħassra.

41. Il-konvenut issottometta li d-Deċiżjoni Nru 702/2015 tal-KSĠ, li ħatret lil L. Netejoru bħala kap spettur, tidher fuq is-sit tal-Ispettorat Ġudizzjarju. Barra minn hekk, il-konvenut invoka d-Digriet ta' Urġenza Nru 77/2018. Fuq din il-bażi, il-konvenut sostna li l-oġġezzjoni tar-rikorrent għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

42. F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunalul Olt (il-Qorti tal-Kontea ta' Olt, ir-Rumanija), iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) Il-[MKV], stabbilit bid-[Deċiżjoni MKV] għandu jitqies bħala att meħud minn istituzzjoni tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, li jista' jiġi suġġett għall-interpretazzjoni tal-[Qorti tal-Ġustizzja]?

2) Il-kontenut, in-natura u t-tul *ratione temporis* tal-[MKV], stabbilit bid-[Deċiżjoni MKV], jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-[Trattat ta' Adeżjoni]? Ir-rekwiżiti fformulati fir-rapporti stabbiliti fil-kuntest ta' dan il-mekkaniżmu għandhom natura obbligatorja għar-Rumanija?

3) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) [TUE] għandu jiġi interpretat fis-sens li jobbliga lill-Istati Membri li jistabbilixxu l-miżuri neċessarji sabiex tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni, jiġifieri garanziji ta' proċedura dixxiplinari indipendenti għall-Imħallfin Rumeni, filwaqt li jitneħħew ir-riskji kollha marbuta mal-influwenza politika fuq l-iżvolġiment ta' tali proċeduri, bħall-ħatra diretta mill-Gvern tad-Direttorat tal-Inspecția Judiciară (l-Ispettorat Ġudizzjarju, ir-Rumanija), anki b'mod provviżorju?

4) L-Artikolu 2 [TUE] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Istati Membri huma obbligati li josservaw il-kriterji tal-Istat tad-dritt, meħtieġa wkoll fir-rapporti stabbiliti fil-kuntest tal-[MKV], stabbilit bid-[Deċiżjoni MKV], fil-każ tal-proċeduri ta' ħatra diretta mill-Gvern tad-Direttorat tal-Inspecția Judiciară (l-Ispettorat Ġudizzjarju, ir-Rumanija), anki b'mod provviżorju?"

## B. Il-Kawża C-127/19

43. Ir-rikorrenti f'din il-kawża huma l-Forum tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin u l-Asociația 'Mișcarea pentru Apărarea Statutului Procurorilor' (l-Assoċjazzjoni "Moviment għad-Difiża tal-Istatus tal-Prosekuturi", iktar 'il quddiem l-"Assoċjazzjoni tal-Prosekuturi"). Fit-13 ta' Diċembru 2018, ir-rikorrenti ppreżentaw rikors quddiem il-Curtea de Apel Pitești (il-Qorti tal-Appell ta' Pitești, ir-Rumanija), sabiex jiksbu l-annullament ta' żewġ deċiżjonijiet tal-assemblea ġenerali tal-KSĠ: id-Deċiżjoni Nru 910/19.09.2018 li Tapprova r-Regoli dwar il-Ħatra u t-Tneħħija ta' Prosekuturi fi Rwoli ta' Mmaniġġjar fit-TIRSĠ [15] u d-Deċiżjoni Nru 911/19.09.2018 li Tapprova r-Regoli dwar il-Ħatra, il-Kontinwazzjoni tal-Funzjonijiet u t-Tneħħija ta' Prosekuturi bi Rwoli Eżekuttivi fit-TIRSĠ [16].

[15] Consiliului Superior al Magistraturii, CSM nr. 910/2018 din 19 septembrie 2018 pentru aprobarea Regulamentului privind numirea și revocarea procurorilor cu funcții de conducere din cadrul Secției pentru investigarea infracțiunilor din justiție (Monitorul Oficial Nru 812 tal-21 ta' Settembru 2018).

[16] Consiliului Superior al Magistraturii, CSM nr. 911/2018 din 19 septembrie 2018 pentru aprobarea Regulamentului privind numirea, continuarea activității și revocarea procurorilor cu funcții de execuție din cadrul Secției pentru investigarea infracțiunilor din justiție (Monitorul Oficial Nru 812 tal-21 ta' Settembru 2018).

44. Dawn id-deċiżjonijiet ġew adottati fuq il-bażi tal-Liġi Nru 207/2018. L-Artikolu 1(45) ta' din il-liġi introduċa l-Artikoli $88^1$ sa $88^9$ wara l-Artikolu 88 tal-Liġi Nru 304/2004, li toħloq u tistabbilixxi l-funzjonament tat-TIRSĠ. Skont l-Artikolu $88^5$(12) il-ġdid "il-proċeduri għall-ħatra, għat-tkomplija tal-funzjonijiet u għat-tneħħija mir-rwoli ta' mmaniġġjar u eżekuttivi fit-taqsima għandhom ikunu ddettaljati f'regoli approvati mill-assemblea ġenerali tal-[KSĠ]". Iż-żewġ deċiżjonijiet, li l-annullament tagħhom huwa mfittex f'din il-kawża, ġew approvati fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni.

45. Ir-rikorrenti sostnew li dawn iż-żewġ deċiżjonijiet amministrattivi huma antikostituzzjonali b'riferiment għad-dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni Rumena li tgħid li dan l-Istat Membru huwa obbligat li jissodisfa l-obbligi tiegħu skont it-Trattati li fihom huwa parti (l-Artikolu 11 u l-Artikolu 148(2) tal-Kostituzzjoni Rumena). Ir-rikorrenti sostnew ukoll li ċerti dispożizzjonijiet tal-atti leġiżlattivi kkontestati huma kuntrarji għal atti superjuri għalihom inklużi l-liġi, il-Kostituzzjoni u t-Trattat FUE. Ir-rikorrenti rreferew ukoll għall-MKV. Huma tal-fehma li l-ħolqien tat-TIRSĠ jaffettwa direttament il-kompetenzi tad-DNA, entità li kisbet riżultati sinjifikattivi taħt il-MKV, skont ir-rapporti tal-Kummissjoni. Il-ħolqien tat-TIRSĠ ifisser li tużżani ta' kawżi ta' korruzzjoni magħrufa pendenti quddiem id-DNA jistgħu jintbagħtu lit-TIRSĠ sempliċement permezz tal-introduzzjoni ta' lmenti fittizji kontra membru tal-ġudikatura, li jwassal għall-abolizzjoni diretta ta' parti sinjifikattiva tal-attività tad-DNA.

46. Permezz tas-sentenza Nru 33 tat-23 ta' Jannar 2018, il-Curtea Constituțională a României (il-Qorti Kostituzzjonali Rumena) eżaminat id-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 207/2018 fil-kuntest tal-istħarriġ minn qabel tal-kostituzzjonalità. Hija ddeċidiet li l-ilmenti li jikkonċernaw l-effetti tal-ħolqien tat-TIRSĠ fuq il-kompetenzi tad-DNA kienu infondati u li ma kien hemm l-ebda atti vinkolanti tad-dritt tal-Unjoni li jistgħu jsostnu l-ilmenti ta' antikostituzzjonalità fuq il-bażi tal-Artikolu 148(2) u (4) tal-Kostituzzjoni.

47. Il-qorti tar-rinviju tosserva li l-istabbiliment tat-TIRSĠ ġie kkritikat f'rapporti mill-Grupp tal-Istati kontra l-Korruzzjoni (iktar 'il quddiem il-"GRECO") u l-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija permezz tad-Dritt (iktar 'il quddiem il-"Kummissjoni ta' Venezia"). Il-Kummissjoni rreferiet għal dawn ir-rapporti b'rabta mar-rapporti MKV tagħha. Il-qorti tar-rinviju tiddikjara li peress li l-MKV u r-rapporti ppreparati fil-kuntest tagħha jirriżultaw f'obbligu ta' konformità mill-Istat, obbligu bħal dan ma jġorrux biss l-awtorità leġiżlattiva tal-Istat, iżda jġorruh ukoll l-awtoritajiet amministrattivi, f'din il-kawża, il-KSĠ, li jadotta l-leġiżlazzjoni sekondarja ta' implimentazzjoni, u l-qrati.

48. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tinnota li l-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali) iddikjarat fis-sentenza tagħha Nru 104 tas-6 ta' Marzu 2018, li t-tifsira tad-Deċiżjoni MKV ma ġietx interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja "fir-rigward tal-kontenut, in-natura u t-tul *ratione temporis* tagħha, jew fir-rigward ta' jekk dawn l-aspetti jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat ta' Adeżjoni". Għaldaqstant, hija tal-fehma li s-soluzzjoni tat-tilwima teħtieġ kjarifika dwar in-natura u l-forza legali ta' dawn l-atti.

49. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Curtea de Apel Pitești (il-Qorti tal-Appell ta' Pitești, ir-Rumanija) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) Il-[MKV], stabbilit bid-[Deċiżjoni MKV] għandu jitqies bħala att meħud minn istituzzjoni tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, li jista' jiġi suġġett għall-interpretazzjoni tal-[Qorti tal-Ġustizzja]?

2) Il-kontenut, in-natura u t-tul *ratione temporis* tal-[MKV] stabbilit bid-[Deċiżjoni MKV], jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-[Trattat ta' Adeżjoni]? Ir-rekwiżiti fformulati fir-rapporti stabbiliti fil-kuntest ta' dan il-mekkaniżmu għandhom natura obbligatorja għar-Rumanija?

3) L-Artikolu 2, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu għar-Rumanija li tosserva r-rekwiżiti imposti mir-rapporti stabbiliti fil-kuntest tal-[MKV], stabbilit bid-[Deċiżjoni MKV], jaqa' taħt l-obbligu tal-Istat Membru li josserva l-prinċipji tal-Istat tad-dritt?

4) L-Artikolu 2 TUE, b'mod partikolari l-obbligu li jiġu osservati l-valuri tal-Istat tad-dritt, jipprekudi leġiżlazzjoni li permezz tagħha tinħoloq u tiġi organizzata t-[TIRSĠ], fil-kuntest tal-[Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție (l-Uffiċċju tal-Prosekutur anness mal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja)], minħabba l-possibbiltà li tiġi eżerċitata pressjoni indiretta fuq il-ġudikatura?

5) Il-prinċipju ta' indipendenza tal-Imħallfin, stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u fl-Artikolu 47 tal-[Karta], kif interpretat mill-ġurisprudenza tal-[Qorti tal-Ġustizzja] (sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses, C-64/16, EU:C:2018:117), jipprekludi l-ħolqien tat-[TIRSĠ], fil-kuntest tal-[Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție (l-Uffiċċju tal-Prosekutur anness mal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja)], fir-rigward tal-modalitajiet ta' ħatra/tneħħija ta' prosekuturi li jagħmlu parti minn din it-taqsima, tal-modalitajiet ta' eżerċizzju tal-funzjonijiet fil-kuntest tagħha kif ukoll tal-mod kif il-kompetenza hija stabbilita, b'rabta man-numru mnaqqas ta' pożizzjonijiet fil-kuntest ta' din it-taqsima?"

## C. Il-Kawża C-195/19

50. Ir-rikorrent, PJ, ressaq proċeduri fir-rigward ta' tilwima fiskali, li l-konvenut, li kien imħallef f'dik il-kawża, ċaħad bħala infondati. Ir-rikorrent emmen li l-konvenut ma ssodisfax l-obbligu legali tiegħu li jiddikjara r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu fil-perijodu statutorju ta' 30 jum, u b'hekk ipprekluda lill-parti leża milli tfittex rimedji legali. Ir-rikorrent għaldaqstant ippreżenta lment kriminali quddiem il-Parchetul de pe lângă Curtea de Apel București (l-Uffiċċju tal-Prosekutur anness mal-Qorti tal-Appell ta' Bukarest, ir-Rumanija), fejn talab li l-konvenut jinstab responsabbli kriminalment għar-reat tal-abbuż tal-kariga.

51. Il-prosekutur assenjat għall-kawża mill-Parchetul de pe lângă Curtea de Apel București (l-Uffiċċju tal-Prosekutur anness mal-Qorti tal-Appell ta' Bukarest), iddeċieda li jressaq proċeduri kriminali, li sussegwentement ġew itterminati fuq il-bażi li l-abbuż li l-imħallef kien akkużat bih ma kienx jeżisti. Ir-rikorrent ressaq ilment kontra dik id-deċiżjoni għat-terminazzjoni tal-proċeduri quddiem il-prosekutur ta' grad ogħla.

52. Wara d-dħul fis-seħħ tal-Liġi Nru 207/2018, skont l-Artikolu III ta' din il-liġi u skont l-Artikolu l-ġdid $88^1$ tal-Liġi Nru 304/2004, il-Parchetul de pe lângă Curtea de Apel București (l-Uffiċċju tal-Prosekutur anness mal-Qorti tal-Appell ta' Bukarest), irrefera l-ilment lit-TIRSĠ, minħabba li kien jirrigwarda membru tal-ġudikatura. Id-deputat kap prosekutur tat-TIRSĠ ukoll ċaħad l-ilment bħala infondat. Ir-rikorrent ippreżenta rikors quddiem il-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) (il-qorti tar-rinviju) kontra d-digriet oriġinali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur anness ma' dik il-qorti, kif ikkonfermat bid-digriet tad-deputat kap prosekutur tat-TIRSĠ.

53. Il-qorti tar-rinviju tispjega li din tista' tiċħad ir-rikors jew tilqgħu. Fil-każ tal-aħħar, id-deċiżjoni tagħha jkollha l-effett li twarrab id-digrieti magħmula mill-prosekuturi l-oħra u li tibgħat lura l-kawża lill-prosekutur. Skont it-Taqsima 2[1] tal-Liġi Nru 304/2004, il-prosekutur ta' grad ogħla li eżamina l-legalità u l-merti tad-digriet mogħti mill-prosekutur assenjat għall-kawża kien membru tat-TIRSĠ. Għaldaqstant, jekk ir-rikors jintlaqa', kemm il-prosekutur assenjat għall-kawża kif ukoll il-prosekutur ta' grad ogħla jkunu membri tal-istess TIRSĠ speċjali.

54. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju ssib ruħha obbligata teżamina jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi t-TIRSĠ. Il-qorti nazzjonali tfakkar li r-Rapport MKV tal-Kummissjoni tal-2018 irrakkomanda s-"sospensjoni immedjata tal-implimentazzjoni tal-Liġijiet dwar il-Ġustizzja u tad-digrieti ta' urġenza sussegwenti" u l-"istħarriġ tal-Liġijiet dwar il-Ġustizzja bit-teħid inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ tar-rakkomandazzjonijiet skont il-[MKV] u maħruġa mill-Kummissjoni ta' Venezia u mill-GRECO" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

55. Il-qorti nazzjonali tinnota li jekk l-Artikolu 67(1) TFUE, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 2 TUE u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 9 TUE jinstabu li jipprekludu l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, ikun neċessarju li tiddikjara l-atti proċedurali kollha redatti mit-TIRSĠ fil-proċeduri prinċipali bħala nulli. Il-qorti tar-rinviju għandha wkoll tieħu inkunsiderazzjoni r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-ħatra tad-diviżjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur kompetenti, fil-każ li r-rikors jintlaqa'.

56. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) Il-[MKV], stabbilit bid-[Deċiżjoni MKV] u r-rekwiżiti fformulati fir-rapporti stabbiliti fil-kuntest ta' dan il-mekkaniżmu għandhom natura obbligatorja għar-Rumanija?

2) L-Artikolu 67(1) TFUE, kif ukoll l-ewwel sentenza tal-Artikolu 2 TUE u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 9 TUE jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi taqsima tal-uffiċċju tal-prosekuzzjoni li hija esklużivament kompetenti sabiex tinvestiga dwar kull tip ta' ksur imwettaq minn imħallfin jew minn prosekuturi?

3) Il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt Ewropew, kif stabbilit bis-sentenza tal-15 ta' Lulju 1964, Costa, 6/64, EU:C:1964:66, u mill-ġurisprudenza sussegwenti stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lil istituzzjoni politico-ġuridika, bħall-Curtea Constituțională a României (il-Qorti Kostituzzjonali tar-Rumanija), li tikser il-prinċipju msemmi iktar 'il fuq permezz ta' deċiżjonijiet li ma jista' jkollhom ebda rimedju ġudizzjarju?"

## D. Il-Kawża C-291/19

57. Permezz ta' erba' lmenti kriminali ppreżentati f'Diċembru 2015 u Frar 2016, SO, ir-rikorrent, irrapporta li erba' prosekuturi kienu wettqu r-reat tal-abbuż tal-kariga, u li avukat, membru tal-Avukatura ta' Brașov, kien wettaq ir-reat ta' influwenza mhux xierqa. Sussegwentement, ir-rikorrent ippreżenta lment kriminali kontra żewġ imħallfin tal-Judecătoria Brașov (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brașov, ir-Rumanija) u t-Tribunalul Brașov (il-Qorti tal-Kontea ta' Brașov, ir-Rumanija), fejn sostna li dawn kienu parti minn organizzazzjoni kriminali u li dawn iddeċidew kontrih fil-kuntest ta' diversi proċeduri.

58. B'digriet tat-8 ta' Settembru 2017, it-Taqsima għall-Ġlieda Kontra Reati Relatati ma' Reati ta' Korruzzjoni fi ħdan id-DNA ordnat li l-fajl jingħalaq.

59. Ir-rikorrent ippreżenta lment kontra d-digriet tat-8 ta' Settembru 2017 quddiem il-prosekutur ġerarkikament superjuri, il-kap prosekutur tat-Taqsima għall-Ġlieda Kontra Reati Relatati ma' Reati ta' Korruzzjoni fi ħdan id-DNA. Dan tal-aħħar ċaħad l-ilment bħala infondat b'digriet tal-20 ta' Ottubru 2017.

60. Fil-11 ta' Settembru 2018, ir-rikorrent ippreżenta lment kontra d-digriet oriġinali, kif ikkonfermat mid-digriet tal-20 ta' Ottubru 2017, quddiem il-Curtea de Apel Brașov (il-Qorti tal-Appell ta' Brașov, ir-Rumanija), il-qorti tar-rinviju.

61. Peress li l-proċeduri quddiemha jeħtieġu prosekutur sabiex jipparteċipa fis-seduti, il-qorti tar-rinviju tiddikjara li prosekutur mid-DNA ppparteċipa inizjalment fis-seduti. Wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi għal-Liġi Nru 304/2004 u s-sentenza Nru 3 tal-Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja) tas-26 ta' Frar 2019, il-prosekutur tad-DNA ġie ssostitwit fis-seduta minn prosekutur mill-Parchetul de pe lângă Curtea de Apel Brașov (l-Uffiċċju tal-Prosekutur anness mal-Qorti tal-Appell ta' Brașov, ir-Rumanija).

62. Il-qorti tar-rinviju tispjega li l-kontinwazzjoni tal-proċeduri prinċipali tinvolvi l-parteċipazzjoni tal-prosekuturi tat-TIRSĠ. Hija tgħid ukoll li, jekk jiġi kkonstatat li l-ilment magħmul mir-rikorrent huwa fondat, hija jkollha tibgħat il-kawża lit-TIRSĠ għall-prosekuzzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju tqis li huwa neċessarju li tistabbilixxi jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi t-TIRSĠ, b'teħid inkunsiderazzjoni tar-Rapport MKV tal-Kummissjoni tal-2018. B'mod iktar speċifiku, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li r-rapporti MKV huma vinkolanti, il-qorti nazzjonali tixtieq tkun taf il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-obbligu u jekk dan ikoprix biss il-konklużjonijiet ta' rapporti bħal dawn jew jekk il-qorti nazzjonali għandhiex ukoll tieħu inkunsiderazzjoni l-konstatazzjonijiet tar-rapport, inklużi dawk li jirriżultaw mid-dokumenti tal-Kummissjoni ta' Venezia u tal-GRECO.

63. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Curtea de Apel Brașov (il-Qorti tal-Appell ta' Brașov) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) Il-[MKV] stabbilit bid-[Deċiżjoni MKV], għandu jitqies li huwa att adottat minn istituzzjoni tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, li jista' jiġi ssuġġettat għall-interpretazzjoni tal-[Qorti tal-Ġustizzja]?

2) Ir-rekwiżiti fformulati fir-rapporti stabbiliti fil-kuntest tal-imsemmi mekkaniżmu huma ta' natura vinkolanti għar-Rumanija, b'mod partikolari (iżda mhux unikament) inkonnessjoni mal-ħtieġa li jitwettqu emendi leġiżlattivi li jkunu konformi mal-konklużjonijiet tal-MKV kif ukoll mar-rakkomandazzjonijiet ifformulati mill-Kummissjoni ta' Venezia u mill-[GRECO]?

3) L-Artikolu 2, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu tar-Rumanija li tosserva r-rekwiżiti imposti mir-rapporti stabbiliti fil-kuntest tal-[MKV] stabbilit bid-[Deċiżjoni MKV], jaqa' taħt l-obbligu tal-Istat Membru li josserva l-prinċipji tal-istat tad-dritt?

4) Il-prinċipju ta' indipendenza tal-qrati, sanċit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u fl-Artikolu 47 tal-[Karta], kif interpretat mill-ġurisprudenza tal-[Qorti tal-Ġustizzja] (sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses, C-64/16, EU:C:2018:117), jipprekludi l-istabbiliment tat-taqsima inkarigata mill-investigazzjonijiet ta' reati mwettqa fi ħdan is-sistema ġudizzjarja fi ħdan [il-Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție (l-Uffiċċju tal-Prosekutur anness mal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja)], fid-dawl tal-modalitajiet tal-ħatra u ta' tneħħija tal-prosekuturi li jiffurmaw parti mill-imsemmija taqsima, tal-modalitajiet tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet fil-kuntest ta' din tal-aħħar kif ukoll tal-mod kif tiġi stabbilita il-kompetenza, b'rabta man-numru ridott ta' pożizzjonijiet fi ħdan din it-taqsima?

5) L-Artikolu 47, [it-tieni paragrafu], tal-[Karta], marbut mad-dritt għal smigħ xieraq permezz tas-soluzzjoni tal-kawża f'terminu raġonevoli, jipprekludi l-istabbiliment tat-taqsima inkarigata mill-investigazzjonijiet ta' reati mwettqa fi ħdan is-sistema ġudizzjarja fi ħdan [il-Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție (l-Uffiċċju tal-Prosekutur anness mal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja)], fid-dawl tal-modalitajiet tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet fil-kuntest tal-imsemmija taqsima kif ukoll tal-mod kif tiġi stabbilita il-kompetenza, b'rabta man-numru ridott ta' pożizzjonijiet fi ħdan din it-taqsima?"

### E. Il-Kawża C-355/19

64. Ir-rikorrenti f'din il-kawża huma l-Forum tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin, l-Assoċjazzjoni "Moviment għad-Difiża tal-Istatus tal-Prosekuturi" u OL, individwu (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti").

65. Fit-23 ta' Jannar 2019, ir-rikorrenti ppreżentaw quddiem il-Curtea de Apel Pitești (il-Qorti tal-Appell ta' Pitești), rikors għall-annullament tad-Digriet Nru 252 tat-23 ta' Ottubru 2018, mogħti mill-Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție – Procurorul General al României (Prosekutur Ġenerali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur anness mal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, iktar 'il quddiem il-"konvenut") [17]. Dan id-digriet jikkonċerna l-organizzazzjoni u l-operazzjoni tat-TIRSĠ. Dan ingħata fuq il-bażi tal-Liġi Nru 207/2018, li stabbilixxiet it-TIRSĠ, skont l-Artikolu II (10) u (11) tad-Digriet ta' Urġenza Nru 90/2018.

66. L-ewwel nett, ir-rikorrenti sostnew li dan id-digriet kien antikostituzzjonali b'riferiment għad-dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni Rumena li tgħid li dan l-Istat Membru huwa obbligat jissodisfa l-obbligi tiegħu skont it-Trattati li fihom dan kien parti (l-Artikolu 11 u l-Artikolu 148(2) tal-Kostituzzjoni Rumena). It-tieni nett, huma kkritikaw il-formulazzjoni tad-digriet fuq il-bażi li wħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu huma kuntrarji għal ċerti atti leġiżlattivi superjuri (il-liġi, il-Kostituzzjoni, it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea). B'mod iktar speċifiku, ir-rikorrenti sostnew li dan id-digriet ma jiħux inkunsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti mill-Kummissjoni fir-rapporti redatti fil-kuntest tal-MKV.

[17] Ordinul procurorului general al Parchetului de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție nr. 252 din 23 octombrie 2018 privind organizarea și funcționarea în cadrul Parchetului de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție a Secției pentru investigarea infracțiunilor din justiție.

67. F'dawn iċ-ċirkustanzi, u skont raġunar simili għal dak imsemmi mill-qorti tar-rinviju fil-Kawża C-127/19, il-Curtea de Apel Pitești (il-Qorti tal-Appell ta' Pitești) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) Il-[MKV], stabbilit permezz tad-[Deċiżjoni MKV] għandu jiġi kkunsidrat bħala att ta' istituzzjoni tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, li jista' jiġi suġġett għall-interpretazzjoni tal-[Qorti tal-Ġustizzja]?

2) Il-kontenut, in-natura u t-tul tal-[MKV], stabbilit permezz tad-[Deċiżjoni MKV], jaqgħu fl-ambitu tat-[Trattat ta' Adeżjoni]? Ir-rekwiżiti stabbiliti fir-rapporti taħt l-imsemmi mekkaniżmu huma vinkolanti għall-Istat Rumen?

3) L-Artikolu 2 [TUE] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Istati Membri huma obbligati josservaw il-kriterji tal-Istat tad-dritt, li huma imposti wkoll mir-rapporti stabbiliti fil-kuntest tal-[MKV], stabbilit permezz tad-[Deċiżjoni MKV], f'każ tal-ħolqien urġenti ta' taqsima tal-uffiċċju tal-prosekuzzjoni sabiex tinvestiga esklużivament reati mwettqa minn maġistrati, li tagħti lok għal tħassib partikolari fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u tista' sservi bħala strument addizzjonali biex tintimida l-maġistrati u ssir pressjoni fuqhom?

4) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) [TUE], għandu jiġi interpretat bħala li jimponi li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni, jiġifieri billi jitneħħew ir-riskji kollha ta' influwenza politika fuq l-investigazzjoni kriminali fir-rigward tal-imħallfin, fil-każ tal-ħolqien urġenti ta' taqsima tal-uffiċċju tal-prosekuzzjoni sabiex tinvestiga esklużivament reati mwettqa minn maġistrati, fatt li jagħti lok għal tħassib partikolari dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u li jista' jservi bħala strument addizzjonali sabiex jiġu intimidati l-maġistrati u ssir pressjoni fuqhom?"

### F. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

68. Il-Kawżi C-83/19, C-127/19 u C-195/19 ġew magħquda permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Marzu 2019. Din id-deċiżjoni ċaħdet it-talba tal-qrati tar-rinviju f'dawn il-kawżi sabiex jiġu suġġetti għall-proċedura mħaffa skont l-Artikolu 105(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, iżda tat lit-tliet kawżi trattament prijoritarju skont l-Artikolu 53(3) tar-Regoli tal-Proċedura.

69. Permezz ta' ittri tal-11 u tal-20 ta' Frar 2019, ir-rikorrenti fil-Kawżi C-83/19 u C-127/19 talbu rispettivament l-adozzjoni ta' miżuri provviżorji skont l-Artikolu 279 TFUE u l-Artikolu 160(2) u (7) tar-Regoli tal-Proċedura. Il-Qorti tal-Ġustizzja wieġbet li hija ma kellhiex ġurisdizzjoni għall-adozzjoni ta' dawn il-miżuri fi proċeduri għal deċiżjoni preliminari.

70. Wara d-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2019 tal-Curtea de Apel Craiova (il-Qorti tal-Appell ta' Craiova, ir-Rumanija), it-Tribunalul Olt (il-Qorti tal-Kontea ta' Olt) bagħat il-kawża prinċipali fil-Kawża C-83/19, b'digriet tat-12 ta' Frar 2019, lit-Tribunalul Mehedinți (il-Qorti tal-Kontea ta' Mehedinți). It-Tribunalul Olt (il-Qorti tal-Kontea ta' Olt) madankollu informat lill-Qorti tal-Ġustizzja li l-atti kollha tal-proċedura, inkluż ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, ġew miżmuma. Wara d-deċiżjoni tal-10 ta' Ġunju 2020 tal-Înalta Curte de Casație şi Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja) il-Curtea de Apel Pitești (il-Qorti tal-Appell ta' Pitești)

ittrasferixxiet il-kawża prinċipali fil-Kawża C-127/19 lill-Curtea de Apel Alba Iulia (il-Qorti tal-Appell ta' Alba Iulia, ir-Rumanija). Il-Court de Apel Pitești (il-Qorti tal-Appell ta' Pitești) informat lill-Qorti tal-Ġustizzja li l-atti kollha tal-proċedura ġew miżmuma.

71. It-talba għal proċedura mħaffa tressqet ukoll mill-qorti tar-rinviju fil-Kawżi C-291/19 u C-355/19. Din ġiet miċħuda rispettivament bid-deċiżjonijiet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Mejju 2019 u tas-27 ta' Ġunju 2019. Ingħata trattament prijoritarju f'dik il-kawża kif ukoll fil-Kawża C-219/19 b'deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Settembru 2019.

72. Saru sottomissjonijiet bil-miktub fil-Kawżi C-83/19, C-127/19 u C-195/19 mill-Ispettorat Ġudizzjarju, mill-Gvern Belġjan, Olandiż, Pollakk u Rumen, kif ukoll mill-Kummissjoni. Il-Gvern Svediż issottometta osservazzjonijiet bil-miktub fil-Kawżi C-83/19 u C-127/19. Il-KSĠ u l-Assoċjazzjoni "Moviment għad-Difiża tal-Istatus tal-Prosekuturi" issottomettew osservazzjonijiet bil-miktub fil-Kawża C-127/19.

73. Fil-Kawża C-291/19, ġew ippreżentati sottomissjonijiet bil-miktub mill-Gvern Olandiż, Pollakk, Rumen u Svediż, kif ukoll mill-Kummissjoni.

74. Fil-Kawża C-355/19, il-Prosekutur Ġenerali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur anness mal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja (iktar 'il quddiem il-"Prosekutur Ġenerali"), il-Gvern Olandiż, Pollakk, Rumen u Svediż, kif ukoll il-Kummissjoni ppreżentaw sottomissjonijiet bil-miktub.

75. Inżammet seduta magħquda fl-20 u fil-21 ta' Jannar 2020 li fiha l-partijiet ikkonċernati segwenti ppreżentaw argument orali: il-Forum tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin, l-Assoċjazzjoni "Moviment għad-Difiża tal-Istatus tal-Prosekuturi", il-Kunsill Superjuri tal-Ġudikatura (KSĠ), OL, il-Prosekutur Ġenerali, il-Gvern Belġjan, Daniż, Olandiż, Rumen u Svediż, u l-Kummissjoni.

## III. Analiżi

76. Dawn il-konklużjonijiet huma strutturati kif ġej. Ser nibda billi neżamina l-oġġezzjonijiet għall-ammissibbiltà mressqa fil-kawżi differenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (A). Sussegwentement, ser nistabbilixxi l-qafas legali tal-Unjoni applikabbli u l-kriterji li fid-dawl tagħhom għandha titwettaq l-analiżi f'dawn il-kawżi (B). Finalment, ser inwettaq l-evalwazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni (C).

### A. Ammissibbiltà tad-domandi preliminari

77. Diversi partijiet ikkonċernati, wara li ppreżentaw osservazzjonijiet fil-varji kawżi, sostnew li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tirrispondi għad-domandi preliminari kollha jew għal xi wħud minnhom magħmula f'dawn il-kawżi. It-"temi" prinċipali mqajma fir-rigward tal-kawżi differenti jistgħu essenzjalment jiġu "miġbura flimkien" bħala li jkopru oġġezzjonijiet relatati man-nuqqas ta' kompetenzi tal-Unjoni fl-oqsma koperti mid-domandi preliminari, b'mod partikolari, (i) l-organizzazzjoni interna tas-sistemi tal-ġustizzja; (ii) in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tinterpreta d-Deċiżjoni MKV; (iii) in-nuqqas ta' rilevanza tar-risposti li għandhom jingħataw mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-finijiet tar-riżoluzzjoni tal-kawżi quddiem il-qrati tar-rinviju; u (iv) il-fatt li wħud mid-domandi preliminari ma għadx għandhom skop.

78. Dawn l-oġġezzjonijiet kollha tressqu bħala oġġezzjonijiet għall-ammissibbiltà tad-domandi preliminari. Madankollu, jidhirli li l-argumenti relatati (i) man-nuqqas ta' kompetenza tal-Unjoni fil-qasam tal-organizzazzjoni ġudizzjarja tal-Istati Membri, u (ii) man-natura legali tal-MKV jikkonċernaw, fil-verità, l-evalwazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

79. Barra minn hekk, dawn l-elementi tal-ġurisdizzjoni fil-parti l-kbira jiġu sovrapposti mill-analiżi materjali ta' dawn id-dispożizzjonijiet. Il-kwistjoni dwar jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni f'dawn il-kawżi, ikkonċernati bl-organizzazzjoni tal-ġudikatura, jaqgħux 'il barra mid-dritt tal-Unjoni, hija marbuta strettament mar-risposti li għandhom jingħataw għad-domandi preliminari, li jirrelataw speċifikament mal-kamp ta' applikazzjoni, mar-rekwiżiti u mal-effetti tal-Artikolu 2 u tal-Artikolu 19(1) TUE kif ukoll tal-Artikolu 47 tal-Karta [18]. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat f'A. K. *et* fir-rigward ta' argumenti simili, dawn id-domandi jikkonċernaw l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni u, għaldaqstant, jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 267 TFUE [19].

80. Għal dawn ir-raġunijiet, ser nittratta dawn iż-żewġ oġġezzjonijiet għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja iktar 'l isfel fit-Taqsima B ta' dawn il-konklużjonijiet, fejn ser nistabbilixxi liema dispożizzjonijiet huma fil-fatt applikabbli f'dawn il-kawżi u t-tip ta' eżami meħtieġ. F'din it-taqsima, Taqsima A ta' dawn il-konklużjonijiet, ser nindirizza biss dak li fil-fatt jidhru li huma oġġezzjonijiet ta' inammissibbiltà, imressqa minn diversi partijiet fir-rigward tad-domandi individwali magħmula f'kull waħda mill-kawżi.

81. Ninnota li l-Gvern Rumen issottometta fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu li d-domandi preliminari kienu, fil-parti l-kbira, inammissibbli fil-kawżi kollha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja [20]. Madankollu, fis-seduta, il-pożizzjoni ta' dan il-gvern inbidlet kunsiderevolment, li nifhem li kienet minħabba l-fatt li wara l-bidla sussegwenti fil-gvern fuq livell nazzjonali, il-politika tal-gvern il-ġdid inbidlet ukoll [21].

82. Madankollu, il-Gvern Rumen ma rtirax espressament is-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu fis-seduta u l-argumenti magħmula waqtha li jikkonċernaw l-ammissibbiltà. Għaldaqstant, inqis li l-Qorti tal-Ġustizzja tibqa' obbligata li tirrispondi għall-argumenti sostnuti mill-Gvern Rumen fis-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu dwar l-ammissibbiltà.

83. Bħala introduzzjoni magħquda għall-kawżi individwali f'din it-taqsima, huwa utli li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, hija biss il-qorti nazzjonali, li tassumi responsabbiltà għad-deċiżjoni ġudizzjarja fil-proċeduri prinċipali, li għandha tiddetermina kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari u r-rilevanza tad-domandi preliminari. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija bħala prinċipju marbuta li tagħti deċiżjoni meta d-domandi jikkonċernaw l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Id-domandi preliminari jgawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrifjuta li tagħti deċiżjoni biss f'ċirkustanzi limitati, pereżempju, fejn ir-rekwiżiti tal-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura ma jiġux issodisfatti jew

18 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Marzu 2017, X u X (C-638/16 PPU, EU:C:2017:173, punt 37), u tas-26 ta' Settembru 2018, Belastingdienst vs Toeslagen (Effett sospensiv tal-appell) (C-175/17, EU:C:2018:776, punt 24).

19 Sentenza tad-19 ta' Novembru 2019 A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 74).

20 Speċifikament l-ewwel u t-tieni domanda fil-Kawża C-83/19; l-ewwel sat-tielet domanda fil-Kawża C-127/19; l-ewwel domanda fil-Kawża C-195/19; l-ewwel sat-tielet domanda fil-Kawża C-291/19; l-ewwel, it-tieni u r-raba' domanda fil-Kawża C-355/19.

21 Ara wkoll iktar 'l isfel, il-punti 144, 263, 284 u 285 ta' dawn il-konklużjonijiet.

fejn huwa ovvju li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni kkonċernat ma għandha l-ebda relazzjoni mal-fatti, jew fejn id-domandi huma ipotetiċi[22]. Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li ser nevalwa l-oġġezzjonijiet relatati mal-ammissibbiltà f'dawn il-kawżi.

### *1. C-83/19*

84. Tqajmu żewġ settijiet ta' oġġezzjonijiet kontra l-ammissibbiltà ta' din il-kawża. L-ewwel wieħed huwa dwar in-nuqqas ta' neċessità jew rilevanza tad-domandi għall-proċeduri prinċipali. It-tieni wieħed jirrigwarda d-dikjarazzjoni li l-kawża tilfet l-iskop tagħha.

85. L-ewwel nett, l-Ispettorat Ġudizzjarju sostna li d-domandi magħmula fil-Kawża C-83/19 ma humiex rilevanti għall-aġġudikazzjoni tal-proċeduri prinċipali. Dan l-argument tressaq ukoll, rigward l-ewwel u t-tieni domanda, mill-Gvern Rumen fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, apparti li indika li l-qorti tar-rinviju ma spjegatx ir-raġunijiet għalfejn qieset ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari bħala neċessarju.

86. It-tieni nett, il-Kummissjoni sostniet li l-proċeduri prinċipali tilfu l-iskop tagħhom u għaldaqstant id-domandi ma għadhomx rilevanti. Hija ssostni li, fil-15 ta' Mejju 2019, L. Netejoru ġie maħtur mill-assemblea plenarja tal-KSĠ bħala Kap Spettur tal-Ispettorat Ġudizzjarju għal mandat ġdid ta' tliet snin, fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 317/2004. Il-Kummissjoni tqis li d-domandi preliminari għaldaqstant tilfu r-rilevanza tagħhom. Il-ħatra *ex post* tal-istess persuna, wara kompetizzjoni organizzata legalment, ser ittemm kwalunkwe ndħil fuq l-indipendenza tal-ġudikatura mis-setgħa eżekuttiva.

87. Dwar in-nuqqas ta' kapaċità tiegħu li jirrappreżenta lill-Ispettorat Ġudizzjarju qabel il-15 ta' Mejju 2019, inkluża d-data tas-sottomissjonijiet magħmula minn L. Netejoru f'isem l-Ispettorat Ġudizzjarju, il-Kummissjoni tqis li s-sitwazzjoni tista' tiġi rrimedjata permezz tal-Artikolu 82(1) tal-Codul de procedură civilă al României (il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Rumen). Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi li "fejn il-qorti tikkonstata li ma ngħatatx prova li l-persuna li aġixxiet f'isem parti għandha s-setgħat ta' rappreżentanza, il-qorti għandha tagħti perijodu qasir sabiex is-sitwazzjoni tiġi rrimedjata […]". Bħala konsegwenza, id-domandi preliminari huma ipotetiċi u għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli.

88. Fil-fehma tiegħi, l-ebda waħda mill-oġġezzjonijiet ta' inammissibbiltà ma hija konvinċenti.

89. L-ewwel nett, il-qorti tar-rinviju spjegat ir-rilevanza tad-domandi preliminari għall-finijiet tal-proċeduri prinċipali. Skont id-deċiżjoni tar-rinviju, il-qorti nazzjonali għandha tiddeċiedi bħala *kwistjoni preliminari*, skont dispożizzjonijiet proċedurali nazzjonali, dwar l-oġġezzjonijiet proċedurali li jistgħu jagħmlu s-smigħ tal-provi jew l-eżami tal-mertu irrilevanti[23]. F'dan l-istadju, il-proċeduri prinċipali jiġu mwaqqfa preċiżament minħabba din l-oġġezzjoni proċedurali, ibbażata fuq il-fatt li L. Netejoru, li, fil-kapaċità tiegħu bħala Kap Spettur, skont id-Digriet ta' Urġenza Nru 77/2018, iffirma d-difiża bħala rappreżentant tal-Ispettorat Ġudizzjarju.

22 Ara, pereżempju, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Confédération paysanne *et* (C-528/16, EU:C:2018:583, punti 72 u 73 u l-ġurisprudenza ċċitata), jew tal-1 ta' Ottubru 2019, Blaise *et* (C-616/17, EU:C:2019:800, punt 35).

23 L-Artikolu 248 tal-Lege nr. 134/2010 privind Codul de procedură civilă (il-Liġi Nru 134/2010 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), ippubblikata mill-ġdid fil-Monitorul Oficial Nru 247 tal-10 ta' April 2015.

90. Huwa pjuttost ċar x'tip ta' "effett domino" jista' jkollha kwalunkwe risposta li tista' tingħata mill-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-proċeduri nazzjonali. Jekk l-oġġezzjoni preliminari kellha tintlaqa' mill-qorti tar-rinviju, dan jista' jwassal għall-esklużjoni tar-risposta tal-konvenut u, impliċitament, tal-provi u tal-oġġezzjonijiet sostnuti fiha. Din id-deċiżjoni jkollha b'mod ċar riperkussjonijiet fuq l-aġġudikazzjoni fil-kawża prinċipali fil-proċeduri nazzjonali, li jikkonċernaw ir-rikors tal-Forum tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin sabiex jingħata digriet li jobbliga l-iżvelar ta' ċerta informazzjoni mill-Ispettorat Ġudizzjarju.

91. Nirrikonoxxi li l-kontenut tad-domandi preliminari magħmula f'din il-kawża huwa fil-fatt pjuttost remot mill-għan prinċipali tal-proċeduri prinċipali, li jibqa' r-rikors li jikkonċerna t-talba għal informazzjoni. Barra minn hekk, li wieħed jidħol b'mod sostantiv fil-kwistjoni sħiħa ta' ħatra potenzjalment problematika tal-kap spettur f'rikors prinċipali bħal dan tista' tidher daqsxejn sfurzata.

92. Madankollu, it-tilwima, li għaliha qiegħed jintalab il-parir tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija l-kwistjoni preliminari li tikkonċerna l-kwalità tar-rappreżentanza ta' L. Netejoru, imressqa inċidentalment fil-proċeduri prinċipali. Il-fatt li dawn il-proċeduri jikkonċernaw kwistjoni preliminari ma jfissirx nuqqas ta' rilevanza u, għaldaqstant, l-inammissibbiltà tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja, fl-evalwazzjoni ta' jekk domanda preliminari hijiex neċessarja sabiex tippermetti qorti tar-rinviju "[tagħti] s-sentenza" fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE, adottat interpretazzjoni wiesgħa ta' dan il-kunċett. Dan jinkludi b'mod partikolari "il-proċedura kollha li twassal għad-deċiżjoni tal-qorti tar-rinviju, sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun f'pożizzjoni li ssir taf bl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha proċedurali tad-dritt tal-Unjoni li l-qorti tar-rinviju hija obbligata tapplika sabiex tagħti s-sentenza tagħha"[24]. Din l-interpretazzjoni għamlitha possibbli għal kwistjonijiet proċedurali dwar il-proċess sħiħ tal-għoti tas-sentenza sabiex jitqiesu bħala ammissibbli, inklużi l-kwistjonijiet kollha għall-ispejjeż tal-proċeduri, jew il-kisba ta' provi[25]. Barra minn hekk, fil-passat, il-Qorti tal-Ġustizzja stess uriet li hija tradizzjonalment pjuttost ġeneruża meta toqgħod lura fl-eżami bir-reqqa tal-prossimità sostantiva tal-kwistjonijiet imressqa meta mqabbla mal-proċeduri prinċipali[26].

93. It-tieni nett, l-oġġezzjoni mqajma mill-Kummissjoni għandha wkoll tiġi mwarrba. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, il-proċedura ta' deċiżjoni preliminari tippreżupponi li tilwima *tkun pendenti* quddiem il-qorti nazzjonali[27]. Dan ifisser li, jekk is-suġġett tat-tilwima ġie fix-xejn, u b'hekk id-domandi magħmula saru ipotetiċi jew mhux relatati ma' tilwima proprja, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi li ma hemmx ħtieġa li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għal deċiżjoni preliminari[28].

24 Sentenza tas-17 ta' Frar 2011, Weryński (C-283/09, EU:C:2011:85, punt 42).

25 *Ibid.*, punti 35 sa 45. Ara wkoll, dwar il-konstellazzjonijiet differenti li fihom domandi relatati ma' kwistjonijiet bħall-allokazzjoni ta' spejjeż jistgħu jkunu ammissibbli, il-konklużjonijiet tiegħi f'Pegaso u Sistemi di Sicurezza (C-521/18, EU:C:2020:306, punt 58 *et seq.*).

26 Għal eżempju reċenti, fis-sentenza diġà kkwotata tal-1 ta' Ottubru 2019, Blaise *et* (C-616/17, EU:C:2019:800, punti 31 sa 39), il-proċeduri nazzjonali li rriżultaw fid-domandi preliminari kkonċernaw, fis-sustanza tagħhom, proċeduri kriminali għal qerda volontarja ta' proprjetà. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja evalwat numru ta' kwistjonijiet pjuttost kumplessi dwar il-validità tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE, u l-awtorizzazzjoni tal-glifosat, li jistgħu jidhru wkoll bħala pjuttost sostantivament remoti mill-kwistjonijiet proprji quddiem il-qorti nazzjonali.

27 Ara, pereżempju, is-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2018, Gnandi (C-181/16, EU:C:2018:465, punt 31).

28 Ara, pereżempju, id-digrieti tal-10 ta' Jannar 2019, Mahmood *et* (C-169/18, EU:C:2019:5, punti 25 u 26); tat-2 ta' Mejju 2019, Faggiano (C-524/16, mhux ippubblikat, EU:C:2019:399, punti 23 u 24); u tal-1 ta' Ottubru 2019, YX (Trażmissjoni ta' sentenza lill-Istat Membru tan-nazzjonalità tal-persuna kkundannata) (C-495/18, EU:C:2019:808, punti 23 sa 26).

94. Madankollu, fil-kawża preżenti, ma hemm xejn fil-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li jindika li l-oġġezzjoni preliminari fil-proċeduri prinċipali jew il-proċeduri prinċipali nnifishom tilfu l-iskop tagħhom. Ma hemm l-ebda konferma li l-ħatra legali sussegwenti ta' L. Netejoru għall-pożizzjoni ta' kap spettur ikollha xi effetti fuq il-validità tal-atti ta' rappreżentazzjoni mwettqa qabel din il-ħatra.

95. Filwaqt li hija apprezzata l-assistenza tal-Kummissjoni fl-identifikazzjoni tal-liġi nazzjonali potenzjalment applikabbli għall-kwistjoni, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tinterpreta dawn id-dispożizzjonijiet. Barra minn hekk, mid-deċiżjoni tar-rinviju, jidher li l-qorti tar-rinviju tqis lilha nnifisha obbligata sabiex tiddeċiedi dwar l-oġġezzjoni proċedurali mressqa mir-rikorrent, u li għandha tevalwa l-legalità tar-rappreżentanza tal-Ispettorat Ġudizzjarju *fil-mument meta d-difiża ġiet ippreżentata*[29]. Minn din il-perspettiva, li l-korrettezza tagħha għandha tiġi kkonstatata biss mill-qorti (qrati) nazzjonali, il-fatt li persuna partikolari tkun ġiet maħtura għall-istess pożizzjoni *wara dan il-mument* jista' ma jkollux l-effett li jirrimedja n-nuqqas preċedenti ta' setgħat ta' rappreżentanza.

96. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena tal-fehma li d-domandi preliminari fil-Kawża C-83/19 huma fil-fatt ammissibbli.

### *2. C-127/19 u C-355/19*

97. Fil-Kawża C-127/19 il-Gvern Rumen issottometta fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu li l-ewwel, it-tieni u t-tielet domanda, ikkonċernati bin-natura u l-effetti legali tad-Deċiżjoni MKV, ma għandhom l-ebda rabta mas-suġġett tal-proċeduri prinċipali. B'mod simili, iżda billi jqajjem oġġezzjoni ġenerali dwar l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari kollha fil-Kawża C-127/19, il-KSĠ sostna li d-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju ma jikkonċernawx l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni iżda minflok qegħdin jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tapplika d-dritt tal-Unjoni għall-kawża inkwistjoni u qegħdin ifittxu opinjoni konsultattiva dwar dispożizzjonijiet nazzjonali. Fis-seduta, il-KSĠ żied li d-domandi huma irrilevanti għas-suġġett tal-proċeduri prinċipali, li jikkonċernaw il-legalità taż-żewġ atti amministrattivi adottati mill-KSĠ u mhux il-liġi li ħolqot it-TIRSĠ. Peress li l-qorti tar-rinviju ma għandhiex ġurisdizzjoni rigward l-analiżi tad-dritt nazzjonali, li hija kwistjoni pendenti quddiem il-Curtea Constituțională a României (il-Qorti Kostituzzjonali Rumena), fil-fehma tagħha, id-domandi għandhom jiġu ddikjarati inammissibbli.

98. Fil-Kawża C-355/19, il-Gvern Rumen issottometta fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu li l-qorti tar-rinviju ma wrietx ir-rilevanza tal-ewwel, tat-tieni u tar-raba' domanda għall-għanijiet tal-proċeduri prinċipali.

99. Il-Kawża C-127/19 hija kkonċernata bl-annullament tad-Deċiżjonijiet Nru 910 u Nru 911 tal-assemblea ġenerali tal-KSĠ tad-19 ta' Settembru 2018. Il-qorti tar-rinviju tispjega li dawn l-atti ġew adottati bl-għan li jimplimentaw l-emendi introdotti bil-Liġi Nru 207/2018, u li dawn l-atti jimmiraw għaldaqstant sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tat-TIRSĠ. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tqis li huwa neċessarju li tiċċara l-interpretazzjoni tal-MKV, tal-Artikoli 2, tal-Artikolu 4(3) u tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, u tal-Artikolu 47 tal-Karta

[29] Il-qorti nazzjonali tispjega li, skont l-Artikolu 208(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Rumen, "fejn l-ebda difiża ma ġiet ippreżentata fit-terminu stabbilit mil-leġiżlazzjoni, il-konvenut iċedi d-dritt tiegħu li jissottometti provi u oġġezzjonijiet, bl-eċċezzjoni ta' eċċezzjonijiet ta' ordni pubbliku, bla ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni kuntrarja tal-leġiżlazzjoni".

bl-għan li tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà ta' dawn id-dispożizzjonijiet bl-istabbiliment tat-TIRSĠ bil-Liġi Nru 207/2018. Din il-liġi tikkostitwixxi l-bażi legali għall-atti, li l-annullament tagħhom huwa mfittex fil-proċeduri prinċipali.

100. Dawn l-ispjegazzjonijiet juru li hemm rabta funzjonali ċara bejn l-atti inkwistjoni fil-proċeduri prinċipali u l-Liġi Nru 207/2018 li tistabbilixxi t-TIRSĠ. Konstatazzjoni li l-istabbiliment tat-TIRSĠ huwa inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni ser ikollha impatt inevitabbli fuq l-evalwazzjoni tal-atti amministrattivi li huma inkwistjoni fil-proċeduri prinċipali. Fi kliem sempliċi, jekk il-bażi tiġi kkonstatata bħala inkompatibbli, l-istess huma l-atti sussegwenti li jimplimentaw din il-bażi.

101. Dan juri b'mod ċar, fil-fehma tiegħi, ir-rilevanza tad-domandi preliminari magħmula fil-Kawża C-127/19 għall-finijiet tar-rikors għall-annullament quddiem il-qorti tar-rinviju fil-proċeduri prinċipali. L-oġġezzjonijiet ta' inammissibbiltà magħmula f'din il-kawża għandhom għaldaqstant jiġu miċħuda.

102. B'mod simili, il-Kawża C-355/19 tikkonċerna l-annullament ta' att amministrattiv adottat bl-għan li jimplimenta l-emendi introdotti bil-Liġi Nru 207/2018 u li jiffaċilita l-funzjonament tat-TIRSĠ. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tqis li huwa neċessarju li tiċċara l-interpretazzjoni tal-MKV, tal-Artikolu 2, tal-Artikolu 4(3) u tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta bl-għan li tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà ta' dawn id-dispożizzjonijiet mal-istabbiliment tat-TIRSĠ bil-Liġi Nru 207/2018, li tinsab fl-oriġini tal-adozzjoni tal-atti, li l-annullament tagħhom huwa mfittex fil-proċeduri prinċipali.

103. Dawn id-domandi huma ammissibbli għall-istess raġunijiet ta' dawk fil-Kawża C-127/19: għal darba oħra hija l-loġika tal-implimentazzjoni. Jekk fil-fatt il-bażi, jiġifieri l-istabbiliment tat-TIRSĠ bil-Liġi Nru 207/2018, kellha tiġi ddikjarata inkompatibbli, l-istess jiġri lill-att amministrattiv inkwistjoni fil-proċeduri prinċipali adottat għall-implimentazzjoni tagħha.

104. Bħala riżultat, l-ewwel, it-tieni u r-raba' domanda fil-Kawża C-355/19 huma ammissibbli bl-istess mod.

### *3. C-195/19 u C-291/19*

105. Fis-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu, il-Gvern Rumen ikkontesta l-ammissibbiltà tal-ewwel domanda fil-Kawża C-195/19 u l-ewwel, it-tieni u t-tielet domanda fil-Kawża C-291/19. Fil-fehma ta' dan il-gvern, dawn id-domandi li jikkonċernaw in-natura legali tad-Deċiżjoni MKV u r-rapporti tal-Kummissjoni ma humiex rilevanti għall-għanijiet tal-proċeduri prinċipali f'dawn il-kawżi.

106. Il-Kawża C-195/19 tikkonċerna kawża pendenti li jikkonċerna r-responsabbiltà kriminali ta' mħallef. Il-qorti tar-rinviju tispjega li, jekk ir-rikors jintlaqa', kemm il-prosekutur assenjat għall-kawża u l-prosekutur ta' grad ogħla li jissorvelja lil dan il-prosekutur ikunu membri tal-istess TIRSĠ speċjali. Huwa f'dan il-kuntest li l-qorti tar-rinviju ssib lilha nnifisha obbligata li teżamina jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi t-TIRSĠ. Huwa għal dan l-għan li hija tistaqsi dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mal-MKV u, fit-tieni domanda fil-Kawża C-195/19, anki mal-Artikolu 2 TUE. Il-qorti nazzjonali tinnota li, jekk jiġi kkonstatat li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi l-leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi t-TIRSĠ, mela din il-konstatazzjoni twassalha sabiex tannulla l-atti proċedurali kollha redatti

mit-TIRSĠ fil-proċeduri prinċipali bħala nulli. Il-qorti tar-rinviju jkollha tieħu inkunsiderazzjoni wkoll ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-ħatra tad-diviżjoni tal-uffiċċju tal-prosekutur kompetenti, f'każ li r-rikors jintlaqa'.

107. Dawn ir-raġunijiet juru b'mod ċar ir-rilevanza tal-ewwel u tat-tieni domanda fil-Kawża C-195/19 għall-proċeduri prinċipali, sa fejn it-tieni domanda tikkonċerna l-Artikolu 2 TUE.

108. Dwar l-ammissibbiltà tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet domanda fil-Kawża C-291/19, il-qorti tar-rinviju ġġustifikat ir-rilevanza tad-domandi preliminari tagħha f'din il-kawża bil-fatt li l-kontinwazzjoni tal-proċeduri prinċipali tinvolvi l-parteċipazzjoni tal-prosekuturi tat-TIRSĠ. Huwa għaldaqstant neċessarju li jiġi stabbilit jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix jew le leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi t-TIRSĠ. Jekk il-qorti tar-rinviju kellha tikkonstata li l-ilment magħmul mir-rikorrent huwa manifestament fondat, il-qorti tar-rinviju jkollha tibgħat il-kawża lit-TIRSĠ għall-prosekuzzjoni.

109. Fid-dawl ta' dawn il-kjarifiki, għall-istess raġunijiet li għadni kemm sostnejt b'rabta mal-ewwel domanda u parzjalment mat-tieni domanda fil-Kawża C-195/19, inqis li l-ewwel, it-tieni u t-tielet domanda fil-Kawża C-291/19 huma ammissibbli bl-istess mod.

110. Madankollu, naqbel mal-Gvern Rumen li t-tieni domanda fil-Kawża C-195/19, sa fejn tirreferi għall-Artikolu 9 TUE u l-Artikolu 67(1) TFUE, kif ukoll it-tielet domanda f'din il-kawża, għandhom jiġu ddikjarati inammissibbli. Dwar it-tielet domanda fil-Kawża C-195/19, il-Gvern Rumen issottometta li domanda li tistaqsi jekk il-prinċipju ta' supremazija jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lill-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali) twarrab dan il-prinċipju permezz ta' deċiżjonijiet li ma jistgħux jiġu appellati għandha natura "teoretika u ġenerali" u, bħala tali, ma għandhiex rabta mas-suġġett tal-proċeduri prinċipali.

111. Dwar it-tieni domanda fil-Kawża C-195/19, id-deċiżjoni tar-rinviju ma tinkludi l-ebda spjegazzjoni li turi speċifikament kif l-Artikolu 9 TUE (li jipproklama l-prinċipju tal-ugwaljanza taċ-ċittadini tal-Unjoni) u l-Artikolu 67(1) TFUE (li jistabbilixxi li l-Unjoni għandha tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja) jistgħu jkunu rilevanti għal din il-kawża. Sa fejn tinvoka dawn id-dispożizzjonijiet, din id-domanda ma tikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, huwa indispensabbli li l-qorti nazzjonali tagħti, mill-inqas, minimu ta' spjegazzjonijiet bażiċi għar-raġunijiet tal-għażla tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li talbet l-interpretazzjoni tagħhom kif ukoll ir-rabta li hija stabbilixxiet bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kawża quddiemha [30].

112. It-tielet domanda fil-Kawża C-195/19 issofri, fil-fehma tiegħi, mill-istess difett, filwaqt li hija stess iżżid ieħor. L-ewwel nett, din id-domanda, kif il-Gvern Rumen enfasizza korrettement, hija bl-istess mod 'il bogħod milli tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 94 tar-Regoli dwar il-Proċeduri. Din id-domanda tistaqsi, essenzjalment, jekk il-prinċipju ta' supremazija jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lill-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali) sabiex essenzjalment twarrab dan il-prinċipju permezz ta' deċiżjonijiet li ma jistgħux jiġu appellati. Madankollu, id-deċiżjoni tar-rinviju fl-ebda punt ma ssemmi d-dispożizzjonijiet speċifiċi u għalfejn huma problematiċi. Il-qorti tar-rinviju sempliċement ikkwotat xi siltiet mis-sentenzi tal-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali) li fihom din

30 Ara, pereżempju, is-sentenza tal-10 ta' Marzu 2016, Safe Interenvíos (C-235/14, EU:C:2016:154, punt 115), jew id-digriet tat-12 ta' Mejju 2016, Security Service *et* (C-692/15 sa C-694/15, EU:C:2016:344, punt 20).

il-qorti ħadet pożizzjoni dwar il-MKV f'varji kawżi, mingħajr ma pprovdiet xi kuntest jew spjegazzjoni dwar jekk dawn is-sentenzi jikkonċernawx xi dispożizzjonijiet nazzjonali marbuta mal-proċeduri prinċipali.

113. It-tieni nett, kif ifformulata, din id-domanda tinkludi wkoll evalwazzjoni impliċita (li fil-fatt ma tantx tfaħħar) tal-ġurisprudenza tal-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali), u tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrikonoxxi interpretazzjoni partikolari ta' din il-ġurisprudenza f'varji proċeduri mhux relatati li minnhom ftit informazzjoni hija magħmula disponibbli (selettivament), u għaldaqstant, tiddubita l-awtorità istituzzjonali ta' qorti nazzjonali superjuri. Madankollu, dan ma huwiex ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-proċedura għal deċiżjoni preliminari [31].

114. Bħala riżultat, inqis li t-tieni domanda preliminari fil-Kawża C-195/19, sa fejn din tirreferi għall-Artikolu 9 TUE u għall-Artikolu 67(1) TFUE, kif ukoll it-tielet domanda preliminari fl-istess kawża, huma inammissibbli.

### *4. Konklużjoni provviżorja dwar l-ammissibbiltà*

115. Inqis li t-tieni domanda preliminari fil-Kawża C-195/19, sa fejn tirreferi għall-Artikolu 9 TUE u l-Artikolu 67(1) TFUE, u t-tielet domanda preliminari f'din il-kawża, għandhom jiġu ddikjarati inammissibbli. Il-bqija tad-domandi preliminari magħmula f'dawn il-ħames kawżi huma, fil-fehma tiegħi, ammissibbli.

116. Madankollu, għall-finijiet ta' ċarezza, jiena kieku niġbor flimkien id-domandi kollha magħmula f'dawn il-kawżi fi kwistjonijiet li jikkonċernaw dritt applikabbli li, ladarba riżolti, ser jipprovdu l-qafas għaż-żewġ elementi sostantivi indirizzati minn dawn il-kawżi.

117. L-ewwel nett, il-qrati tar-rinviju f'dawn il-kawżi fformulaw id-domandi tagħhom fir-rigward ta' numru ta' atti tad-dritt tal-Unjoni. Minn naħa waħda, hemm domandi li jikkonċernaw in-natura, il-valur u l-effetti legali tal-MKV [32], u jekk ir-regoli nazzjonali inkwistjoni jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu [33]. Min-naħa l-oħra, id-domandi jirrigwardaw wkoll l-interpretazzjoni tal-Artikolu 47 tal-Karta, kif ukoll tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 2 u tal-Artikolu 4(3) TUE [34].

31 Ara, f'sens simili dwar domandi fformulati b'mod simili minn qorti nazzjonali, il-konklużjonijiet tiegħi f'Hochtief Solutions Magyarországi Fióktelepe (C-620/17, EU:C:2019:340, punti 36 u 50).

32 L-ewwel u t-tieni domanda fil-Kawżi C-83/19, C-127/19 u C-355/19 kif ukoll l-ewwel domanda fil-Kawża C-195/19.

33 Fil-fehma tiegħi, dan huwa dak li l-qrati tar-rinviju qed jistaqsu permezz tar-raba' domanda fil-Kawża C-83/19 kif ukoll permezz tat-tielet domanda fil-Kawżi C-127/19, C-291/19 u C-355/19. Il-qrati tar-rinviju jistaqsu, essenzjalment, jekk l-Istati Membri humiex obbligati jikkonformaw mal-kriterji tal-Istat tad-dritt skont l-Artikolu 2 TUE u jekk dawn ir-rekwiżiti, imposti wkoll permezz tad-Deċiżjoni MKV u tar-rapporti MKV, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-miżuri nazzjonali inkwistjoni. Ara iktar 'l isfel, il-punti 121 sa 173 ta' dawn il-konklużjonijiet.

34 It-tielet domanda fil-Kawża C-83/19; ir-raba' u l-ħames domanda fil-Kawża C-127/19; it-tieni domanda fil-Kawża C-195/19, sa fejn tikkonċerna l-Artikolu 2; ir-raba' u l-ħames domanda fil-Kawża C-291/19; u r-raba' domanda fil-Kawża C-355/19.

118. It-tieni nett, dawk id-domandi li jikkonċernaw il-qafas leġiżlattiv xieraq ta' analiżi huma magħmula bl-għan li tinkiseb interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ser tippermetti lill-qrati nazzjonali jevalwaw il-kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni, li jikkonċernaw il-ħatra provviżorja tad-Direttorat tal-Ispettorat Ġudizzjarju[35] u l-istabbiliment tat-TIRSĠ[36] b'dawk ir-regoli tal-Unjoni.

119. Għaldaqstant, fil-bqija ta' dawn il-konklużjonijiet, ser neżamina l-ewwel id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni (id-Deċiżjoni MKV, l-Artikolu 47 tal-Karta, u l-Artikolu 2 u l-Artikolu 19(1) TUE) u l-kriterji li dawn jistabbilixxu għall-għanijiet ta' dawn il-kawżi (B). Imbagħad ser napplika r-rekwiżiti li jirriżultaw minn dawn id-dispożizzjonijiet, fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni, sabiex nipprovdi assistenza lill-qrati tar-rinviju dwar il-kwistjonijiet sostantivi pendenti quddiemhom (C).

## B. Id-dritt rilevanti tal-Unjoni u l-kriterji rilevanti

### *1. Il-MKV*

120. Il-varji deċiżjonijiet tar-rinviju fil-kawżi kollha ttrattati f'dawn il-konklużjonijiet qajmu diversi domandi li jikkonċernaw in-natura, il-valur u l-effetti legali tad-Deċiżjoni MKV u dwar ir-rapporti adottati fuq il-bażi tagħha.

121. L-ewwel nett, id-Deċiżjoni MKV u r-rapporti tal-Kummissjoni li jiġu adottati fuq il-bażi tagħha huma atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni għall-finijiet tal-Artikolu 267 TFUE u l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tinterpretahom[37]? It-tieni nett, il-kontenut, in-natura u t-tul *ratione temporis* tal-MKV jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat ta' Adeżjoni[38]? It-tielet nett, il-qrati tar-rinviju jixtiequ jkunu jafu jekk ir-rekwiżiti stabbiliti mill-MKV[39] u mir-rapporti tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-MKV humiex vinkolanti[40]. Ir-raba' nett, ġie mistoqsi wkoll jekk l-Artikolu 2 TUE għandux jiġi interpretat, flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE, bħala li jfisser li l-obbligu tar-Rumanija li tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fir-rapporti MKV jifforma parti mill-obbligu li tikkonforma mal-Istat tad-dritt[41], u jekk dan l-obbligu jkoprix il-ħatra temporanja tad-Direttorat tal-Ispettorat Ġudizzjarju[42], u l-istabbiliment tat-TIRSĠ[43].

122. Ser nindirizza dawn id-domandi kollha waħda wara l-oħra bil-mod segwenti. L-ewwel nett, ser nibda billi nikkonferma li d-Deċiżjoni MKV u r-rapporti adottati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tagħha huma fil-fatt atti tal-Unjoni (a). It-tieni nett, ser neżamina jekk it-Trattat ta' Adeżjoni jikkostitwixxix il-bażi legali xierqa għad-Deċiżjoni MKV (b). It-tielet nett, ser indur

35 It-tielet domanda fil-Kawża C-83/19.

36 Ir-raba' u l-ħames domanda fil-Kawżi C-127/19 u C-291/19; it-tieni domanda fil-Kawża C-195/19; u r-raba' domanda fil-Kawża C-355/19.

37 L-ewwel domanda fil-Kawżi C-83/19, C-127/19, C-291/19 u C-355/19.

38 L-ewwel parti tat-tieni domanda fil-Kawżi C-83/19; C-127/19 u C-355/19.

39 L-ewwel domanda fil-Kawża C-195/19.

40 It-tieni parti tat-tieni domanda fil-Kawżi C-83/19; C-127/19; C-355/19 kif ukoll l-ewwel domanda fil-Kawża C-195/19 u t-tieni domanda fil-Kawża C-291/19.

41 It-tielet domanda fil-Kawżi C-127/19 u C-291/19.

42 Ir-raba' domanda fil-Kawża C-83/19.

43 It-tielet domanda fil-Kawża C-355/19.

għall-kwistjoni tal-valur u tal-effetti legali tal-MKV u tar-rapporti tal-Kummissjoni adottati fil-kuntest tagħha (c). Ir-raba' nett, ser nikkonkludi din it-taqsima billi neżamina jekk il-miżuri nazzjonali inkwistjoni f'dawn il-kawżi jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-MKV (d).

### a) *Id-Deċiżjoni MKV u r-rapporti MKV huma atti tal-Unjoni?*

123. Il-partijiet ikkonċernati kollha, wara li ppreżentaw l-osservazzjonijiet dwar dan il-punt[44], bl-eċċezzjoni tal-KSĠ, jaqblu li din id-domanda għandha tiġi mwieġba fl-affermattiv. Il-KSĠ issottometta fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu li d-Deċiżjoni MKV kienet strument ta' kooperazzjoni tal-Kummissjoni u mhux att leġiżlattiv li jista' jkun suġġett għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 267 TFUE. Madankollu, fis-seduta, dan l-organu sostna li d-Deċiżjoni MKV hija att vinkolanti, anki jekk ir-rakkomandazzjonijiet li tinkludi ma humiex vinkolanti.

124. Fil-fehma tiegħi, ma hemm l-ebda dubju li, minkejja l-kwistjoni tan-natura potenzjalment vinkolanti tad-Deċiżjoni MKV u tar-rapporti adottati fuq il-bażi tagħha, it-tnejn huma atti tad-dritt tal-Unjoni u li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-ġurisdizzjoni li tinterpretahom fil-qafas tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE.

125. L-ewwel nett, id-Deċiżjoni MKV hija deċiżjoni għall-finijiet tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE. Din ġiet adottata mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-Artikoli 37 u 38 tal-Att ta' Adeżjoni. Għaldaqstant, ma nistax nara kif tista' ma tkunx "att tal-istituzzjonijiet" għall-għanijiet tal-Artikolu 267 TFUE.

126. It-tieni nett, l-istess japplika għar-rapporti adottati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tad-Deċiżjoni MKV. Għal darba oħra, apparti l-kwistjoni tan-natura (mhux) vinkolanti tagħhom, li hija kwistjoni differenti, l-Artikolu 267 TFUE jagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja l-ġurisdizzjoni li tiddeċiedi, preliminarjament, fuq il-validità u l-interpretazzjoni tal-*atti kollha adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, mingħajr ebda eċċezzjoni*[45]. Il-Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex għaldaqstant limitata għal dawk l-atti li għandhom effetti vinkolanti[46], kif ġie kkonfermat mid-diversi okkażjonijiet li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar l-interpretazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet jew atti legali mhux vinkolanti atipiċi oħra f'deċiżjonijiet preliminari[47].

127. Bħala riżultat, ir-risposta għall-ewwel domanda fil-Kawżi C-83/19, C-127/19, C-291/19 u C-355/19 għandha tkun li d-Deċiżjoni MKV, kif ukoll ir-rapporti stabbiliti mill-Kummissjoni fuq din il-bażi, huma atti ta' istituzzjoni tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE u, għaldaqstant, jistgħu jiġu interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja skont din id-dispożizzjoni.

44 L-Assoċjazzjoni "Moviment għad-Difiża tal-Istatus tal-Prosekuturi", il-Forum tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin, il-Prosekutur Ġenerali, il-Kummissjoni kif ukoll il-Gvern Belġjan, Olandiż, Rumen u Svediż.

45 Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 1989, Grimaldi (C-322/88, EU:C:1989:646, punt 8), u tat-13 ta' Ġunju 2017, Florescu *et* (C-258/14, EU:C:2017:448, punt 30).

46 Sentenza tas-27 ta' Ottubru 2016, James Elliott Construction (C-613/14, EU:C:2016:821, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Pereżempju, is-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 1989, Grimaldi (C-322/88, punt 9 u l-ġurisprudenza ċċitata), reċentement ikkonfermata fis-sentenza tal-20 ta' Frar 2018, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-16/16 P, EU:C:2018:79, punt 44).

### *b) It-Trattat ta' Adeżjoni huwa bażi legali xierqa?*

128. Diversi domandi preliminari jistaqsu jekk il-"kontenut, in-natura u t-tul *ratione temporis*" tal-MKV jaqgħux "fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat ta' Adeżjoni"[48]. Fil-fehma tiegħi, dawn id-domandi essenzjalment ifittxu kjarifika dwar jekk id-Deċiżjoni MKV, fin-natura, portata u forma attwali tagħha, setgħetx validament tkun ibbażata fuq it-Trattat ta' Adeżjoni. Ifformulata b'dan il-mod, il-kwistjoni ta' interpretazzjoni tiġi pjuttost viċin ta' kontestazzjoni mhux irrikonoxxuta tal-validità ta' att tad-dritt tal-Unjoni[49].

129. Fuq il-bażi tal-argumenti sostnuti fil-mori tal-proċeduri, ma nara l-ebda raġuni għalfejn id-Deċiżjoni MKV attwali ma setgħetx tiġi adottata fuq il-bażi tat-Trattat ta' Adeżjoni u tal-Att ta' Adeżjoni tar-Rumanija u l-Bulgarija. Dan huwa hekk fir-rigward tal-bażi legali formali tagħha (1), tal-kontenut u tal-għanijiet tagħha (2) u tat-tul tagħha (3).

#### *1) Il-bażi legali formali*

130. Dwar il-*bażi legali formali* tagħha, id-Deċiżjoni MKV ġiet adottata bħala miżura ta' salvagwardja fuq il-bażi tal-Artikoli 37 u 38 tal-Att ta' Adeżjoni. L-Artikolu 4(3) tat-Trattat ta' Adeżjoni jagħti s-setgħa lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni sabiex jadottaw il-miżuri previsti, fost oħrajn, fl-Artikoli 37 u 38 tal-Att ta' Adeżjoni, qabel l-adeżjoni tal-Istat Membru kkonċernat. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, magħrufa bħala "klawżoli ta' salvagwardja", dawn il-miżuri jidħlu fis-seħħ suġġetti biss għal u fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni. L-Artikolu 2(2) tat-Trattat ta' Adeżjoni jistabbilixxi li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-att jiffurmaw parti integrali ta' dan it-Trattat.

#### *2) Il-kontenut u l-għanijiet*

131. Mill-perspettiva tal-kontenut tal-miżuri li jistgħu jittieħdu fuq il-bażi tal-Artikoli 37 u 38 tal-Att ta' Adeżjoni, dawn id-dispożizzjonijiet jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, rispettivament, "miżuri adatti" f'żewġ sitwazzjonijiet.

132. L-ewwel nett, l-Artikolu 37, il-"klawżola ta' salvagwardja tas-suq intern", tista' tiġi skattata jekk ir-Rumanija tonqos milli timplimenta l-obbligi assunti fin-negozjati tal-adeżjoni, u b'hekk tikkawża ksur serju tal-funzjonament tas-suq intern jew riskju imminenti ta' dan. It-tieni nett, l-Artikolu 38, tista' tiġi skattata jekk ikun hemm nuqqasijiet serji jew kwalunkwe riskji imminenti ta' nuqqasijiet bħal dawn fit-traspożizzjoni, fl-istat ta' implimentazzjoni jew fl-applikazzjoni tal-istrumenti ta' kooperazzjoni u deċiżjonijiet relatati ma' rikonoxximent reċiproku fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja[50].

133. Eżami tal-għanijiet u tal-kontenut tad-Deċiżjoni MKV turi li tista' faċilment tiġi kklassifikata taħt it-tip ta' miżuri previsti fl-Artikoli 37 u 38 tal-Att ta' Adeżjoni.

48 L-ewwel parti tat-tieni domanda fil-Kawżi C-83/19, C-127/19 u C-355/19.

49 L-għażla l-oħra, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma tkunx tixtieq taċċetta din l-interpretazzjoni tal-ewwel sentenza tat-tieni domanda fil-Kawżi C-83/19, C-127/19 u C-355/19, tkun li ssir riformulazzjoni ta' din id-domanda bħala li sempliċement tistaqsi jekk ir-rekwiżiti stabbiliti fil-MKV u fir-rapporti adottati fuq il-bażi tiegħu humiex vinkolanti jew le fuq ir-Rumanija. Fid-dawl tal-għan ta' dawn id-domandi, jidher fil-fatt li dan huwa t-tħassib prinċipali tal-qrati tar-rinviju.

50 Dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet huma riprodotti iktar 'il fuq fil-punti 7 u 8 ta' dawn il-konklużjonijiet.

134. Dwar l-*għanijiet* tad-Deċiżjoni MKV, il-premessa 4 tagħha tirreferi għan-nuqqasijiet li jiġġustifikaw rikors għall-miżuri ta' salvagwardja tal-Artikoli 37 u 38 tal-Att ta' Adeżjoni. Filwaqt li tinnota l-isforzi magħmula sabiex titlesta l-preparazzjoni tar-Rumanija sabiex issir membru tal-Unjoni, din il-premessa tiżvela li l-Kummissjoni identifikat fir-Rapport tagħha tas-26 ta' Settembru 2006[51] "kwistjonijiet pendenti" li jikkonċernaw, b'mod partikolari, l-akkontabbiltà u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja u l-organi ta' infurzar tal-liġi. Iktar progress kien meqjus neċessarju sabiex tiġi żgurata l-kapaċità tagħhom "sabiex jimplimentaw u japplikaw il-miżuri adottati sabiex jiġu mwaqqfa s-suq intern u l-qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja". Wara li jiġi mfakkar fil-premessa 5 li l-miżuri fl-Artikoli 37 u 38 tal-Att ta' Adeżjoni jistgħu jittieħdu f'każ ta' "riskji imminenti", il-Kummissjoni tqis li dawn ir-riskji huma preżenti. Il-premessa 6 għalhekk tispjega li l-"kwistjonijiet li għad fadal" dwar l-akkontabbiltà u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja u ta' infurzar jiġġustifikaw it-twaqqif tal-MKV sabiex jiġi evalwat il-progress tar-Rumanija sabiex jiġu indirizzati parametri referenzjarji speċifiċi fil-qasam tar-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

135. Ir-raġuni sottostanti tal-MKV hija għalhekk ibbażata fuq l-eżistenza ta' riskji imminenti għall-funzjonament tas-suq intern u l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja minħabba n-nuqqasijiet ikkonstatati fis-sistema ġudizzjarja u fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fir-Rumanija. Dan l-għan jidher li huwa kompletament konformi mal-Artikoli 37 u 38 tal-Att ta' Adeżjoni.

136. It-tieni nett, mill-perspettiva tal-*kontenut* tal-miżuri li jistgħu jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn id-dispożizzjonijiet, jidher mill-formulazzjoni kemm tal-Artikolu 37 kif ukoll tal-Artikolu 38 tal-Att ta' Adeżjoni li t-terminu "miżuri" huwa wiesa' biżżejjed sabiex jinkludi att bħad-Deċiżjoni MKV. L-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet ma tinkludi lista eżawrjenti tat-tip ta' miżuri li jistgħu jittieħdu fuq il-bażi tagħhom. L-unika miżura msemmija espressament hija s-sospensjoni ta' rikonoxximent reċiproku fl-Artikolu 38 tal-Att ta' Adeżjoni. Għaldaqstant, l-Artikoli 37 u 38 tal-Att ta' Adeżjoni sempliċement jistabbilixxu limiti negattivi li magħhom il-miżuri għandhom jikkonformaw – il-miżuri għandhom josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità u ma jistgħux ikunu diskriminatorji.

137. Jekk kemm l-Artikolu 37 kif ukoll l-Artikolu 38 tal-Att ta' Adeżjoni jistgħu leġittimament jintużaw sabiex (fl-aħħar mill-aħħar) jissospendu rikonoxximent reċiproku jew ċerti elementi tas-suq intern, u l-ebda minnhom ma jinkludi xi lista magħluqa tat-tip ta' miżuri li jistgħu jiġu adottati fuq il-bażi tagħhom, mela ma hemmx biss miżura possibbli waħda, iżda pjuttost skala ta' miżuri. Fi kliem ieħor, jekk huwa possibbli li ssir sospensjoni, mela għandha tkun ukoll possibbli, f'isem il-proporzjonalità espressament stabbilita f'din id-dispożizzjoni, li, *a fortiori*, sempliċement tiġi stabbilita miżura ħafna iktar ħafifa u f'dan is-sens ħafna iktar proporzjonata għall-kooperazzjoni u għall-verifika. Il-fatt li jistgħu jittieħdu miżuri addizzjonali u iktar restrittivi li jimplimentaw l-Artikoli 37 u 38 ma jnaqqasx mill-fatt li miżuri pjuttost inqas strinġenti, bħall-MKV, jistgħu jiġu adottati fuq il-bażi ta' dawn id-dispożizzjonijiet, u skont il-prinċipju ta' proporzjonalità.

*3) Tul taż-żmien tal-MKV*

138. L-Artikoli 37 u 38 tal-Att ta' Adeżjoni jinkludu l-istess limitazzjonijiet *ratione temporis*. L-ewwel nett, iż-żewġ dispożizzjonijiet jistabbilixxu li l-miżuri jistgħu jittieħdu, bħala prinċipju, sat-tmiem ta' perijodu ta' mhux iktar minn tliet snin wara l-adeżjoni. Madankollu, iż-żewġ

51 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: Rapport ta' monitoraġġ dwar l-istat ta' preparazzjoni għall-adeżjoni fl-UE tal-Bulgarija u r-Rumanija KUMM(2006) 549 final. Dan ir-rapport diġà kkontempla l-istabbiliment tal-MKV.

dispożizzjonijiet jistabbilixxu wkoll (i) li l-klawżoli ta' salvagwardja jistgħu jiġu invokati *anki qabel l-adeżjoni* fuq il-bażi tal-monitoraġġ u li l-miżuri adottati għandhom jidħlu fis-seħħ mill-ewwel jum tal-adeżjoni sakemm ma jipprevedux data iktar tard, u (ii) li l-miżuri jistgħu jiġu applikati lil hinn mill-perijodu ta' tliet snin sakemm jibqgħu dawn in-nuqqasijiet. Minkejja l-possibbiltà li jinżammu l-miżuri għal terminu mhux determinat, kemm l-Artikoli 37 kif ukoll l-Artikolu 38 tal-Att ta' Adeżjoni jindikaw espressament (iii) li l-miżuri ma għandhomx jinżammu għal żmien iktar milli huwa strettament meħtieġ u, fi kwalunkwe każ, għandhom jitneħħew meta l-impenn rilevanti jiġi implimentat.

139. Għal darba oħra, l-ebda argument ma tressaq fil-mori ta' dawn il-proċeduri li jissuġġerixxi li d-Deċiżjoni MKV ma kkonformatx ma' dawn ir-rekwiżiti. L-ewwel nett, din ġiet adottata diversi ġranet qabel l-adeżjoni, fit-13 ta' Diċembru 2006, fuq il-bażi tal-konstatazzjonijiet tar-Rapport tas-26 ta' Settembru 2006, kif innotat fil-premessa 4 tad-Deċiżjoni MKV (i). It-tieni nett, il-miżuri nżammu għal perijodu itwal minn dak ta' tliet snin wara l-adeżjoni fuq il-bażi tal-konstatazzjoni li n-nuqqasijiet li wasslu għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni MKV komplew jippersistu (ii). It-tielet nett, il-premessa 9 tinnota li d-deċiżjoni għandha titħassar meta l-parametri referenzjarji kollha jiġu mwettqa b'mod sodisfaċenti. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li t-tneħħija tal-MKV kienet prevista fir-Rapport tal-2017 u li twaqqfet biss wara l-konstatazzjonijiet negattivi fir-Rapport tat-13 ta' Novembru 2018, li magħhom huma relatati dawn il-kawżi (iii).

140. Naħseb li l-analiżi taħt din it-taqsima għandha tieqaf hawn. Hemm naturalment il-kwistjoni sottostanti u iktar profonda tal-proporzjonalità, li titla' fil-wiċċ okkażjonalment b'argumenti dwar il-punt sa fejn huwa xieraq u/jew neċessarju li dik li kienet intiża li tkun sistema temporanja ta' wara l-adeżjoni tinżamm tlettax-il sena wara u iktar. Madankollu, din il-kwistjoni partikolarment delikata tista' b'mod sigur titħalla kif inhi fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri, fejn l-ebda waħda mill-partijiet ma ssuġġeriet li l-kundizzjonijiet materjali għall-applikabbiltà li għandha preżenti tad-Deċiżjoni MKV, stabbiliti fiż-żewġ punti preċedenti, ma jibqgħux issodisfatti.

*4) Konklużjoni provviżorja*

141. L-eżami tal-ewwel parti tat-tieni domanda magħmula fil-Kawżi C-83/19, C-127/19 u C-355/19 ma żvelat l-ebda fattur li jista' jitfa' dubju dwar il-fatt li d-Deċiżjoni MKV, fil-forma attwali tagħha, ġiet validament adottata u tista' tinżamm fuq il-bażi tat-Trattat ta' Adeżjoni.

***c) L-effetti legali tal-MKV***

142. Domanda oħra magħmula mill-qrati tar-rinviju f'dawn il-kawżi hija jekk id-Deċiżjoni MKV (1) u r-rapporti tal-Kummissjoni adottati fuq il-bażi tagħha (2) humiex vinkolanti fuq ir-Rumanija.

*1) L-effetti legali tad-Deċiżjoni MKV*

143. Il-Gvern Belġjan u tal-Pajjiżi l-Baxxi sostnew li d-Deċiżjoni MKV hija vinkolanti fl-elementi kollha tagħha. B'mod simili, il-Gvern Svediż fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, kif ukoll il-Forum tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin u l-Prosekutur Ġenerali fis-seduta, issottomettew li d-Deċiżjoni MKV u l-parametri referenzjarji tal-annessi tagħha huma legalment vinkolanti għar-Rumanija.

144. Il-Gvern Rumen issottometta fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu li l-unika obbligu impost fuq ir-Rumanija bid-Deċiżjoni MKV huwa dak li perjodikament tirrapporta lill-Kummissjoni dwar il-progress magħmul fir-rigward tal-parametri referenzjarji tal-anness ta' din id-deċiżjoni. Dan il-gvern biddel il-pożizzjoni tiegħu fis-seduta, u ssottometta li l-parametri referenzjarji tal-anness tad-Deċiżjoni MKV jagħtu espressjoni speċifika tal-kundizzjonijiet tat-Trattat ta' Adeżjoni, skont il-valuri u l-prinċipji tal-Artikoli 2 u 19 TUE.

145. Id-Deċiżjoni MKV hija deċiżjoni għall-finijiet tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE. Kif tistabbilixxi din id-dispożizzjoni, deċiżjonijiet huma *vinkolanti fl-intier tagħhom għad-destinatarji tagħhom*. Skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni MKV, id-destinatarji tagħha huma l-Istati Membri. Fil-mument tal-adozzjoni tagħha, ir-Rumanija fil-fatt ma kinitx għadha membru, iżda f'dan il-kuntest speċifiku, in-natura vinkolanti tal-atti tal-Unjoni adottati qabel l-adeżjoni tirriżulta (ukoll) mill-Artikolu 2 tal-Att ta' Adeżjoni: "Mid-data ta' l-adeżjoni, id-disposizzjonjiet tat-Trattati oriġinali u l-atti adottati mill-istituzzjonijiet u l-Bank Ċentrali Ewropew qabel l-adeżjoni għandhom jorbtu lill-Bulgarija u lir-Rumanija u għandhom japplikaw f'dawk l-Istati bil-kondizzjonijiet kif elenkati f'dawk it-Trattati u f'dan l-Att."

146. Għalhekk, id-Deċiżjoni MKV hija b'mod ċar vinkolanti. Pjuttost, il-kwistjoni vera hija preċiżament *x'inhuma* l-obbligi imposti fuq ir-Rumanija mid-Deċiżjoni MKV.

147. L-obbligu legali artikolat b'mod inekwivoku impost fuq ir-Rumanija huwa inkluż fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni MKV: "Ir-Rumanija għandha, sal-31 ta' Marzu ta' kull sena [...] tirraporta lill-Kummissjoni dwar il-progress magħmul fl-indirizzar tal-punti ta' riferiment kollha pprovduti fl-Anness." Hemm, għaldaqstant, *obbligu ta' rappurtar*.

148. Madankollu, l-obbligi imposti fuq ir-Rumanija fuq il-bażi tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni MKV ċertament ma jiqfux f'li tibgħat ir-rapporti annwali f'terminu partikolari. Fil-fatt, l-obbligu impost mill-Artikolu 1 ma huwiex sempliċement li tirrapporta, iżda *li tirrapporta l-progress magħmul fl-indirizzar tal-parametri referenzjarji* elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni MKV. Għalhekk, l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni MKV jistabbilixxi wkoll l-*obbligu ta' kisba* tal-għanijiet stabbiliti fil-parametri referenzjarji li jinsabu fl-anness ta' din id-deċiżjoni. Barra minn hekk, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1, li jawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi assistenza teknika permezz ta' attivitajiet differenti jew li tiġbor u tpartat informazzjoni dwar il-parametri referenzjarji u li torganizza missjonijiet ta' esperti lejn ir-Rumanija għal dan l-iskop; jistabbilixxi wkoll li l-awtoritajiet Rumeni għandhom jagħtu l-appoġġ neċessarju f'dan il-kuntest.

149. Li *tirrapporta l-progress magħmul* għalhekk jirrikjedi li ċerti sforzi jiġu żviluppati f'direzzjoni partikolari. Il-loġika ta' din id-dispożizzjoni diffiċilment tkun issodisfatta b'rappurtar mekkaniku ta' kull sena li l-affarijiet baqgħu pjuttost l-istess. F'dan il-kuntest, ma nitfax wisq piż fuq l-argument testwali mislut mill-Anness tad-Deċiżjoni MKV. Fil-fatt, f'ċerti verżjonijiet lingwistiċi l-anness jirreferi, b'mod pjuttost vag, għall-"[p]unti ta' riferiment li għandhom jiġu *indirizzati* mir-Rumanija" [52]. Min-naħa l-oħra, numru ta' verżjonijiet lingwistiċi oħra jinkludu formulazzjoni li tindika b'mod ċar obbligu ta' *kisba* [53].

150. Barra minn hekk, in-natura vinkolanti tal-obbligu ta' konformità gradwali mal-parametri referenzjarji elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni MKV hija enfasizzata b'mod ċar bil-post li għandha d-Deċiżjoni MKV fil-*kuntest* tal-obbligi li jirriżultaw mit-Trattat ta' Adeżjoni. Id-Deċiżjoni MKV

52 Kif huwa l-każ pereżempju bil-verżjoni Ingliża, kif ukoll dik Ċeka, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża jew Slovakka.

53 Pereżempju, dik Bulgara, Spanjola, Daniża, Ġermaniża, Estonjana, Franċiża, Taljana, Ungeriża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovena, Finlandiża jew Svediża.

għamlet l-adeżjoni possibbli minkejja t-tħassib serju persistenti li jikkonċerna nuqqasijiet prinċipali dwar riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fir-Rumanija. Ma tistax għalhekk tkun sorpriża li d-Deċiżjoni MKV tfisser obbligu speċifiku tar-Rumanija li tilħaq l-għanijiet stabbiliti fil-parametri referenzjarji inklużi fl-anness. Iktar milli intiża bħala sempliċi rakkomandazzjoni, id-Deċiżjoni MKV ġiet adottata fuq il-bażi tal-Artikoli 37 u 38 tal-Att ta' Adeżjoni bħala miżura ta' salvagwardja, li hija essenzjali sabiex tippermetti l-adeżjoni sal-1 ta' Jannar 2007.

151. B'mod ġenerali, il-parametri referenzjarji tal-MKV huma marbuta ma' u jispeċifikaw ir-rekwiżit tal-Istat tad-dritt tal-Artikolu 2 TUE, li jirreferi għalih l-Artikolu 49 TUE bħala prekundizzjoni għall-adeżjoni. Skont l-Artikolu 49 TUE, huma biss Stati li jirrispettaw il-valuri tal-Artikolu 2 TUE u li huma impenjati li jippromwovuhom li jistgħu japplikaw sabiex isiru membru tal-Unjoni Ewropea. Il-preambolu tad-Deċiżjoni MKV jenfasizza r-rwol ċentrali tal-Istat tad-dritt għall-Unjoni u, b'mod partikolari, għall-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u l-ħtieġa implikata għall-Istati Membri kollha li jkollhom sistema ġudizzjarja u amministrattiva imparzjali u indipendenti mgħammra sabiex tiġġieled kontra l-korruzzjoni [54].

152. Ir-rwol tal-MKV fil-proċess tal-adeżjoni kien kruċjali f'dan il-kuntest. Tħassib dwar is-sistema ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni ppersista matul in-negozjati ta' qabel l-adeżjoni, u kien imsemmi espressament fl-Anness IX tal-Att ta' Adeżjoni taħt il-lista ta' impenji speċifiċi meħuda, u ġew aċċettati rekwiżiti mir-Rumanija fil-konklużjoni tan-negozjati tal-adeżjoni fl-14 ta' Diċembru 2004 [55]. Skont l-Artikolu 39(2) tal-Att ta' Adeżjoni, in-nuqqas ta' konformità ma' dawn l-impenji setgħet twassal lill-Kunsill sabiex jipposponi d-data tal-adeżjoni b'sena. Kif innota l-Gvern Belġjan, il-parametri referenzjarji jirriflettu l-impenji meħuda mir-Rumanija fin-negozjati għall-adeżjoni, kif muri mill-Anness IX tal-Att ta' Adeżjoni. Jista' għaldaqstant jitqies, kif il-Gvern Daniż issottometta fis-seduta, li l-MKV kien kundizzjoni essenzjali fil-qafas tal-iffirmar tat-Trattat ta' Adeżjoni mill-Istati Membri kollha, b'teħid inkunsiderazzjoni li kien għad hemm nuqqasijiet sinjifikattivi. Dawn in-nuqqasijiet, kif identifikat mill-aħħar rapport ta' qabel l-adeżjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rumanija, jipprovdu bażi għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni MKV.

153. F'dan il-kuntest storiku u leġiżlattiv, interpretazzjoni tad-Deċiżjoni MKV li tgħid li l-parametri referenzjarji inklużi fl-anness tagħha ma jkunux vinkolanti fuq ir-Rumanija tfisser li l-MKV sħiħ tagħti lir-Rumanija carte blanche sabiex ma tikkonformax mar-rekwiżiti prinċipali tal-Adeżjoni.

154. Element ieħor li jenfasizza n-natura vinkolanti tal-obbligu li jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fil-parametri referenzjarji tal-MKV, kif indikat mill-Gvern Svediż, huma l-konsegwenzi legali sinjifikattivi marbuta man-nuqqas ta' konformità. Kif innotat fil-premessa 7 tad-Deċiżjoni MKV, jekk il-parametri referenzjarji ma jinkisbux, il-Kummissjoni tiddikjara li hija tista' tapplika miżuri ta' salvagwardja ulterjuri fuq il-bażi tal-Artikoli 37 u 38 tal-Att ta' Adeżjoni, inkluża s-sospensjoni tar-rikonoxximent reċiproku. Barra minn hekk, il-konsegwenzi legali speċifiċi ta' ksur ipotetiku li

54 Premessi 1, 2 u 3 tad-Deċiżjoni MKV.

55 Ara, b'mod partikolari, il-punti 3 u 4 tal-Anness IX tal-Att ta' Adeżjoni. Il-punt 3 jirrelata mal-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni u Strateġija għar-riforma tal-Ġudikatura, inklużi l-miżuri għall-implimentazzjoni tal-Liġijiet dwar il-Ġustizzja. Il-punt 4 jikkonċerna l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, b'mod partikolari, billi "jiġu żgurati l-infurzar rigoruż tal-leġislazzjoni ta' kontra l-korruzzjoni u l-indipendenza effettiva ta' l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Prosekutur Antikorruzzjoni […]".

jistgħu jirriżultaw mis-sistema MKV partikolari ma jipprekludux fihom innifishom l-invokazzjoni tal-istrumenti ordinarji ta' infurzar permezz ta' proċeduri ta' ksur fil-każ tan-nuqqas tat-twettiq mir-Rumanija tal-obbligi tagħha taħt id-Deċiżjoni MKV[56].

155. Bħala sommarju, fil-fehma tiegħi, id-Deċiżjoni MKV, minkejja li tuża l-formulazzjoni ta' parametri referenzjarji, hija, fis-sustanza u fil-kontenut tagħha, leġiżlazzjoni vinkolanti tal-Unjoni. F'kuntest ta' qabel l-adeżjoni, il-parametri referenzjarji jistgħu jkunu parti mill-kundizzjonalità politika sabiex jiġi mkejjel il-progress li jwassal għall-adeżjoni. F'kuntest ta' wara l-adeżjoni, isiru regola legali ppromulgata permezz ta' strument legali vinkolanti, deċiżjoni, li timponi obbligi speċifiċi, li l-ksur tagħhom jista' jinvolvi konsegwenzi legali. Il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità, lil hinn mill-possibbiltajiet li jiġi ddikjarat u ssanzjonat ksur potenzjali permezz tal-mezzi tas-soltu tad-dritt tal-Unjoni, jistgħu jkollhom ukoll impatt sinjifikattiv fuq il-parteċipazzjoni tar-Rumanija fis-suq intern u fuq l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

156. Dwar il-kontenut ta' dawn l-obbligi, hemm, minbarra l-obbligu li jiġu rrappurtati, b'mod ċar ukoll l-obbligu li jitwettqu l-aqwa sforzi sabiex ikun hemm konformità mal-parametri referenzjarji stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni MKV.

*2) L-effetti legali tar-rapporti MKV*

157. Il-qrati tar-rinviju staqsew ukoll dwar is-saħħa legalment vinkolanti tar-rapporti maħruġa mill-Kummissjoni fuq il-bażi tad-Deċiżjoni MKV, kif ukoll tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezia u tal-GRECO.

158. Il-Forum tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin u OL sostnew fis-seduta li r-rakkomandazzjonijiet fir-rapporti tal-Kummissjoni, ikkunsidrati flimkien mad-Deċiżjoni MKV, għandhom effetti legali vinkolanti. B'mod simili, il-Gvern Rumen issottometta fis-seduta li, minkejja n-natura *sui generis* u n-nuqqas ta' natura vinkolanti tagħhom, ir-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-rapporti ma jistgħux jiġu injorati iżda, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-obbligu ta' kooperazzjoni leali tal-Artikolu 4(3) TUE, għandhom jiġu osservati u anki jsiru vinkolanti meta r-Rumanija tieħu miżuri leġiżlattivi jew amministrattivi fl-oqsma koperti mill-parametri referenzjarji tal-Anness tad-Deċiżjoni MKV.

159. Bil-maqlub, il-Kummissjoni u l-Prosekutur Ġenerali ssottomettew li n-natura legali tar-rapporti tal-Kummissjoni fil-qafas tal-MKV ma hijiex dik ta' rakkomandazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 288(5) u tal-Artikolu 292 TFUE, minħabba lil huma att legali pjuttost *sui generis* adottat fuq il-bażi tad-Deċiżjoni MKV.

160. Minn dawn il-perspettivi jirriżulta li, fil-kuntest tar-rwol speċifiku li għandhom fis-sistema stabbilita permezz tad-Deċiżjoni MKV, ir-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-rapport MKV jammontaw għal xi ħaġa ħafna ikbar minn rakkomandazzjoni "tradizzjonali". Kif innotat mill-Gvern Olandiż u dak Svediż, ir-rapporti MKV huma strumenti ta' evalwazzjoni. Ir-rapporti huma adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni MKV, u, kif tindika l-Kummissjoni, huma indirizzati lill-Parlament u lill-Kunsill. Skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni "se tikkomunika lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill il-kummenti u r-riżultati tagħha dwar ir-rapport tar-Rumanija". Ir-rapporti għaldaqstant jipprevedu l-qafas metodoloġiku

56 Jekk xi ħaġa tista' tiġi *infurzata*, huwa ċar li dik il-ħaġa għandha tkun vinkolanti – ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-16/16 P, EU:C:2017:959, punti 120 sa 122).

għall-evalwazzjoni ta' dan il-progress. Il-miżuri inklużi fir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapporti jagħtu espressjoni speċifika għall-parametri referenzjarji b'mod li jagħmilha possibbli li jiġi evalwat il-progress tar-Rumanija li, eventwalment, iwassal sabiex jintemm il-MKV.

161. Għaldaqstant, l-effetti legali tar-rapporti fuq ir-Rumanija jirriżultaw mill-obbligi li jirriżultaw mill-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE. Fil-fatt, ir-rapporti jikkostitwixxu l-bażi sabiex jiġi evalwat jekk ir-Rumanija tikkonformax mal-obbligi tagħha fir-rigward tal-parametri referenzjarji MKV. Dawn ir-rapporti jinkludu rakkomandazzjonijiet speċifiċi sabiex jiggwidaw l-isforzi tar-Rumanija. Kif tindika l-Kummissjoni, l-għan tar-rakkomandazzjonijiet huwa li jappoġġjaw l-isforzi tar-Rumanija fil-kisba tal-għanijiet tad-Deċiżjoni MKV. Peress li l-parametri referenzjarji jagħtu espressjoni speċifika għall-kundizzjonijiet tat-Trattat ta' Adeżjoni u peress li d-Deċiżjoni MKV ġiet adottata fuq il-bażi ta' dan l-att, ir-Rumanija għandha *obbligu iktar qawwi ta' kooperazzjoni* fuq il-bażi tal-MKV. Kooperazzjoni leali hija għaldaqstant mhux limitata sempliċement għar-rappurtar tal-progress, iżda pjuttost tinkludi l-obbligu li jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet fl-adozzjoni ta' miżuri leġiżlattivi jew amministrattivi fl-oqsma koperti mill-parametri referenzjarji tad-Deċiżjoni MKV.

162. Bħala riżultat, kif jissottometti l-Gvern Belġjan, sabiex tikkonforma mal-parametri referenzjarji tad-Deċiżjoni MKV, ir-Rumanija tista' jew tadotta l-miżuri rrakkomandati jew tadotta miżuri oħra adegwati sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet. Fi kwalunkwe każ, dan l-Istat Membru huwa *obbligat li jieħu inkunsiderazzjoni r-rapporti tal-Kummissjoni*, fid-dawl tal-Artikolu 4(3) TUE. L-obbligu ta' kooperazzjoni leali jimplika wkoll l-obbligu ta' kooperazzjoni mal-Kummissjoni fil-qafas tal-MKV, u ta' astinenza minn kwalunkwe miżura li tista' tipperikola l-kisba tal-għanijiet stabbiliti fil-parametri referenzjarji.

163. Fil-fehma tiegħi, li wieħed iqabbel l-effetti legali tar-rapporti MKV ma' dawk tar-rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 288 TFUE, u mbagħad jargumenta liema minnhom huma iktar *sui generis*, x'aktarx li ma tantx huwa eżerċizzju utli[57]. F'dak li jsegwi għaldaqstant, nippreferi li nindika dak li għandu jkun, fil-fehma tiegħi, ir-rwol proprju tar-rapporti MKV.

164. L-ewwel nett, naqbel mal-approċċ ġenerali tal-Gvern Belġjan, Daniż u Svediż. Jiena tal-fehma wkoll li r-rapporti maħruġa mill-Kummissjoni, fir-rigward tal-kontenut speċifiku tagħhom, *ma humiex vinkolanti*. Dawn għandhom jinqraw u jiġu studjati, u f'dan is-sens *jittieħdu inkunsiderazzjoni* mir-Rumanija hija u tfittex li tilħaq l-għanijiet stabbiliti fil-parametri referenzjarji MKV. Madankollu, dan ma jfissirx li kull waħda mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi inklużi fihom għandha tiġi segwita. Hemm obbligu ta' kooperazzjoni, iżda l-ebda obbligu li jiġu kkupjati *verbatim*.

165. It-tieni nett, dan naturalment jinkludi l-*possibbiltà li ma jiġux segwiti*. Ir-Rumanija, bħal kwalunkwe Stat Membru ieħor, għandha d-dritt li tibni l-istituzzjonijiet u l-proċeduri nazzjonali tagħha kif jidhrilha xieraq hi. Madankollu, fil-preparazzjoni ta' dawk il-mudelli u l-proċeduri l-oħra, ir-Rumanija għandha tkun kapaċi turi kif dawn il-mudelli l-oħra jikkontribwixxu għall-kisba tal-parametri referenzjarji inklużi fl-Anness tad-Deċiżjoni MKV, jew għall-inqas tressaq ipoteżi plawsibbli f'dan ir-rigward.

57 Speċjalment peress li l-portata preċiża tal-obbligu tal-awtoritajiet nazzjonali, b'mod partikolari tal-imħallfin nazzjonali, fit-teħid inkunsiderazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet fid-deċiżjoni ta' tilwimiet sottomessi lilhom (sentenza tat-13 ta' Diċembru 1989, Grimaldi (C-322/88, EU:C:1989:646, punt 18) ma hijiex fiha nnifisha kompletament ċara (ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-16/16 P, EU:C:2017:959, punti 97 sa 101)).

166. It-tielet nett, b'kuntrast ma' dak li diġà ntqal dwar id-Deċiżjoni MKV[58], ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi inklużi fir-rapporti *ma humiex eżekuttivi* bħala obbligu legali indipendenti. Loġikament, minħabba li r-rapporti MKV ma jinkludu l-ebda obbligi legali vinkolanti, ma jistgħux fihom innifishom jiġu infurzati quddiem il-qrati tal-Unjoni jew quddiem qrati nazzjonali.

167. Madankollu, dan ma jipprekludix li dawn ir-rapporti, bħal kwalunkwe tip ta' sors ieħor, ikunu jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni u jissemmew fejn jitqiesu li jitfgħu dawl fuq l-interpretazzjoni ta' miżuri tal-Unjoni jew dawk nazzjonali. Dan jista' naturalment iseħħ, bl-istess mod kif iseħħ bi kwalunkwe awtorità oħra purament *persważiva* (minflok vinkolanti), li tista' tvarja mill-minuti tal-Kunsill Ewropew, għax-xogħlijiet ta' Immanuel Kant, għal, fil-kulturi legali iktar diskursivi, biex ma ngħidx ta' ħafna paroli, il-kwotazzjonijiet memorabbli minn Terry Pratchett jew *Alice in Wonderland*.

168. Madankollu, għandu jiġi indikat b'mod ċar fil-kuntest ta' dawn id-domandi preliminari li, minħabba l-assenza tan-natura legalment vinkolanti tar-rapporti MKV, l-imħallfin nazzjonali ma jistgħux, bħala kwistjoni ta' dritt tal-Unjoni, jinvokaw ir-rakkomandazzjonijiet inklużi f'dawn ir-rapporti sabiex iwarrbu l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li jqisu kuntrarji għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

169. Finalment, fuq kwistjoni relatata, it-tieni domanda fil-Kawża C-291/19 tistaqsi dwar l-obbligu tar-Rumanija li tagħmel emendi leġiżlattivi, li jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezia u tal-GRECO.

170. Ir-rapporti tal-Kummissjoni ta' Venezia u tal-GRECO jissemmew ta' sikwit fir-rapporti MKV tal-Kummissjoni. *Bħala kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni*, dawn ir-rapporti huma, f'dan il-kuntest, sors utli ta' informazzjoni u joffru gwida persważiva fir-rigward tal-istandards rilevanti sabiex tiġi evalwata l-konformità mal-parametri referenzjarji MKV. Iż-żewġ organi internazzjonali jipprevedu rapporti awtoritattivi f'oqsma marbuta strettament mal-parametri referenzjarji b'konnessjoni mal-effettività tas-sistema ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

171. Madankollu, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti fir-rigward tal-assenza ta' effetti legali vinkolanti tar-rapporti MKV stess, b'riferiment għar-rapporti ta' dawn l-organi, ir-rapporti MKV ma jistgħux jirrendu obbligatorji r-rapporti maħruġa minn dawk l-organi internazzjonali l-oħra. Il-konstatazzjonijiet tagħhom, *sa fejn dawn huma msemmija speċifikament mir-rapporti* tal-Kummissjoni, jistgħu jiskattaw biss l-istess tip ta' obbligi marbuta ma' kooperazzjoni leali bħar-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-rapporti MKV stess[59].

172. Madankollu, il-kunsiderazzjonijiet preċedenti jipprovdu t-tweġiba li għandha tingħata bħala kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni. Dan lanqas ma jipprekludi, jew jaffettwa, il-potenzjali għal dawn ir-rapporti li jingħataw status differenti taħt id-dritt nazzjonali (kostituzzjonali), fit-twettiq tal-*obbligi ta' dritt internazzjonali* tal-Istati Membri assunti indipendentement.

[58] Iktar 'il fuq, punt 155 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[59] Fejn l-argumenti inklużi f'dawn ir-rapporti jkollhom l-istess saħħa persważiva fl-evalwazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 19 TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta. Ara f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531, punt 82).

### *d) Il-miżuri nazzjonali inkwistjoni jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-MKV?*

173. Finalment, kif semmejt fil-punt 117 ta' dawn il-konklużjonijiet, hemm kwistjoni waħda tal-aħħar relatata mar-rwol tad-Deċiżjoni MKV f'dawn il-kawżi li għandha tiġi ċċarata: il-miżuri nazzjonali inkwistjoni f'dawn il-kawżi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-istrument tad-dritt tal-Unjoni?

174. Meta ġiet mistoqsija dwar din il-kwistjoni fis-seduta, il-Kummissjoni kkonfermat li, fil-fehma tagħha, l-emendi tal-Liġijiet dwar il-Ġustizzja inkwistjoni f'dawn il-kawżi kollha jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni MKV.

175. Jiena naqbel.

176. Sabiex jiġi evalwat jekk il-miżuri nazzjonali inkwistjoni f'dawn il-kawżi humiex koperti mill-MKV, l-ewwel, it-tielet u r-raba' parametru referenzjarji tal-Anness tad-Deċiżjoni MKV huma rilevanti: (1) li [t]assigura proċess ġudizzjarju aktar trasparenti u effiċjenti partikolarment billi jiġu mtejba l-kapaċità u l-kontabilità tal-Kunsill Superjuri tal-Ġudikatura. [...]"; (3) billi "[t]ibni fuq il-progress li diġà sar, tkompli tagħmel investigazzjonijiet professjonali u mhux partiġjani dwar allegazzjonijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli" u (4) li "[t]ieħu aktar miżuri sabiex timpedixxi u tiġġieled il-korruzzjoni, b'mod partikolari fi ħdan il-gvern lokali".

177. Il-formulazzjoni tal-ewwel parametru referenzjarju hija partikolarment wiesgħa. Prattikament kull kwistjoni relatata mal-istruttura istituzzjonali tal-ġudikatura tista' tiġi kklassifikata taħt il-formula tal-iżgurar ta' "proċess ġudizzjarju aktar trasparenti u effiċjenti". Madankollu, il-firxa straordinarja ta' dan il-parametru referenzjarju, ma hijiex sorprendenti meta kkunsidrata fid-dawl tas-sitwazzjoni speċjali tal-Istati Membri li għalihom japplika l-MKV [60].

178. F'dan il-kuntest u, b'mod partikolari, fid-dawl tal-ewwel parametru referenzjarju, ftit jista' jkun hemm dubju li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni f'dawn il-kawżi, li jikkonċernaw il-ħatra f'karigi ta' mmaniġġjar fl-Ispettorat Ġudizzjarju, kif ukoll id-dispożizzjonijiet relatati mal-istabbiliment u l-operazzjoni tat-TIRSĠ, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni MKV. Dawn id-dispożizzjonijiet ġew introdotti permezz ta' emenda ta' ċerti aspetti istituzzjonali ċentrali tal-"Liġijiet dwar il-Ġustizzja", li flimkien jiffurmaw il-qafas leġiżlattiv prinċipali għall-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja fir-Rumanija.

179. L-ewwel nett, l-Ispettorat Ġudizzjarju huwa organu bil-personalità legali fil-KSĠ, li l-akkontabbiltà u t-trasparenza tiegħu huma stabbiliti espressament bħala għan fl-ewwel parametru referenzjarju. It-tieni nett, l-Ispettorat Ġudizzjarju għandu rwol kruċjali fi proċeduri dixxiplinari fil-ġudikatura, marbut direttament mal-għan tat-titjib tal-akkontabbiltà, u għaldaqstant, tal-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja. It-tielet nett, l-arranġament istituzzjonali attwali tal-Ispettorat Ġudizzjarju huwa marbut strettament mar-rakkomandazzjonijiet tal-MKV. Kif jidher mill-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, kien b'rabta mal-informazzjoni fir-Rapporti MKV tal-2010 u tal-2011 [61] li l-Ispettorat Ġudizzjarju ġie organizzat mill-ġdid fl-2012 u stabbilit bħala organu distint b'personalità ġuridika u indipendenza operazzjonali fil-KSĠ, immexxi minn kap spettur u deputat kap spettur maħtura wara kompetizzjoni [62].

60 Kif stabbilit iktar 'il fuq fil-punti 134, 135 u 152 ta' dawn il-konklużjonijiet.

61 Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Progress fir-Rumanija taħt il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika (KUMM(2010) 401 final), u Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Progress fir-Rumanija taħt il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika (KUMM(2011) 460 final).

62 L-Artikolu 65 tal-Liġi Nru 317/2004 fil-verżjoni tiegħu tas-26 ta' Jannar 2012.

180. Għal raġunijiet simili, inqis li l-istabbiliment tat-TIRSĠ huwa kopert ukoll mill-ewwel parametru referenzjarju tal-Anness tad-Deċiżjoni MKV. L-istabbiliment tat-TIRSĠ jaffettwa s-sistema ta' responsabbiltà kriminali ta' mħallfin, li, flimkien mal-proċeduri dixxiplinari għall-imħallfin, ma hijiex biss intrinsikament marbuta mal-akkontabbiltà tal-membri tal-ġudikatura, iżda hija x'aktarx marbuta wkoll mal-effiċjenza tal-proċess ġudizzjarju.

181. Barra minn hekk, l-istabbiliment tat-TIRSĠ huwa marbut ukoll mat-tielet u mar-raba' parametru referenzjarju tal-Anness tad-Deċiżjoni MKV, li skonthom ir-Rumanija taqbel li tkompli twettaq investigazzjonijiet fl-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, billi tibni fuq progress li sar diġà, u li tieħu miżuri ulterjuri sabiex tipprevjeni u tiġġieled kontra l-korruzzjoni. Fil-fatt, wieħed mit-tħassib ċentrali espress mid-deċiżjonijiet tar-rinviju fil-Kawżi C-127/19, C-195/19, C-291/19 u C-355/09 huwa preċiżament li, strutturalment, il-ħolqien tat-TIRSĠ għandu effetti sinjifikattivi fuq is-setgħat tat-Taqsima ta' Kontra l-Korruzzjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur, id-DNA. F'dan ir-rigward, kif ikkonfermat mill-Gvern Rumen fis-seduta, il-konsolidazzjoni tad-DNA kienet rekwiżit tal-MKV u tat-tielet parametru referenzjarju tiegħu.

182. Fil-qosor, ftit hemm dubju li ż-żewġ kwistjonijiet sostantivi indirizzati minn dawn it-talbiet għal deċiżjoni preliminari jaqgħu taħt id-Deċiżjoni MKV. Bħala riżultat, id-dritt tal-Unjoni jsir applikabbli għal dawn il-kawżi, u l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tiġi skattata. Madankollu, numru ta' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni wkoll ġew invokati mill-qrati tar-rinviju bħala potenzjalment applikabbli għal dawn il-kawżi, kwistjoni li ser nindirizza issa.

### *2. Il-prinċipju ta' indipendenza ġudizzjarja: l-Artikolu 47 tal-Karta u/jew l-Artikolu 19(1) TUE*

183. Il-varji mistoqsijiet fil-ħames domandi preliminari, li huma s-suġġett ta' dawn il-konklużjonijiet, isegwu l-istess struttura: wara li jfittxu kjarifika dwar in-natura u l-effetti legali tad-Deċiżjoni MKV u r-rapporti adottati fil-qafas tagħha, huma jistaqsu dwar il-kompatibbiltà ta' dispożizzjonijiet nazzjonali ma' diversi dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Il-maġġoranza tad-domandi preliminari identifikaw l-Artikolu 2, l-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 19(1) TUE bħala d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni[63], bi ftit biss mid-domandi jirreferu għall-Artikolu 47 tal-Karta[64]. Dawn id-domandi jirriflettu l-inċertezza dwar il-kampijiet ta' applikazzjoni differenti u l-interazzjoni bejn l-Artikolu 2 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, minn naħa, u l-Artikolu 47 tal-Karta, min-naħa l-oħra.

184. Il-partijiet ikkonċernati, wara li ssottomettew l-osservazzjonijiet, esprimew fehmiet differenti dwar id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni li għandhom jittieħdu bħala l-punt ta' riferiment. Id-diverġenza tal-fehmiet tikkonċerna l-iktar l-applikabbiltà tal-Artikolu 47 tal-Karta. Il-partijiet ikkonċernati kollha ħlief il-Polonja jaqblu li jqisu li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE huwa applikabbli.

185. F'dan li jsegwi, ser nispjega għalfejn jiena tal-fehma li l-applikabbiltà tal-Karta, inkluż l-Artikolu 47 tagħha, ġiet skattata mid-Deċiżjoni MKV, filwaqt li fetħet il-possibbiltà sabiex it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta jintuża bħala l-punt ta' riferiment prinċipali (a). Madankollu, ma jistax jiġi miċħud li l-mod li bih sa issa ġie interpretat u applikat l-Artikolu 19(1) TUE mill-Qorti tal-Ġustizzja, ifisser li din id-dispożizzjoni tista' tkun ukoll

63 It-tielet u r-raba' domanda fil-Kawża C-83/19; it-tielet, ir-raba' u l-ħames domanda fil-Kawża C-127/19; it-tieni domanda fil-Kawża C-195/19; it-tielet u r-raba' domanda fil-Kawża C-291/19; u t-tielet u r-raba' domanda tal-Kawża C-355/19.

64 Il-ħames domanda fil-Kawża C-127/19 u r-raba' u l-ħames domanda fil-Kawża C-291/19.

applikabbli għal dawn il-kawżi (b). Madankollu, ser nikkonkludi bi ftit suġġerimenti kawti dwar għalfejn l-ibbażar tal-evalwazzjoni sħiħa ta' dawn il-kawżi esklużivament fuq l-Artikolu 19(1) TUE ma huwiex neċessarjament l-aqwa approċċ (c).

### *a) L-Artikolu 47 tal-Karta*

186. Il-partijiet ikkonċernati ħadu pożizzjonijiet differenti fir-rigward tal-applikabbiltà potenzjali tal-Karta, u tal-Artikolu 47 tagħha. Il-Gvern Pollakk u l-KSĠ issottomettew, essenzjalment, li dawn il-kawżi jikkonċernaw kwistjonijiet relatati mal-organizzazzjoni interna tal-ġudikatura li taqa' esklużivament fil-kompetenza tal-Istati Membri u fejn l-Unjoni ma għandha l-ebda ġurisdizzjoni[65]. Għaldaqstant, l-Artikolu 47 tal-Karta ma jkunx applikabbli, b'kunsiderazzjoni debita tal-Artikolu 51(1) u (2) tal-Karta u tal-Artikolu 6(1) TUE.

187. Fir-rigward tal-ħames domanda fil-Kawża C-291/19, il-Kummissjoni nnotat, minkejja li ma qajmet l-ebda oġġezzjonijiet espressi għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-Artikolu 47 tal-Karta jkun applikabbli biss fil-każ li l-proċeduri prinċipali kellhom jirrelataw mal-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Dan ikun il-każ, pereżempju, li kieku dawn kienu jikkonċernaw reati armonizzati skont miżuri adottati skont l-Artikolu 83(1) u (2) TFUE, jew li kieku kienu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 325 TFUE.

188. Għall-kuntrarju, il-Forum tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin u l-Gvern Belġjan u Svediż isostnu l-fehma li d-Deċiżjoni MKV tagħmel il-Karta applikabbli.

189. Jiena naqbel ma' din l-aħħar pożizzjoni.

190. Fil-fehma tiegħi, l-applikabbiltà tal-Karta ġiet skattata fil-mument meta l-miżuri nazzjonali inkwistjoni fil-kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja waqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni MKV u tal-Att ta' Adeżjoni. Għaldaqstant, l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri nazzjonali li, kif ġie nnotat fil-punt 178 ta' dawn il-konklużjonijiet, jikkonċernaw ċerti aspetti istituzzjonali ċentrali tal-qafas prinċipali leġiżlattiv għall-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja fir-Rumanija, tikkostitwixxi istanza ta' "implimentazzjoni" tad-dritt tal-Unjoni għall-għanijiet tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.

191. Kif indikat mill-Gvern Belġjan fis-seduta, anki jekk ir-Rumanija għandha diskrezzjoni kunsiderevoli sabiex tikkonforma mal-obbligi tagħha taħt il-MKV, dan ma jnaqqasx mill-applikabbiltà tal-Karta. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta, kif iddefinit fl-Artikolu 51(1) tagħha, ikopri wkoll sitwazzjonijiet fejn id-dritt tal-Unjoni jagħti lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni li huwa parti integrali mis-sistema stabbilita minn dan l-att tal-Unjoni[66]. In-natura tal-MKV, ibbażata fuq il-monitoraġġ ta' parametri referenzjarji li l-kisba tagħhom hija vinkolanti, hija istanza ta' din id-"diskrezzjoni limitata". Ġurisprudenza

[65] Il-Gvern Pollakk, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, kopra biss it-tielet domanda fil-Kawża C-83/19; ir-raba' u l-ħames domanda fil-Kawżi C-127/19; it-tieni domanda fil-Kawża C-195/19; ir-raba' u l-ħames domanda fil-Kawża C-291/19; ir-raba' domanda fil-Kawża C-355/19. Dawn l-argumenti essenzjalment qabel magħhom il-Gvern Rumen fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu fir-rigward tar-raba' u tal-ħames domanda fil-Kawża C-127/19; tar-raba' u tal-ħames domanda fil-Kawża C-291/19; tat-tieni domanda fil-Kawża C-195/19; tar-raba' domanda fil-Kawża C-355/19. Madankollu, f'dan ir-rigward ukoll, il-Gvern Rumen biddel il-pożizzjoni tiegħu fis-seduta, billi pprovda osservazzjonijiet dwar il-merti ta' dawn il-kawżi, apparentement mingħajr ma sostna r-raġunijiet dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

[66] Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2011, N.S. *et* (C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865, punti 65 sa 68); tad-9 ta' Marzu 2017, Milkova (C-406/15, EU:C:2017:198, punti 51 u 52); jew tat-13 ta' Ġunju 2017, Florescu *et* (C-258/14, EU:C:2017:448, punt 48).

reċenti fil-fatt enfasizzat l-impożizzjoni ta' obbligu speċifiku li joriġina mid-dritt tal-Unjoni bħala waħda mill-iktar elementi rilevanti li jwasslu għall-applikazzjoni tal-Karta[67]. Madankollu, dawn l-obbligi sikwit jiġu ddefiniti f'termini wiesgħa u pjuttost vagi[68].

192. Madankollu, dawn il-kawżi u l-applikabbiltà tal-Karta fihom isegwu loġika pjuttost differenti. Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fi Florescu hija pjuttost indikattiva f'dan ir-rigward. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-adozzjoni ta' regoli nazzjonali fil-kuntest tal-kisba tal-kundizzjonijiet, iddefiniti b'mod wiesa' f'memorandum ta' ftehim dwar għajnuna finanzjara mill-Unjoni lil Stat Membru, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għall-għanijiet tal-applikazzjoni tal-Karta[69].

193. Fil-livell tal-ispeċifiċità tal-impenji (bħat-tnaqqis tar-remunerazzjonijiet tas-settur pubbliku jew ir-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet sabiex tittejjeb is-sostenibbiltà fit-tul, li kienu elementi prinċipali sabiex tiġi kkonstatata l-applikabbiltà tal-Karta fil-kawża Florescu)[70], fil-fatt ma hemmx differenza kbira bejn il-memorandum ta' ftehim fi Florescu u l-parametri referenzjarji inklużi fid-Deċiżjoni MKV.

194. Għalhekk, fl-adozzjoni ta' miżuri marbutin strettament mal-kisba tal-parametri referenzjarji tal-anness, Stat Membru jkun qiegħed jaġixxi fl-"implimentazzjoni" tad-dritt tal-Unjoni għall-għanijiet tal-Artikolu 51(1) tal-Karta. Il-fatt li l-obbligi imposti mid-Deċiżjoni MKV huma wiesgħa huwa l-konsegwenza loġika tan-natura, tal-għanijiet u tal-kontenut tal-istrument legali nnifsu. Fil-fatt, jekk il-Karta suppost hija d-"dell" tad-dritt tal-Unjoni[71], dan id-dell neċessarjament jirrifletti d-daqs u l-forma tal-istruttura li tagħha huwa d-dell.

195. Il-Gvern Olandiż madankollu ssottometta li, anki jekk il-Karta tkun *ġeneralment applikabbli*, skont il-kriterji tal-Artikolu 51(1) tagħha, l-Artikolu 47 tal-Karta ma huwiex, peress li din id-dispożizzjoni teħtieġ, sabiex tkun applikabbli, l-eżistenza ta' dritt materjali li jkun is-suġġett ta' proċeduri ġudizzjarji. Dan ir-rekwiżit ma huwiex issodisfatt f'dawn il-kawżi.

196. Fil-fehma tiegħi, dan l-argument għandu l-bażi tiegħu fil-fatt li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta jistabbilixxi li d-"dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti" huwa applikabbli għal "[k]ull persuna *li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha* garantiti mil-liġi ta' l-Unjoni jiġu vjolati." Fil-fatt, kif issuġġerejt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża El Hassani, sabiex l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta jkun applikabbli għal rikorrent partikolari, għandhom jiġu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet kumulattivi. L-ewwel nett, is-sitwazzjoni inkwistjoni għandha taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni sabiex il-Karta, b'mod sħiħ, tkun applikabbli

67 Ara, pereżempju, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, TSN u AKT (C-609/17 u C-610/17, EU:C:2019:981, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll id-digriet tal-24 ta' Settembru 2019, QR (Preżunzjoni ta' innoċenza) (C-467/19 PPU, EU:C:2019:776, punti 34 sa 37).

68 Ara, pereżempju, is-sentenzi tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105, punti 25 u 26), jew tad-9 ta' Novembru 2017, Ispas (C-298/16, EU:C:2017:843, punt 27).

69 Sentenza tat-13 ta' Ġunju 2017, Florescu *et* (C-258/14, EU:C:2017:448, punti 44 sa 49).

70 Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe fil-kawża Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2017:395, punti 52 u 53).

71 Lenaerts, K., u Gutiérez-Fons, J.A., "The Place of the Charter in the EU Constitutional Edifice", f'Peers, S., Hervey, T., Kenner, J., u Ward, A., *The EU Charter of Fundamental Rights: A Commentary*, C.H. Beck, Hart, Nomos, 2014, pp. 1560 sa 1593, f'1568. Ara l-konklużjonijiet tiegħi f'Ispas (C-298/16, EU:C:2017:650 punti 58 sa 65).

skont l-Artikolu 51(1) tagħha, u, it-tieni nett, ir-rikorrent għandu jkollu "drittijiet u libertajiet" konkreti ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni li jistgħu jiskattaw id-dispożizzjoni speċifika tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47[72].

197. Ma nistax għalhekk ma naqbilx mal-Gvern Olandiż li, jekk individwu speċifiku jixtieq jinvoka l-Artikolu 47 tal-Karta sabiex jagħti prova ta' dritt proċedurali ggarantit minn din id-dispożizzjoni, dik il-persuna għandu jkollha "dritt u libertà" effettiva ggarantita lilu mid-dritt tal-Unjoni li jixtieq jinforza quddiem qorti. Huwa diffiċli li wieħed jara kif l-Artikolu 47 tal-Karta jista' jiġi invokat sabiex jiġi infurzat dritt individwali noneżistenti.

198. Madankollu, dawn il-kawżi huma, f'termini strutturali, pjuttost differenti. Il-Karta ma hijiex invokata bħala sors ta' drittijiet individwali għal partijiet speċifiċi. Din qiegħda tiġi invokata bħala kriterju oġġettiv għall-istħarriġ ta' tal-kostituzzjonalità fir-rigward tal-firxa permissibbli ta' soluzzjonijiet normattivi adottati minn Stat Membru fl-implimentazzjoni tal-obbligi tiegħu tad-dritt tal-Unjoni li jirriżultaw mid-Deċiżjoni MKV u mill-Att ta' Adeżjoni.

199. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni daħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni minħabba li huma l-implimentazzjoni nazzjonali, primarjament, tad-Deċiżjoni MKV u, sekondarjament, tal-Att ta' Adeżjoni wkoll[73]. Għalhekk, il-Karta hija applikabbli, billi tirrifletti u tikkontrolla l-eżerċizzju ta' setgħa pubblika nazzjonali implimentata sabiex jiġu ssodisfatti l-obbligi tal-Unjoni tal-Istati Membri. Dan ma jfissirx, naturalment, li d-Deċiżjoni MKV jew l-Att ta' Adeżjoni, anki jekk dawn skattaw l-applikabbiltà tal-Karta skont l-Artikolu 51(1) tagħha, ikunu l-bażi ta' "dritt jew libertà" effettiva għall-partijiet privati.

200. Iżda f'dan l-ispazju li ġie miftuħ permezz tad-Deċiżjoni MKV u l-Att ta' Adeżjoni, il-Karta, inkluż l-Artikolu 47 tagħha, jistgħu ċertament jintużaw bħala *kriterju oġġettiv u ġenerali* tal-kostituzzjonalità fuq il-livell tal-Unjoni. Ir-rwol ta' drittijiet fundamentali bħala parametri oġġettivi ta' stħarriġ, applikati fi *stħarriġ astratt* ta' kostituzzjonalità mwettaq f'numru ta' ordinamenti ġuridiċi nazzjonali, huwa preżenti wkoll fid-dritt tal-Unjoni. Id-dritt tal-Unjoni mhux biss jista' jiġi invokat bħala kejl fi proċeduri nazzjonali kkonċernati bl-istħarriġ astratt ta' dispożizzjonijiet legali nazzjonali[74], iżda d-drittijiet stabbiliti fil-Karta, li għandhom l-istess valur daqs it-Trattati taħt l-Artikolu 6(1) TUE, qegħdin jiġu applikati bħala parametri ta' kontroll ta' atti u dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni[75], anki fl-evalwazzjoni tal-imġiba tal-Istati Membri fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni[76].

72 Ara, dwar din id-diskussjoni, il-konklużjonijiet tiegħi (C-403/16, EU:C:2017:659, punti 74 sa 83). Għal opinjoni differenti ara Prechal, S., "The Court of Justice and Effective Judicial Protection: What Has the Charter Changed?", f'Paulussen, C. *et* (edituri), *Fundamental Rights in International and European Law*, TMC Asser Press, Den Haag, 2016, pp. 143 sa 157, jew Peers, S. *et*, *The EU Charter of Fundamental Rights A Commentary*, C.H. Beck, Hart, Nomos, Oxford, 2014, p. 1199. Ara wkoll is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2017, Berlioz Investment Fund (C-682/15, EU:C:2017:373, punt 51), li tidentifika d-"dritt" sottostanti ggarantit mid-dritt tal-Unjoni mal-prinċipju ta' "protezzjoni kontra interventi arbitrarji u sproporzjonati fil-qasam tal-attivitajiet privati ta' kwalunkwe persuna, kemm jekk fiżika jew ġuridika".

73 Iktar 'il fuq, punti 173 sa 182 ta' dawn il-konklużjonijiet.

74 Pereżempju, is-sentenzi tat-23 ta' Diċembru 2015, Scotch Whisky Association *et* (C-333/14, EU:C:2015:845, punt 50), jew tat-13 ta' Novembru 2019, Lietuvos Respublikos Seimo narių grupė (C-2/18, EU:C:2019:962, punti 70 u 82).

75 Sabiex insemmi ftit eżempji, ara s-sentenzi tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-540/03, EU:C:2006:429, punti 76, 90 u 108); tad-9 ta' Novembru 2010, Volker und Markus Schecke u Eifert (C-92/09 u C-93/09, EU:C:2010:662, punti 86 sa 89); tal-1 ta' Marzu 2011, Association belge des Consommateurs Test-Achats *et* (C-236/09, EU:C:2011:100, punti 30 sa 33); jew tat-8 ta' April 2014, Digital Rights Ireland *et* (C-293/12 u C-594/12, EU:C:2014:238, punti 37 u 48 sa 71).

76 Ara, b'mod partikolari, fil-kuntest ta' proċeduri ta' ksur, is-sentenza tal-21 ta' Mejju 2019, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Użufrutt fuq art agrikola) (C-235/17, EU:C:2019:432, punti 89 u 129).

201. Fil-qosor, hemm mill-inqas żewġ tipi ta' kawżi li fihom id-dispożizzjonijiet tal-Karta jistgħu jiġu invokati. L-ewwel nett, hemm l-infurzar klassiku, minn isfel għal fuq, ta' dritt fundamentali speċifiku iggarantit lil individwu speċifiku li jirrifletti b'ċertu mod dak li tradizzjonalment issejjaħ l-*istħarriġ konkret* tal-kostituzzjonalità. Id-dritt ta' persuna X fiċ-ċirkustanzi ta' kawża speċifika ġie miksur? It-tieni nett, hemm l-evalwazzjoni minn fuq għal isfel u astratta, li fiha tiġi analizzata l-kompatibbiltà ta' ċerti soluzzjonijiet leġiżlattivi, pjuttost separati minn kawża individwali. Soluzzjoni leġiżlattiva partikolari hija kompatibbli ma' dan jew dak id-dritt fundamentali? Dan jammonta għal *stħarriġ astratt* tal-kostituzzjonalità.

202. Dak li effettivament qiegħed jintalab f'dawn il-kawżi huwa stħarriġ astratt tal-kostituzzjonalità fuq il-livell tal-Unjoni ta' żewġ soluzzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali mal-prinċipji tal-indipendenza ġudizzjarja, kif notevolment jirriżultaw mid-dritt għal smigħ xieraq stabbilit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta. Bl-iskattar tad-dritt tal-Unjoni u bl-involviment tal-applikabbiltà tal-Karta skont l-Artikolu 51(1) tagħha permezz tad-Deċiżjoni MKV u l-Att ta' Adeżjoni, peress li dawn is-soluzzjonijiet nazzjonali kollha jinsabu b'mod ċar fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn l-aħħar strumenti, il-Karta tipprovdi kriterju ta' din l-evalwazzjoni. Dan ma jirriżultax neċessarjament minn kwalunkwe dritt individwali ta' persuni speċifiċi, iżda pjuttost mill-fatt li tirrifletti l-għażliet leġiżlattivi nazzjonali adottati fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni.

203. Fi kwalunkwe każ, li kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha ma ssegwix l-approċċ tiegħi u kellha tiddeċiedi li l-Artikolu 47 tal-Karta ma huwiex applikabbli għal dawn il-kawżi, huwa applikabbli t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, fid-dawl tal-ġurisprudenza reċenti, kwistjoni li ser nindirizza issa.

### *b) L-Artikolu 19(1) TUE*

204. Fir-rigward tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, il-Gvern Pollakk insista li, kuntrarjament għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Associação Sindical dos Juízes Portugueses [77], fejn il-qorti nazzjonali ddeċidiet dwar rikors ta' annullament imressaq minn individwi li jallegaw il-ksur tal-prinċipju tal-indipendenza tal-ġudikatura minn ċerti dispożizzjonijiet nazzjonali, il-kawżi inkwistjoni għandhom natura purament nazzjonali. Sar argument simili dwar l-Artikolu 2 TUE, billi ġie nnotat li l-prinċipji ġenerali li jirriżultaw minn din id-dispożizzjoni huma applikabbli biss fejn id-dritt tal-Unjoni huwa applikat.

205. L-argumenti tal-Gvern Pollakk ma jistgħux jintlaqgħu.

206. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE jobbliga lill-Istati Membri jipprovdu rimedji suffiċjenti sabiex jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li din id-dispożizzjoni tapplika indipendentement mis-sitwazzjoni li fiha l-Istati Membri jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta [78]. Bħala

[77] Sentenza tas-27 ta' Frar 2018 (C-64/16, EU:C:2018:117).

[78] Sentenzi tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punt 29); tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531, punt 50); tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 82); jew tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny zastępowany przez Prokuraturę Krajową (Sistema dixxiplinari għall-imħallfin) (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punt 33).

riżultat, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE japplika fejn qorti nazzjonali *tista'* tintalab tiddeċiedi, bħala qorti, dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni ta' dritt tal-Unjoni, u għalhekk jaqgħu taħt l-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni [79].

207. Minħabba li jkun pjuttost diffiċli li tinsab qorti nazzjonali li ma tista' qatt, fid-definizzjoni, tintalab tiddeċiedi dwar kwistjonijiet ta' dritt tal-Unjoni [80], jidher li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE huwa bla limiti, kemm *istituzzjonalment* (fir-rigward tal-qrati kollha, jew anki organi, li potenzjalment japplikaw id-dritt tal-Unjoni) kif ukoll *sostantivament*.

208. Sa fejn hija kkonċernata l-firxa sostantiva tiegħu, il-portata tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, mill-inqas skont il-ġurisprudenza tal-lum, jinkludi r-regoli jew il-prattiki nazzjonali kollha li jistgħu jkollhom impatt negattiv fuq l-obbligu tal-Istati Membri sabiex jistabbilixxu rimedji effettivi, inklużi l-indipendenza u l-imparzjalità ta' dawn is-sistemi ġudizzjarji. Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE ma jidhirx li jinkludi xi limiti interni u kwantitattivi. Ma hemm l-ebda regola *de minimis*. Għalhekk, ma hemmx esklużjoni bbażata fuq il-qasam jew fuq is-serjetà. Kollox, irrispettivament minn kemm il-kwistjoni tkun insinjifikattiva, kemm jekk tkun organizzazzjoni, proċedura jew prattika ġudizzjarja nazzjonali, jaqa' potenzjalment taħt l-Artikolu 19(1) TUE [81].

209. Illum, l-unika kundizzjoni ta' limitu tirrigwarda l-ammissibbiltà: jeħtieġ li jkun hemm rabta funzjonali. Id-deċiżjonijiet preliminari mitluba għandhom ikunu meħtieġa sabiex jippermettu lill-qorti tar-rinviju tagħti sentenza fil-kawża speċifika [82]. Hemm għaldaqstant bżonn li jkun hemm "bejn l-imsemmija tilwima u d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li l-interpretazzjoni tagħhom hija mitluba, rabta b'tali mod li din l-interpretazzjoni tissodisfa bżonn oġġettiv għad-deċiżjoni li l-qorti tar-rinviju għandha tieħu" [83].

210. Kif diġà ġie nnotat iktar 'il fuq f'dawn il-konklużjonijiet fir-rigward tal-ammissibbiltà [84], is-soluzzjoni tal-proċeduri prinċipali f'dawn il-kawżi hija sostantivament marbuta mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, li miegħu d-domandi preliminari huma relatati [85].

211. Għaldaqstant, sa fejn huwa kkonċernat il-kamp ta' applikazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, il-fehma tiegħi hija li dawn il-kawżi jissodisfaw iż-żewġ testijiet: l-ammissibbiltà, kif ukoll it-test (noneżistenti) għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja skont

79 Sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531, punt 51); tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 83); jew tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny zastępowany przez Prokuraturę Krajową (Sistema dixxiplinari għall-imħallfin) (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punt 34). Enfasi miżjuda minni.

80 Bl-applikazzjoni nazzjonali tad-dritt tal-Unjoni naturalment ma tkunx limitata għal applikazzjoni *diretta* ta' sorsi tad-dritt tal-Unjoni, bħal regolament, iżda wkoll l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi dritt tal-Unjoni, tipikament direttiva, jiġifieri applikazzjoni *indiretta* ta' regoli ta' oriġini tad-dritt tal-Unjoni, bit-teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn ir-regoli f'interpretazzjoni konformi.

81 Iżda ara, forsi fir-rigward tal-loġika iżda mhux neċessarjament tal-formulazzjoni tagħha, id-digriet reċenti tat-2 ta' Lulju 2020, S.A.D. Maler und Anstreicher OG (C-256/19, EU:C:2020:523).

82 Sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz and Prokurator Generalny zastępowany przez Prokuraturę Krajową (Sistema dixxiplinari għall-imħallfin) (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punt 45), u d-digriet tat-2 ta' Lulju 2020, S.A.D. Maler und Anstreicher OG (C-256/19, EU:C:2020:523, punt 43).

83 Sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz and Prokurator Generalny zastępowany przez Prokuraturę Krajową (Sistema dixxiplinari għall-imħallfin) (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punt 48), u digriet tat-2 ta' Lulju 2020, S.A.D. Maler und Anstreicher OG (C-256/19, EU:C:2020:523, punt 45).

84 Punti 89 sa 92, 99 sa 104 u 106 sa 109.

85 *A contrario*, is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny zastępowany przez Prokuraturę Krajową (Sistema dixxiplinari għall-imħallfin) (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punt 49).

it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE. Dawn kollha jikkonċernaw elementi differenti tas-sistema ġudizzjarja Rumena, li huma applikabbli b'mod ġenerali u li jistgħu jirriżultaw f'riskji għall-indipendenza tal-ġudikatura kkunsidrata b'mod sħiħ, u għaldaqstant jaffettwaw lil qrati li jistgħu jiddeċiedu dwar oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. It-talbiet tressqu fil-kuntest ta' proċeduri li għalihom ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-bażi tal-Artikolu 19(1) TUE hija fil-fatt oġġettivament meħtieġa sabiex il-qorti nazzjonali tieħu deċiżjoni.

### *c) L-Artikolu 19(1) TUE u l-perikoli ta' bibien miftuħa wisq*

212. Madankollu, fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, jiena tal-parir li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tinvokax esklużivament l-Artikolu 19(1) TUE. Fil-fatt, jista' jkun hemm, fil-fehma tiegħi, argumenti robusti favur li dawn il-kawżi jiġu ġġudikati pjuttost fuq il-bażi tad-Deċiżjoni MKV flimkien mal-Att ta' Adeżjoni, ikkunsidrati flimkien mal-Karta, fejn l-Artikolu 19(1) TUE jibqa' sempliċement fil-periferija, biex ngħid hekk, jekk huwa neċessarju fuq kollox.

213. Fir-rigward tal-istandards applikabbli, din id-diskussjoni tista' tidher pjuttost teoretika f'kawżi li jikkonċernaw elementi "strutturali" li jaffettwaw l-indipendenza tal-ġudikatura. Kawżi strutturali bħal dawn, bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjoni għal ammissibbiltà u l-fattur ta' konnessjoni, jaqgħu, fi kwalunkwe każ, fil-kamp ta' applikazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, kif diġà ġie nnotat. Ir-rekwiżit li l-qrati jkunu indipendenti u l-imħallfin imparzjali huwa, wara kollox, element essenzjali tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva stabbilit kemm fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u fl-Artikolu 47 tal-Karta. Barra minn hekk, ġurisprudenza reċenti turi li l-kontenut tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE jikkoinċidi mal-garanziji meħtieġa mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, mill-inqas espressament sa fejn huma kkonċernati l-elementi tal-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura[86]. Dan il-prinċipju, imbagħad, huwa essenzjali għall-protezzjoni tad-drittijiet kollha mogħtija mid-dritt tal-Unjoni, kif ukoll għall-ħarsien tal-valuri tal-Artikolu 2 TUE, b'mod partikolari, l-Istat tad-dritt[87].

214. Madankollu, hemm elementi tal-kuntest ta' dawn il-kawżi, kif ukoll il-konsegwenzi prattiċi li wieħed jinvoka esklużivament l-Artikolu 19(1) TUE, li jistħoqqilhom jiġu enfasizzati.

215. L-ewwel nett, l-Istati Membri taħt il-MKV huma f'pożizzjoni speċifika, ikkaratterizzata mis-sottomissjoni tagħhom għal qafas legali pjuttost wiesa' u ddettaljat, b'mod partikolari, għal dak li jikkonċerna l-impenji tagħhom relatati mal-organizzazzjoni effettiva tal-ġudikatura u mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Din il-pożizzjoni speċifika tfisser li hemm ħafna bażijiet legali kemm primarji kif ukoll sekondarji sabiex jiġi eżaminat kull aspett tal-istruttura ġudizzjarja tagħhom, bil-kundizzjoni li jista' jingħad li jorbot direttament mal-kriterji u mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni MKV u fl-Att ta' Adeżjoni.

216. It-tieni nett, b'mod simili, il-Karta hija strument ħafna iktar elaborat u ddettaljat mill-Artikolu 19(1) TUE. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta għandu kontenut robust li espressament jirreferi għall-indipendenza tal-qrati. Dan il-kontenut legali huwa barra minn hekk imsaħħaħ bir-rabta obbligatorja mal-protezzjoni offruta mill-Konvenzjoni Ewropea

86 Ara s-sovrappożizzjoni tal-istandard fir-rigward tal-Artikolu 19(1) TUE fis-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531, punti 58, 72 sa 74 u 112) fuq is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punti 120 sa 125).

87 Sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Review Simpson u HG vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni (C-542/18 RX-II u C-543/18 RX-II, EU:C:2020:232, punt 71).

għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem l-"KEDB") peress li, taħt l-Artikolu 52(3) tal-Karta, l-Artikolu 47 tal-Karta għandu jissalvagwardja livell ta' protezzjoni li ma jaqax taħt il-livell ta' protezzjoni stabbilit mill-Artikolu 6 u 13 KEDB[88]. Barra minn hekk, ir-rwol kruċjali tal-Artikolu 47 tal-Karta fir-rigward tar-rekwiżit tal-indipendenza tal-ġudikatura huwa kkonfermat mill-ġurisprudenza reċenti, li tgħid li l-kontenut normattiv tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE huwa identifikat b'riferiment għal din id-dispożizzjoni. Barra minn hekk, mill-perspettiva tal-effetti legali tiegħu, il-ġurisprudenza kkonfermat li l-Artikolu 47 tal-Karta huwa mogħni b'effett dirett[89].

217. Bħala konsegwenza, jidhirli li ma huwiex meħtieġ li ssir insistenza fuq it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE bħala l-parametru referenzjarju prinċipali, jew saħansitra bħala l-uniku wieħed, għal analiżi li eventwalment ser twassal lura għall-applikazzjoni tal-istandards tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta f'kawża fejn din id-dispożizzjoni hija, fi kwalunkwe każ, applikabbli weħidha.

218. Huwa minnu li l-użu tal-Artikolu 19(1) TUE mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-passat reċenti wassal, għal kunsiderazzjonijiet ta' ekonomija proċedurali, sabiex l-eżami tal-Artikolu 47 tal-Karta tiġi kkonstatata bħala mhux neċessarja[90]. Din hija, fil-fehma tiegħi, pjuttost raġonevoli fir-rigward ta' kawżi li jikkonċernaw miżuri trasversali u orizzontali li, mid-definizzjoni tagħhom, jaffettwaw l-operazzjonijiet kollha tal-ġudikaturi nazzjonali bħala kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni[91].

219. Madankollu, kuntrarjament għas-sitwazzjoni fil-kawża Associação Sindical dos Juízes Portugueses, l-eżami tal-applikabbiltà tal-Artikolu 47 tal-Karta jidher li ma tistax tiġi evitata f'dawn il-kawżi. Minn naħa, dawn il-kawżi jinkludu domanda dwar aspett speċifiku tal-Artikolu 47 tal-Karta, bħad-dritt għal smigħ xieraq permezz tar-riżoluzzjoni tal-kawża f'terminu raġonevoli[92]. Dan jagħmel l-evalwazzjoni dwar jekk l-Artikolu 47 tal-Karta japplikax għal dawn il-kawżi, fi kwalunkwe każ, inevitabbli. Min-naħa l-oħra, l-analiżi meħtieġa mid-domandi preliminari relatati man-natura, mal-kamp ta' applikazzjoni u mal-effetti legali tal-MKV fir-rigward tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni diġà toffri bażi solida sabiex jiġi kkonfermat li l-Karta hija applikabbli f'dawn il-kawżi[93].

220. Għal dawn ir-raġunijiet, fil-kuntest ta' dawn il-kawżi, l-ekonomija ġudizzjarja timmilita minflok sabiex l-analiżi tiġi bbażata fuq il-qafas legali li huwa iktar speċifiku u robust – dak tad-Deċiżjoni MKV u tal-Artikolu 47 tal-Karta. Fil-fatt, kif muri b'ġurisprudenza reċenti, fejn konstatazzjoni pożittiva dwar l-applikabbiltà tal-Karta hija inevitabbli, l-Artikolu 47 tal-Karta għandu jkun il-kriterju rilevanti, li għaldaqstant jagħmilha mhux neċessarja li titwettaq analiżi distinta fuq il-bażi tal-Artikolu 2 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE[94].

88 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punti 116 sa 118).

89 Ara s-sentenzi tas-17 ta' April 2018, Egenberger (C-414/16, EU:C:2018:257, punt 78); tad-29 ta' Lulju 2019, Torubarov (C-556/17, EU:C:2019:626, punt 56); u tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 162).

90 Sentenza tas-27 ta' Frar 2018, C-64/16, EU:C:2018:117, punt 52. Iżda ara, għal approċċ differenti bbażat fuq il-Karta, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe f'dik il-kawża (EU:C:2017:395).

91 Kif innotajt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Torubarov (C-556/17, EU:C:2019:339, punti 53 sa 55).

92 Il-ħames domanda fil-Kawża C-291/19, li tikkonċerna d-dritt għal smigħ xieraq u pubbliku permezz tar-riżoluzzjoni tal-kawża f'terminu raġonevoli

93 Kif stabbilit iktar 'il fuq fil-punti 128 sa 182 ta' dawn il-konklużjonijiet.

94 Ara s-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 169).

221. It-tielet u l-aħħar nett, apparti l-argument doppju ta' *lex specialis*, li jagħmel l-invokazzjoni (esklużiva) ta' xi ħaġa ħafna iktar ġenerali u bażika mhux neċessarja, hemm il-mistoqsija ġenerali dwar jekk it-triq li tidher li hija l-eħfef hijiex fil-fatt l-iktar waħda sigura, speċjalment jekk dik li tidher li hija l-eħfef triq ma tkunx pjanata sew.

222. Il-portata, bħalissa apparentement bla limitu, tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE ma hijiex biss qawwa ta' din id-dispożizzjoni, iżda hija wkoll id-dgħufija ewlenija tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja fil-futur ser tkun lesta li tistħarreġ kwalunkwe kwistjoni jew element li jitressaq għall-attenzjoni tagħha mill-kontropartijiet nazzjonali tagħha, li jallegaw li xi element tal-istruttura ġudizzjarja nazzjonali jew proċedurali jista' jimponi, ċertament fil-fehma suġġettiva tagħhom, problemi skont il-livell ta' indipendenza ġudizzjarja li huma jqisu xieraq? Il-firxa tal-kwistjonijiet hija bla limitu: mil-livell ta' awtoregolazzjoni mixtieq mill-ġudikatura; għas-sistema ta' allokazzjoni ta' kawżi f'sistema nazzjonali, sal-kwistjoni tal-fatt li ċerti mħallfin ma jiġux promossi għal presidenti ta' awli; jew, il-kwistjonijiet minn dejjem favoriti ta' salarji, supplimenti, benefiċċji u bonusijiet tal-Milied tal-ġudikatura. Dawn l-elementi kollha għandhom jiġu fformulati biss f'termini "strutturali", sabiex jaqgħu fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE[95]? Żgur li huwa possibbli. Hija sempliċement kwistjoni li tiġi fformulata d-domanda t-tajba. Jew hija permissibbli wkoll l-"awtodifiża ġudizzjarja" individwali[96] kontra miżura speċifika partikolari jew anki kontra president problematiku partikolari ta' qorti? Jekk le, kif eżattament għandu jiġi stabbilit dan in-nuqqas strutturali, fid-dawl tal-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja preċedentement isseparat kwalunkwe mekkaniżmi formalizzati bħal dawn, bħall-proċedura tal-Artikolu 7 TUE[97], milli jkunu kundizzjoni neċessarja għall-konstatazzjoni ta' nuqqas (sistemiku) fil-kawża individwali?

223. Huwa pjuttost probabbli li l-Qorti tal-Ġustizzja ser jerġa' jkollha tikkunsidra l-firxa bla limitu tal-Artikolu 19(1) TUE, din id-darba forsi b'perspettiva iktar restrittiva. Dan, madankollu, jenfasizza biss in-natura vera tal-Artikolu 19(1) TUE, li għandu b'mod xieraq jibqa' għodda straordinarja għal kawżi straordinarji. B'kuntrast, il-MKV espressament fetaħ, ċertament fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, forsi mhux kollha kemm huma tant straordinarji, relatati ma' kwalunkwe kwistjoni ta' effiċjenza tal-proċess ġudizzjarju u l-indipendenza ġudizzjarja.

224. F'dan il-kuntest, id-dipendenza primarjament fuq id-Deċiżjoni MKV u l-Karta tipprovdi bażi solida għal teħid inkunsiderazzjoni ddettaljat ta' dawn il-kwistjonijiet kollha filwaqt li tiġi osservata l-ugwaljanza tal-Istati Membri quddiem it-Trattati. Ċertament, l-Istati Membri kollha għandhom josservaw l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mill-Artikolu 19(1) TUE. Xi wħud minnhom, madankollu, huma suġġetti għal regoli ħafna iktar iddettaljati u eżiġenti tal-MKV minħabba t-termini speċifiċi tagħhom ta' Adeżjoni. Jitqies li jkun hemm inġustizzja mhux biss

95 Li sa issa ma jidhirx li huwa l-każ. Madankollu ara, bħala suġġeriment ta' dan l-approċċ, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tanchev fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-qrati ordinarji) (C-192/18, EU:C:2019:529, punt 115).

96 Fejn it-tendenza reċenti hija, effettivament, iktar stretta minn qabel. Apparti mis-sentenza li diġà ġiet diskussa tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny zastępowany przez Prokuraturę Krajową (Sistema dixxiplinari għall-imħallfin) (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punti 43 sa 49) (iktar 'il fuq, punti 209 u 210), ara wkoll id-digriet tat-2 ta' Lulju 2020, S.A.D. Maler und Anstreicher OG (C-256/19, EU:C:2020:523, punti 45 sa 48). Tendenza bħal din ma tistax immedjatament tiġi rrikonċiljata mal-approċċ fil-fatt pjuttost ġeneruż għal domandi li jikkonċernaw il-kompatibbiltà ta' proċeduri nazzjonali jew ta' istituzzjonijiet mad-dritt tal-Unjoni li mħallef nazzjonali normalment jista' jagħmel (ara, b'mod partikolari, il-punt 47 ta' dan l-aħħar digriet, b'kuntrast mas-sentenza ċċitata fih tas-17 ta' Frar 2011, Weryński (C-283/09, EU:C:2011:85, punti 41 u 42) u fil-fatt diversi deċiżjonijiet oħra tal-Qorti tal-Ġustizzja).

97 Sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet fis-sistema tal-ġustizzja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punti 68 sa 79).

meta sitwazzjonijiet simili jiġu ttrattati b'mod differenti, iżda wkoll meta sitwazzjonijiet oġġettivament differenti jiġu ttrattati l-istess[98]. L-Istati Membri suġġetti għall-MKV sempliċement ma humiex oġġettivament fl-istess sitwazzjoni bħall-Istati Membri l-oħra kollha.

225. Finalment, għall-finijiet ta' kompletezza, ser inżid li għal raġunijiet simili għal dawk li għadni kif tajt fir-rigward tal-interazzjoni bejn it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Karta, ma jidhirx li huwa neċessarju li titwettaq analiżi separata tal-Artikolu 2 TUE. L-Istat tad-dritt, bħala wieħed mill-valuri li fuqhom hija fondata l-Unjoni, huwa ssalvagwardjat permezz tal-garanzija tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, li min-naħa tagħhom għandhom bħala wieħed mill-komponenti inerenti essenzjali tagħhom il-prinċipju tal-indipendenza tal-qrati[99]. L-Artikolu 47 tal-Karta, kif ukoll l-Artikolu 19 TUE, jagħtu għaldaqstant espressjoni iktar preċiża lill-valur tal-Istat tad-dritt stabbilit fl-Artikolu 2 TUE[100].

### *3. Il-kriterji u n-natura tal-evalwazzjoni*

226. Wara li ġiet identifikata d-Deċiżjoni MKV, flimkien mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, potenzjalment b'rabta mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, bħala l-qafas legali rilevanti f'dawn il-kawżi, għadhom iridu jiġu ċċarati l-elementi sostantivi li jirriżultaw minn dawn id-dispożizzjonijiet li għandhom jintużaw bħala l-kriterji ta' evalwazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni u n-natura ta' din l-evalwazzjoni.

#### *a) Il-kriterji: l-aspetti esterni tal-indipendenza ġudizzjarja u d-duttrina ta' apparenzi*

227. L-organizzazzjoni interna tal-ġudikatura, inklużi l-arranġamenti istituzzjonali għall-istabbiliment ta' organi dixxiplinari għall-imħallfin u l-proċedura tagħhom, taqa' fil-kompetenzi tal-Istati Membri skont il-prinċipju awtomatiku tal-awtonomija istituzzjonali. Dan japplika wkoll għal Stat Membru suġġett għall-MKV.

228. Ir-Rumanija madankollu hija obbligata li tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-Deċiżjoni MKV, b'mod partikolari fir-rigward tal-kisba tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba' parametri referenzjarji tal-anness ta' din id-deċiżjoni, sabiex jiġi żgurat proċess ġudizzjarju iktar trasparenti u effiċjenti, sabiex ikomplu jitwettqu investigazzjonijiet fir-rigward tal-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli u sabiex jittieħdu miżuri għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

229. Fl-istrutturar tal-istituzzjonijiet u tal-proċeduri ġudizzjarji tagħhom sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, dan l-Istat Membru huwa, barra minn hekk, meħtieġ li jikkonforma mal-obbligi tiegħu tad-dritt tal-Unjoni li jirriżultaw mill-Artikolu 47 tal-Karta, li l-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut tiegħu għandhom jiġu interpretati fid-dawl tal-Artikolu 6(1) KEDB, kif ukoll tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE[101].

[98] *Aristotle's Nicomachean Ethics. A New Translation*, Bartlett, R. C. u Collins, S. D. University of Chicago Press, 2011, Book 3.

[99] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 120).

[100] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 98).

[101] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531, punt 52), u tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 115).

230. Il-prinċipju ta' indipendenza ġudizzjarja ma jeħtieġx lill-Istati Membri sabiex jadottaw xi mudell kostituzzjonali partikolari li jirregola r-relazzjoni u l-interazzjoni bejn id-diversi poteri tal-Istat[102], sakemm ovvjament tinżamm ċerta separazzjoni bażika tas-setgħat karatteristika tal-Istat tad-dritt[103]. Ma hemm l-ebda mudell jew sistema valida mfassla minn qabel jew unika, iżda minflok varjetà ta' sistemi u ta' strutturi. Il-ġurisprudenza tfittex li tidentifika rekwiżiti minimi li magħhom sistemi nazzjonali għandhom jikkonformaw. Dawn ir-rekwiżiti jirrigwardaw l-aspetti *interni* u *esterni* tal-indipendenza ġudizzjarja, kif ukoll mar-rekwiżit ta' imparzjalità, misluta mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB").

231. Huwa b'mod partikolari l-element *estern* tal-indipendenza ġudizzjarja, marbut strettament mar-rekwiżit tal-imparzjalità li jirrikjedi "li l-istanza kkonċernata teżerċita l-funzjonijiet tagħha b'awtonomija sħiħa, mingħajr ma tkun suġġetta għal ebda rabta ġerarkika jew ta' subordinazzjoni fil-konfront ta' ħaddieħor u mingħajr ma tirċievi ordnijiet jew istruzzjonijiet minn kwalunkwe sors, ikun xi jkun, sabiex b'hekk tkun *protetta kontra l-interventi jew il-pressjonijiet esterni* li jistgħu jippreġudikaw l-indipendenza tal-ġudizzju tal-membri tagħha u li jistgħu jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tagħhom"[104]. Dan ma jinkludix biss influwenza diretta fil-forma ta' istruzzjonijiet, iżda wkoll "il-forom ta' influwenza iktar indiretta li jistgħu jiggwidaw id-deċiżjonijiet tal-imħallfin ikkonċernati"[105].

232. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, billi fakkret il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikolu 6(1) KEDB, sabiex jiġi stabbilit l-element tal-"indipendenza", uħud mill-elementi rilevanti li għandhom jiġu kkunsidrati huma, *inter alia*, il-mod tal-ħatra u t-tul tal-mandat tal-imħallfin, l-eżistenza ta' protezzjoni kontra pressjonijiet esterni, kif ukoll il-kwistjoni ta' jekk il-korp għandux "dehra ta' indipendenza", minħabba li din il-kwistjoni tikkonċerna l-fiduċja li kull qorti għandha tispira fl-individwi f'soċjetà demokratika[106]. L-apparenzi huma element importanti wkoll fit-test oġġettiv tal-imparzjalità, li skontu għandu jiġi ddeterminat jekk, apparti l-aġir ta' mħallef partikolari, ċerti fatti li jistgħu jiġu vverifikati jippermettux suspett dwar l-imparzjalità ta' dan tal-aħħar[107].

233. L-aspett estern tal-indipendenza ġudizzjarja, flimkien mad-duttrina ta' apparenzi, għalhekk jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni, f'dak li huwa effettivament stħarriġ astratt, tal-kompatibbiltà ta' mudelli ġudizzjarji nazzjonali magħżula ma' dawn ir-rekwiżiti. Dan it-tip ta' eżami sikwit idur għall-kwistjoni dwar jekk hemmx garanziji adegwati mibnija f'sistema, li mbagħad, almenu sa ċertu punt, jipprevjenu l-pressjoni esterna u l-influwenza politika milli jiġu eżerċitati.

102 Ara, fir-rigward tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 and C-625/18, EU:C:2019:982, punt 130 u l-ġurisprudenza ċċitata).

103 *Ibid.*, punti 124 sa 126 u l-ġurisprudenza ċċitata.

104 *Ibid.*, punt 121 u l-ġurisprudenza ċċitata. Enfasi miżjuda minni.

105 *Ibid.*, punt 125 u l-ġurisprudenza ċċitata.

106 Sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 127) li tirreferi, f'dan is-sens, għall-Qorti EDB, 6 ta' Novembru 2018, Ramos Nunes de Carvalho e Sá vs Il-Portugall, CE:ECHR:2018:1106JUD005539113, punt 144 u l-ġurisprudenza ċċitata), u l-Qorti EDB, 21 ta' Ġunju 2011, Fruni vs Is-Slovakkja, CE:ECHR:2011:0621JUD000801407, punt 141.

107 Sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 128) li tirreferi għall-Qorti EDB, 6 ta' Mejju 2003, Kleyn *et* vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, CE:ECHR:2003:0506JUD003934398, punt 191 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tas-6 ta' Novembru 2018, Ramos Nunes de Carvalho e Sá vs Il-Portugall, CE:ECHR:2018:1106JUD005539113, punti 145, 147 u 149 u l-ġurisprudenza ċċitata.

234. Madankollu, in-natura fil-fatt pjuttost vaga ta' dawn il-kriterji, flimkien man-natura astratta tal-istħarriġ tal-kompatibbiltà li għandu jitwettaq, jeħtieġ ċarezza dwar dak li eżattament għandu jiġu eżaminat, b'liema livell ta' dettall, u fuq il-bażi ta' liema argumenti, kwistjoni li issa ser indur għaliha.

***b) In-natura tal-evalwazzjoni: x'għandu jiġi stabbilit***

235. L-ewwel nett, jeħtieġ li jkun hemm ċarezza dwar it-tip ta' kawża li titressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. L-ewwel kjarifika għaldaqstant tikkonċerna d-differenzjazzjoni bejn żewġ tipi ta' kawżi potenzjali li fihom jistgħu jirriżultaw domandi relatati mal-indipendenza ġudizzjarja.

236. Minn naħa, kwistjoni ta' indipendenza ġudizzjarja tista' titressaq minn individwu, bħala kwistjoni inċidentali skoperta f'sitwazzjoni li tipikament tikkonċerna l-ksur ta' drittijiet protetti mid-dritt tal-Unjoni f'kawża individwali. F'kawża bħal din, nuqqasijiet fl-indipendenza ġudizzjarja jistgħu jirriżultaw fi ksur tad-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 47 tal-Karta fil-kawża individwali. Sitwazzjoni bħal din tista' tindika natura ġeneralment disfunzjonali tar-regoli [108], iżda mhux neċessarjament, din tista' tikkonċerna wkoll nuqqas individwali f'sistema li min-naħa l-oħra hija funzjonali.

237. Min-naħa l-oħra, hemm ukoll kawżi li jikkonċernaw l-evalwazzjoni strutturali ta' elementi differenti ta' sistema ġudizzjarja. Din l-evalwazzjoni essenzjalment tħares lejn il-kompatibbiltà ta' ċerti soluzzjonijiet leġiżlattivi adottati fl-Istati Membri mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni. Din is-sitwazzjoni tista' tirriżulta, kif huwa l-każ f'dawn il-kawżi, fejn il-proċeduri prinċipali jirrelataw ma' allegati nuqqasijiet f'sistema ġudizzjarja, iżda ma humiex neċessarjament, ċertament mhux kollha, marbuta ma' istanza partikolari ta' ksur tad-dritt individwali għal smigħ xieraq f'kawża partikolari. F'sitwazzjoni bħal din, l-analiżi titlob għall-evalwazzjoni astratta tal-kompatibbiltà ta' din is-sistema mal-parametri tad-dritt tal-Unjoni [109].

238. Din it-tieni sitwazzjoni qamet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja reċentement, fil-forma ta' proċeduri ta' ksur [110]. Din qamet ukoll f'kawżi fejn, minħabba nuqqas ta' rabta mal-kwistjoni sostantiva li kellha tiġi ttrattata mill-qorti tar-rinviju fil-proċeduri prinċipali, il-kawża eventwalment ġiet iddikjarata inammissibbli [111]. Madankollu, huwa minnu li huwa veru li fil-passat kien hemm ukoll kawżi li fihom dan l-istħarriġ astratt ta' elementi strutturali kkostitwixxa l-qalba tal-proċeduri prinċipali, li għalihom risposta mill-Qorti tal-Ġustizzja tqieset neċessarja [112].

239. Dan l-aħħar tip ta' kawżi ta' stħarriġ astratt ta' kompatibbiltà ta' ċerti soluzzjonijiet istituzzjonali jew proċedurali nazzjonali mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni ċertament huwa possibbli fil-qafas tal-MKV. Kif spjegat fid-dettall iktar 'il fuq [113], dan il-mekkaniżmu jippermetti stħarriġ astratt ta' ċerti mudelli adottati mir-Rumanija, mingħajr neċessarjament ma jkun hemm

108 Dan kien il-każ fis-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982).

109 Ara, għal dawn iż-żewġ tipi ta' sitwazzjonijiet, il-konklużjonijiet tiegħi f'Torubarov (C-556/17, EU:C:2019:339, punt 53).

110 Sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531), u tal-5 ta' Novembru 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-qrati ordinarji) (C-192/18, EU:C:2019:924).

111 Sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny zastępowany przez Prokuraturę Krajową (Sistema dixxiplinari għall-imħallfin) (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234).

112 Sentenzi tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117), u tas-7 ta' Frar 2019, Escribano Vindel (C-49/18, EU:C:2019:106).

113 Punti 198 sa 202 ta' dawn il-konklużjonijiet.

allegat ksur ta' dritt individwali bbażat fuq id-dritt tal-Unjoni f'kull kawża speċifika. Għadha trid tiġi eżattament analizzata x'inhi s-sitwazzjoni llum f'dan ir-rigward skont l-Artikolu 19(1) TUE wara d-deċiżjoni reċenti tal-Awla Manja f'Miasto Łowicz [114].

240. Dak li jista' forsi jkun ta' valur transversali għall-għan ta' dawn il-kawżi, kif ukoll għal domandi potenzjali oħra li jikkonċernaw il-livell xieraq ta' indipendenza ġudizzjarja fl-Istati Membri, huwa li jiġi ċċarat x'tipi ta' argumenti għandhom huma koperti minn tali stħarriġ tant astratt, kemm jekk skont id-Deċiżjoni MKV u l-Karta, jew anki skont l-Artikolu 19(1) TUE. Jiena ser niddistingwi tliet xenarji differenti f'dan ir-rigward.

241. L-ewwel nett, l-organizzazzjoni istituzzjonali jew proċedurali, diġà kkunsidrata b'mod ġenerali u astratt, hija problematika. L-"iskema ta' organizzazzjoni" nnifisha, ikkunsidrata weħidha u anki mingħajr l-ebda eżempji speċifiċi tal-applikazzjoni tagħha, tidher żbaljata. Din kapaċi tintuża ħażin peress li huwa ċar li ma tistax tiggarantixxi l-livell xieraq ta' indipendenza esterna jew tikkonforma mar-rekwiżiti tad-duttrina ta' apparenzi, kif meħtieġ mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, jew mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE. Din l-ewwel għażla tista' tissejjaħ "evalwazzjoni purament astratta".

242. It-tieni nett, hemm is-sitwazzjoni li fiha l-arranġament istituzzjonali forsi ma jkunx problematiku fih innifsu, iżda jkun hemm argumenti ċari, jew anki provi, ippreżentati quddiem qorti, jew il-Qorti tal-Ġustizzja, li juru li dawn il-problemi jew il-potenzjal għal użu ħażin jeżistu fil-prattika. Dan jista' jseħħ f'żewġ xenarji: minn naħa, l-iskema ta' organizzazzjoni titqiegħed fil-kuntest ta' skemi ta' organizzazzjoni oħra. Dan ikun il-każ fejn regola nazzjonali, meta kkunsidrata f'iżolament u b'mod teoretiku, ma tidhirx li tkun problematika, iżda ssir problematika ħafna meta tiġi kkombinata ma' regoli oħra f'din is-sistema. Min-naħa l-oħra, in-nuqqasijiet ta' mudell partikolari jistgħu ma jkunux neċessarjament viżibbli fit-teorija, iżda fl-applikazzjoni effettiva tiegħu. Għalhekk, it-tema komuni tat-tieni xenarju tmur lil hinn mis-sempliċi skema ta' organizzazzjoni, billi tingħata ħarsa lejn id-"dokumenti kkombinati" jew id-"dokument kif applikati".

243. It-tielet nett, jista' wkoll ikun hemm sitwazzjoni li fiha l-arranġament istituzzjonali, kif iddikjarat "fuq il-karta", jidher li jikkonforma mar-rekwiżiti legali tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, jew tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE. Hemm madankollu indikazzjonijiet li, fl-ambjent speċifiku u b'rabta mal-kuntest legali u istituzzjonali partikolari ta' Stat Membru, mudell li min-naħa l-oħra jkun solidu fil-fatt diġà jkun qiegħed jintuża ħażin. Dan ix-xenarju, li huwa fil-fatt l-iktar wieħed problematiku għall-evalwazzjoni ta' kwalunkwe qorti internazzjonali jew istituzzjoni internazzjonali oħra, effettivament jirreferi għall-"prattika biss", jew sfortunatament għal "teorija bla valur".

244. Huwa neċessarju li jiġi enfasizzat li fit-tieni u t-tielet xenarji, il-kuntest nazzjonali u l-applikazzjoni effettiva huma ta' rilevanza partikolari b'żewġ modi. L-ewwel nett, id-dispożizzjonijiet inkwistjoni għandhom jiġu eżaminati fil-kuntest tax-xenarju istituzzjonali ta' Stat Membru. Sa fejn huwa possibbli, huwa għaldaqstant neċessarju li jiġi kkunsidrat il-kuntest istituzzjonali u strutturali ġenerali u kif ir-regoli inkwistjoni jinteraġixxu ma' settijiet oħra ta'

114 Ara wkoll id-digriet ikkwotat diġà tat-2 ta' Lulju 2020, S.A.D. Maler und Anstreicher OG (C-256/19, EU:C:2020:523).

regoli marbuta. Fil-fatt, anki jekk dispożizzjoni partikolari tista' titqies korretta meta kkunsidrata f'iżolament, din tista' tkun problematika ħafna meta kkunsidrata b'rabta ma' elementi oħra rilevanti tas-sistema [115].

245. It-tieni nett, hemm ovvjament il-kwistjoni sensittiva tal-verifika tad-dikjarazzjonijiet dwar l-applikazzjoni effettiva u l-prattika nazzjonali attwali li hija bbażata fuq il-proċess tal-kawża u fl-argumenti mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Huwa ċertament possibbli u neċessarju li tittieħed inkunsiderazzjoni l-prattika nazzjonali. Fil-fatt, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat kemm-il darba li dak li huwa ġeneralment rilevanti għal analiżi tal-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ma huwiex biss leġiżlazzjoni nazzjonali bħala tali, iżda wkoll ġurisprudenza u prattika [116].

246. Madankollu, jekk dawn iċ-ċirkustanzi kuntestwali u bbażati fuq il-prattika jiġu mressqa quddiem il-qrati, u b'mod partikolari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, dawn għandhom jiġu spjegati, sostnuti bi provi u diskussi b'mod xieraq, mill-qorti nazzjonali jew mill-partijiet u mill-intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fi kliem ieħor, jekk jiġi ddikjarat li sistema jew arranġament istituzzjonali partikolari topera, fir-realtà, b'mod differenti minn dak indikat fil-liġi "teoretika", huwa neċessarju li dawn l-argumenti jiġu stabbiliti b'mod xieraq sa livell raġonevoli.

247. Nixtieq nenfasizza sa livell "raġonevoli". Minn naħa, ikun kompletament irraġonevoli li jintalab minn qorti nazzjonali, li pereżempju tissuġġerixxi fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha li s-sistema nazzjonali ta' proċeduri dixxiplinari qiegħda tintuża ħażin sabiex issir pressjoni politika fuq l-imħallfin, li tipprovdi statistiċi eżawrjenti dwar il-proċeduri dixxiplinari kollha li qegħdin jitwettqu f'dak l-Istat Membru, kif ukoll prova dokumentata dwar kif eżattament din il-pressjoni qiegħda tiġi eżerċitata u kif eżattament tinfluwenza t-teħid ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji f'kawżi individwali. Min-naħa l-oħra, ikun problematiku wkoll li jiġi sempliċement indikat il-mudell nazzjonali u li jiġi ssuġġerit, *in abstracto*, li sakemm dan il-mudell ma jinbidilx għal mudell differenti, *dan jista'* jintuża ħażin.

248. Kollox jista' jintuża ħażin. Is-sempliċi potenzjal ta' użu ħażin ma huwiex argument suffiċjenti sabiex tiġi abolita struttura jew mudell sħiħ. Wieħed ma jipprojbixxix ukoll l-użu ta' skieken jew karozzi, anki jekk, f'idejn inqas responsabbli, dawn jistgħu jintużaw għal numru ta' skopijiet oħra għajr il-qtugħ tal-ħobż jew is-sewqan għax-xogħol. Għalhekk, anki fid-dinja tal-indipendenza ġudizzjarja esterna u tal-apparenzi, għandu jkun hemm xi argument konvinċenti mressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dwar kif konkretament u speċifikament ċertu mudell kapaċi jintuża ħażin jew, ċertament, istanzi ta' eżempji dwar kif dan qiegħed isir diġà fil-prattika, u b'hekk jammonta għal problema strutturali.

115 Ara, għal dan l-approċċ, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punti 152 u 153). Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża PG (C-406/18, EU:C:2019:1055) (dwar it-terminu ta' 60 jum għall-qorti sabiex tiddeċiedi, *jekk ikkunsidrat* fil-kuntest ta' regoli proċedurali u rabtiet istituzzjonali oħra għall-operazzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju effettiv ta' deċiżjonijiet dwar il-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru).

116 Ara, pereżempju, dwar ġurisprudenza: is-sentenzi tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et* (C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 80); jew dwar prattiki amministrattivi, pereżempju, is-sentenzi tal-11 ta' Ġunju 2015, Zh. u O. (C-554/13, EU:C:2015:377, punt 75); tas-17 ta' Diċembru 2015, Viamar (C-402/14, EU:C:2015:830, punt 31 u 46); jew tal-20 ta' Ġunju 2018, Enteco Baltic (C-108/17, EU:C:2018:473, punt 100).

## C. Evalwazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni

249. Fid-dawl ta' dan il-pjan direzzjonali, fil-fatt pjuttost iddettaljat, issa finalment ser indur għall-evalwazzjoni taż-żewġ kwistjonijiet istituzzjonali kkontestati. Ser nibda b'ħarsa ġenerali lejn il-kuntest legali nazzjonali (1). Imbagħad ser nevalwa d-domandi relatati mal-ħatra tad-Direttorat tal-Ispettorat Ġudizzjarju magħmula fil-Kawża C-83/19 (2), qabel nindirizza d-domandi preliminari fil-Kawżi C-127/19, C-195/19, C-291/19 u C-355/19, ikkonċernati bl-istabbiliment tat-TIRSĠ (3).

### *1. Il-kuntest ġenerali*

250. Dawn il-kawżi huma kollha kkonċernati b'elementi differenti tal-hekk imsejħa Liġijiet dwar il-Ġustizzja: Il-Liġi Nru 303/2004 dwar ir-Regoli li Jirregolaw lill-Imħallfin u lill-Prosekuturi, il-Liġi Nru 304/2004 dwar l-Organizzazzjoni Ġudizzjarja u l-Liġi Nru 317/2004 dwar il-KSĠ. Dawn il-liġijiet ġew adottati fil-qafas ta' negozjati għall-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni bl-għan li jtejbu l-indipendenza u l-effettività tal-ġudikatura [117].

251. Dawn il-liġijiet u l-emendi sussegwenti tagħhom kienu ssorveljati mill-qrib taħt il-MKV wara l-adeżjoni. Fuq il-bażi ta' dawn il-liġijiet u l-emendi sussegwenti tagħhom, il-Kummissjoni perjodikament irrapportat il-progress tar-Rumanija fir-rigward tal-indipendenza u tal-funzjonament effiċjenti tal-ġudikatura, kif ukoll il-progress magħmul fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Dan il-progress wassal lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi xi rakkomandazzjonijiet finali fir-Rapport MKV tagħha tal-2017 li setgħu wasslu għat-tmiem tal-MKV [118]. Madankollu, il-progress treġġa' lura fil-perijodu mill-2017 sal-2018, meta l-Liġijiet dwar il-Ġustizzja kollha ġew emendati permezz ta' liġijiet differenti [119], u adottati permezz ta' proċedura mħaffa mill-Parlament, li inkludiet dibattitu limitat fiż-żewġ awli tal-Parlament [120]. Dawn il-liġijiet ġew adottati fost kontroversja politika kbira u protesti pubbliċi [121]. Sussegwentement, bejn Settembru 2018 u Marzu 2019, il-Gvern Rumen adotta ħames digrieti ta' Urġenza li emendaw u żiedu dispożizzjonijiet ġodda għal-Liġijiet dwar il-Ġustizzja [122].

252. L-emendi jinkludu iktar elementi li ma humiex is-suġġett ta' dawn il-kawżi, bħal skema ġdida ta' rtirar kmieni, restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-espressjoni tal-imħallfin u iktar raġunijiet sabiex jitneħħew mill-kariga membri tal-KSĠ [123]. Dawn introduċew ukoll l-emendi li jiffurmaw il-bażi tal-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, bħall-proċedura għall-ħatra fuq bażi *ad interim* tad-Direttorat tal-Ispettorat Ġudizzjarju u l-istabbiliment tat-TIRSĠ, kif ukoll bidliet fid-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà materjali tal-imħallfin, li qiegħed nanalizza f'konklużjonijiet separati fil-Kawża C-397/19.

117 Rapport regolari tal-2004 dwar il-progress tar-Rumanija fir-rigward tal-adeżjoni (SEC(2004)1200), p. 19).

118 Ara r-Rapport MKV tal-2018, p. 3.

119 Il-Liġi Nru 207/2018 (ara l-punt 20 ta' dawn il-konklużjonijiet), kif ukoll il-Legea nr. 234/2018 pentru modificarea și completarea Legii nr. 317/2004 privind CSM (il-Liġi Nru 234/2018 li Temenda u Tissupplimenta l-Liġi Nru 317/2004 dwar il-KSĠ, Monitorul Oficial, Nru 850 tat-8 ta' Ottubru 2018) u l-Legea nr. 242/2018 pentru modificarea și completarea Legii nr. 303/2004 privind statutul judecătorilor și procurorilor (l-Liġi Nru 242/2018 li Temenda u Tissupplimenta l-Liġi Nru 303/2004 dwar l-Istatut tal-Imħallfin u tal-Prosekuturi, Monitorul Oficial, Nru 868 tal-15 ta' Ottubru 2018).

120 Rapport MKV tat-2018, p. 9.

121 Ara r-Rapport GRECO *Ad hoc* dwar ir-Rumanija (Regola 34) adottat matul id-79 Laqgħa Plenarja tiegħu tat-23 ta' Marzu 2018 (2018/2).

122 Digrieti ta' Urġenza Nru 77/2018; Nru 90/2018; Nru 92/2018; Nru 7/2019; u Nru 12/2019. Ara l-punti 18 u 27 sa 34 ta' dawn il-konklużjonijiet.

123 Ara wkoll ir-Rapport MKV tal-2018, p. 3.

253. Dawn l-emendi ġew evalwati negattivament fir-Rapporti MKV tal-2018 u tal-2019. Uħud minnhom kienu wkoll is-suġġett ta' rapporti minn diversi organi internazzjonali, inkluża l-Kummissjoni ta' Venezia[124], u l-GRECO[125], li wissew dwar ir-riskji li dawn l-elementi jistgħu jippreżentaw, jiġifieri li jimminaw l-indipendenza, kif ukoll l-effiċjenza u l-kwalità, tal-ġudikatura. Il-Kummissjoni ta' Venezia esprimiet ukoll tħassib fir-rigward tal-użu estensiv ta' digrieti ta' urġenza[126].

254. Fattur komuni importanti li jistħoqqlu li jissemma bħala kwistjoni ta' kuntest ġenerali huwa r-rwol prominenti ta' *digrieti ta' urġenza* adottati mill-Gvern Rumen sabiex jemenda punti importanti tad-diversi Liġijiet dwar il-Ġustizzja. Jekk tali użu ta' strument tant, almenu *prima facie*, straordinarju, huwa permissibbli skont id-dritt kostituzzjonali nazzjonali ma hijiex kwistjoni għall-Qorti tal-Ġustizzja, iżda pjuttost għall-qorti (qrati) nazzjonali (kostituzzjonali).

255. Madankollu, il-fatt li, kif irrikonoxxut mill-Gvern Rumen fis-seduta, it-teknika leġiżlattiva ta' digrieti ta' urġenza ntużat estensivament fl-isfera tar-riforma ġudizzjarja, mingħajr ma qatt fil-fatt kien hemm xi ġustifikazzjoni ċara għal din il-prattika f'termini ta' urġenza, diġà huwa element importanti għall-kuntest ġenerali. Liġijiet li suppost jirregolaw strutturalment it-tielet setgħa fl-Istat għandhom ikunu, f'sistema li tosserva l-vera separazzjoni tas-setgħat, adottati biss wara riflessjoni u deliberazzjoni xierqa, billi jagħtu vuċi lill-organi leġiżlattivi u ġudizzjarji kollha xierqa li normalment huma involuti fil-preparazzjoni ta' leġiżlazzjoni. Wara kollox, tali liġijiet għandhom idealment ikollhom ħajja itwal minn ta' ninfa.

256. Fil-qosor, minkejja li "r-regolamentazzjoni tal-ġudikatura permezz ta' digrieti ta' urġenza" ma hijiex fiha nnifisha ksur tad-dritt tal-Unjoni, ċertament tipprovdi element kuntestwali importanti li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni.

## 2. *Ħatra fuq bażi* ad interim *tad-Direttorat tal-Ispettorat Ġudizzjarju*

### *a) Id-deċiżjoni tar-rinviju u l-pożizzjoni tal-partijiet*

257. Id-deċiżjoni tar-rinviju tesprimi diversi ħsibijiet dwar il-proċedura legali u ċ-ċirkustanzi kuntestwali tal-adozzjoni tad-Digriet ta' Urġenza Nru 77/2018 kif ukoll il-konsegwenzi tiegħu.

258. L-ewwel nett, huwa nnotat li d-digriet ta' urġenza ma għandux l-effett li jirrettifika allegat "vakwu leġiżlattiv", kif jiddikjara l-preambolu tad-digriet, iżda minflok jeskludi lill-KSĠ minn wieħed mis-setgħat marbuta mar-rwol kostituzzjonali tiegħu bħala protettur tal-indipendenza ġudizzjarja. Barra minn hekk, id-digriet ta' urġenza jagħmilha possibbli li wieħed iżomm pożizzjoni ta' mmaniġġjar b'mod indefinit, permezz tal-estensjoni awtomatika ta' mandat skadut bl-operazzjoni indiskriminata tal-liġi, mingħajr ma l-KSĠ ikun jista' jeżerċita d-diskrezzjoni li hija fundamentali għar-rwol kostituzzjonali tiegħu.

124 Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezia Nru 924/2018 dwar emendi għal-Liġi Nru 303/2004 dwar l-Istatut tal-Imħallfin u tal-Prosekuturi, Liġi Nru 304/2004 dwar l-Organizzazzjoni Ġudizzjarja u Liġi Nru 317/2004 dwar il-Kunsill Superjuri tal-Ġudikatura (ir-Rumanija) CDL-AD(2018)017.

125 Ir-Rapport GRECO *Ad hoc* dwar ir-Rumanija (Regola 34). Adottat matul id-79 Laqgħa Plenarja tiegħu tat-23 ta' Marzu 2018 (2018/2).

126 Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezia Nru 950/2019 dwar id-Digrieti ta' Urġenza GEO Nru 7 u GEO Nru 12 li Jemendaw il-Liġijiet dwar il-Ġustizzja (ir-Rumanija) CDL-AD(2019)014.

259. It-tieni nett, il-qorti tar-rinviju tispjega li taħt l-Artikolu 133(1) tal-Kostituzzjoni Rumena l-KSĠ huwa responsabbli sabiex jissalvagwardja l-indipendenza ġudizzjarja. Huwa ssuġġerit ukoll li s-soluzzjoni adottata mid-Digriet ta' Urġenza Nru 77/2018 tikkostitwixxi eċċezzjoni mhux iġġustifikata għar-regola ġenerali ta' ħatriet fuq bażi *ad interim* li jikkonsistu fid-delega lil persuna ta' pożizzjoni ta' mmaniġġjar, li għaldaqstant tinterferixxi mal-kompetenzi tal-KSĠ.

260. Quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Forum tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin issottometta, skont l-argumenti mressqa diġà quddiem il-qorti tar-rinviju u milqugħa minnha, li d-Digriet ta' Urġenza Nru 77/2018 għandu l-effett li jċaħħad lill-KSĠ minn waħda mis-setgħat marbuta mar-rwol kostituzzjonali tiegħu bħala protettur tal-indipendenza ġudizzjarja. Fis-seduta, ir-rikorrent iċċara wkoll li s-sistema ta' delega kienet tintuża fil-passat għall-pożizzjoni ta' kap spettur tal-Ispettorat Ġudizzjarju. Barra minn hekk, l-adozzjoni ta' regoli dwar l-istatus tal-imħallfin u tal-prosekuturi, inklużi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Ispettorat Ġudizzjarju, teħtieġ l-opinjoni mill-KSĠ. L-ebda opinjoni bħal din ma ntalbet fir-rigward tad-digriet ta' urġenza inkwistjoni.

261. Il-Gvern Olandiż u dak Svediż jaqblu li l-proċeduri dixxiplinari li japplikaw għall-imħallfin, inkluża l-proċedura għall-ħatra tal-Ispettorat Ġudizzjarju, għandhom josservaw il-prinċipju ta' indipendenza tal-ġudikatura f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Gvern Olandiż jinnota li d-Digriet ta' Urġenza Nru 77/2018, kif deskritt fid-deċiżjoni tar-rinviju, ma jidhirx li josserva dan il-prinċipju. Il-Gvern Svediż jindika li hija l-qorti nazzjonali li għandha twettaq din l-evalwazzjoni.

262. Il-Kummissjoni ssottomettiet fis-seduta li intervent tal-Gvern Rumen fil-ħatra tad-Direttorat tal-Ispettorat Ġudizzjarju jista' jirriżulta f'dubji dwar il-garanziji tal-indipendenza tal-ġustizzja meta jittieħed inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, li l-kompetenza għal din il-ħatra hija tal-KSĠ. Għaldaqstant hemm indikazzjonijiet ta' ksur tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.

263. Il-Gvern Rumen issottometta fis-seduta li l-Artikolu 19 TUE jipprekludi d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jgħidu li d-Direttorat tal-Ispettorat Ġudizzjarju għandu jinħatar, anki fuq bażi *ad interim*, permezz ta' digriet ta' urġenza, sa fejn dan jista' jagħti l-impressjoni ta' influwenza politika jew pressjoni politika. Dan il-gvern ma jikkontestax l-urġenza, iżda jiddikjara li l-possibbiltà ta' delega prevista fl-Artikolu 57 tal-Liġi Nru 303/2004 ma setgħetx tintuża, minħabba li tirreferi esklużivament għal delega fil-kuntest tal-qrati u l-uffiċċji tal-prosekuturi. Madankollu, il-Gvern Rumen attwali jsostni li l-gvern preċedenti seta' jadotta mekkaniżmu ieħor sabiex jipprevjeni l-imblokk istituzzjonali, pereżempju, permezz ta' ħatra provviżorja għal terminu qasir, li tinkludi lill-KSĠ fil-proċedura.

264. Għall-kuntrarju, l-Ispettorat Ġudizzjarju ssottometta li, kif jindika l-preambolu ta' dan l-istrument, il-miżura ssib ir-raison d'être tagħha fis-sitwazzjoni maħluqa mill-fatt li l-mandat tad-Direttorat preċedenti skada fl-1 ta' Settembru 2018 mingħajr ma nbdiet kompetizzjoni ġdida mill-organu kompetenti. Barra minn hekk, dan l-att jipprovdi li huma biss persuni li diġà għaddew mill-kompetizzjoni u li diġà wettqu l-funzjonijiet ta' kap spettur u ta' deputat kap spettur li jistgħu jinħatru. Finalment, peress li l-kompetizzjoni ġiet fil-fatt organizzata mill-KSĠ, l-istess kap spettur kiseb il-pożizzjoni b'marka tajba ħafna.

### *b) Analiżi*

265. La t-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta u lanqas it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE ma jimponu mudell speċifiku fir-rigward tal-organizzazzjoni tas-sistemi dixxiplinari għal membri tal-ġudikatura. Madankollu, ir-rekwiżit ta' indipendenza jirrikjedi li r-regoli li jirregolaw is-sistema dixxiplinari għall-imħallfin "ikollhom il-garanziji meħtieġa sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' użu ta' tali sistema bħala sistema ta' kontroll politiku tal-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji"[127]. Għal din ir-raġuni, il-Qorti tal-Ġustizzja identifikat l-involviment ta' organu indipendenti u l-istabbiliment ta' proċedura li tissalvagwardja b'mod sħiħ id-drittijiet stabbiliti fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta, b'mod partikolari d-drittijiet tad-difiża, bħala garanziji essenzjali għas-salvagwardja tal-indipendenza tal-ġudikatura[128]. Din id-dikjarazzjoni bla dubju tfisser li l-istandards tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta japplikaw għal proċeduri dixxiplinari kontra l-membri tal-ġudikatura[129].

266. Għandu jiġi nnotat li dawn l-istandards japplikaw għall-organi dixxiplinari stess (tipikament l-awla dixxiplinari li tiddeċiedi dwar il-ksur dixxiplinari), mhux għall-entità li tippreżenta r-rikors quddiemhom (jiġifieri l-"prosekutur dixxiplinari"). L-Ispettorat Ġudizzjarju ma għandux l-awtorità li jieħu d-deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' ksur dixxiplinari. Dan huwa rriżervat għat-taqsima kompetenti tal-KSĠ, li huwa l-organu dixxiplinari.

267. Madankollu, l-Ispettorat Ġudizzjarju, kif iċċarat mill-Gvern Rumen fis-seduta u kif innotat mir-rikorrent, għandu rwol ewlieni fil-proċedura ġudizzjarja. Dan iwettaq l-investigazzjoni preliminari u jiddeċiedi jiftaħx investigazzjoni dixxiplinari. Dan iwettaq din l-investigazzjoni, qabel ma eventwalment jiddeċiedi jekk jippreżentax azzjoni dixxiplinari quddiem it-taqsima kompetenti tal-KSĠ għall-aġġudikazzjoni[130]. Għandu wkoll funzjonijiet importanti fl-iskattar tal-proċeduri li jwasslu għad-determinazzjoni ta' żball ġudizzjarju[131]. Barra minn hekk, kif spjegat mill-qorti tar-rinviju, il-kap spettur għandu setgħat prinċipali li wkoll ġew imsaħħa b'emendi reċenti[132]: huwa jaħtar l-ispetturi b'funzjonijiet ta' mmaniġġjar; jimmaniġġja l-attività tal-ispettorat u proċeduri dixxiplinari; jorganizza l-allokazzjoni ta' fajls; jistabbilixxi l-oqsma speċifiċi ta' attività li fiha jitwettqu azzjonijiet ta' kontroll; huwa l-mittent prinċipali li jagħti istruzzjonijiet u għandu l-kapaċità li jressaq proċeduri dixxiplinari huwa stess.

268. F'dan il-kuntest, huwa pjuttost ċar li dawn is-setgħat investigattivi u ta' "skattar" ta' investigazzjonijiet dixxiplinari diġà jistgħu, irrispettivament mill-garanziji offruti mill-organu li jieħu d-deċiżjoni finali dwar il-proċeduri dixxiplinari, jeżerċitaw pressjoni fuq il-persuni li

[127] Sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531, punt 77).

[128] Ara, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531, punt 77).

[129] F'dan ir-rigward, jidher li l-Karta fil-fatt tipprovdi standard ogħla ta' protezzjoni mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, minkejja l-evoluzzjoni reċenti ta' din tal-aħħar fi, pereżempju, Qorti EDB, 9 ta' Jannar 2013, Volkov vs L-Ukraina, CE:ECHR:2013:0109JUD002172211, punti 87 sa 91; Qorti EDB, 23 ta' Ġunju 2016, Baka vs L-Ungerija, CE:ECHR:2016:0623JUD002026112 (Awla Manja) punti 107 *et seq.*; Qorti EDB, 23 ta' Mejju 2017, Paluda vs Is-Slovakkja, CE:ECHR:2017:0523JUD003339212 (Tielet Taqsima), punti 33 sa 35; Qorti EDB, 25 ta' Settembru 2018, Denisov vs L-Ukraina, CE:ECHR:2018:0925JUD007663911 (Awla Manja), punti 44 *et seq.*

[130] Skont il-kjarifiki mogħtija mill-Gvern Rumen fis-seduta, il-kompetenzi ta' spetturi ġudizzjarji huma elenkati fl-Artikolu 74(1) tal-Liġi Nru 317/2004. Skont l-Artikolu 45(1) tal-Liġi Nru 317/2004, l-Ispettorat Ġudizzjarju jista' jiftaħ investigazzjoni *ex officio*, jew fuq talba ta' xi persuna kkonċernata, inkluż il-KSĠ. Skont l-Artikolu 44($3^1$) ta' din il-liġi, il-Ministru għall-Ġustizzja jista' jitlob l-Ispettorat Ġudizzjarju jistabbilixxi jekk hemmx indikazzjonijiet ta' ksur dixxiplinari minn prosekuturi.

[131] Skont l-Artikolu 74 tal-Liġi Nru 317/2004 u l-Artikolu 94 tal-Liġi Nru 303/2004. Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża C-397/19.

[132] Jidher mill-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li dawn is-setgħat ġew imsaħħa permezz tal-Legea nr. 234 tal-4 ta' Ottubru 2018 (Monitorul Oficial Nru 850 tat-8 ta' Ottubru 2018), li emendat l-Artikolu 69 tal-Liġi Nru 317/2004, dwar is-Setgħat tal-Kap Spettur.

għandhom l-inkarigu li jaġġudikaw f'tilwima [133]. Dan huwa l-każ *a fortiori* meta s-setgħat għall-ftuħ ta' investigazzjoni u ta' azzjoni dixxiplinari jidhru li huma vestiti f'istituzzjoni waħda li fil-fatt tispeċjalizza fl-ispezzjoni u fl-investigazzjoni ta' mħallfin.

269. Għal din ir-raġuni, organu responsabbli mill-ftuħ ta' proċeduri dixxiplinari bħall-Ispettorat Ġudizzjarju għandu mill-inqas juri xi livell ta' indipendenza operazzjonali u investigattiva. Għal darba oħra, il-livell ta' indipendenza mistenni ċertament ma jistax ikun dak meħtieġ minn organi dixxiplinari stess. Madankollu, b'teħid inkunsiderazzjoni kemm tar-rwol tal-Ispettorat Ġudizzjarju fil-KSĠ kif ukoll tas-setgħat tal-kap spettur, il-proċedura għall-ħatra għal din il-pożizzjoni ma tistax tkun tali li tikkawża tħassib li s-setgħat u l-funzjonijiet ta' dan l-organu qegħdin jintużaw bħala strumenti sabiex jiġi eżerċitat kontroll politiku u pressjoni fuq l-attività ġudizzjarja.

270. Kif tista' regola li tipprevedi sistema ta' ħatra fuq bażi *ad interim* li tikkonsisti fl-estensjoni tal-mandat ta' persuna fil-kariga tidħol f'din l-istampa? Ikkunsidrata *in abstracto* u sseparata mill-kuntest, diffiċli jingħad li din ir-regola tikser, *per se*, ir-rekwiżiti ta' indipendenza ġudizzjarja imposti mid-dritt tal-Unjoni.

271. L-ewwel nett, mhux kull istanza ta' parteċipazzjoni mill-poter eżekuttiv fil-ħatra f'pożizzjonijiet fil-ġudikatura awtomatikament tirriżulta f'dipendenza li tikser il-prinċipju ta' indipendenza, jekk hemm garanziji li jipproteġu l-persuni maħtura minn influwenza jew pressjoni fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom wara l-ħatra [134]. Fil-fatt, pjuttost bil-maqlub: is-separazzjoni tas-setgħat taqta' miż-żewġ naħat.

272. Din il-konklużjoni tapplika bl-istess mod, fil-fehma tiegħi, għall-ħatra f'pożizzjonijiet ta' mmaniġġjar ta' organu bħall-Ispettorat Ġudizzjarju. F'dan ir-rigward, kif jissottometti l-Ispettorat Ġudizzjarju, il-Gvern Rumen ma ħatarx direttament lill-kap spettur tal-Ispettorat Ġudizzjarju b'deċiżjoni individwali. Id-Digriet ta' Urġenza Nru 77/2018 jirregola proċedura sabiex jiġi żgurat l-immaniġġjar fuq bażi *ad interim* tal-Ispettorat Ġudizzjarju.

273. It-tieni nett, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta lanqas ma jipprekludi, bħala kwistjoni ta' prinċipju, sistema li permezz tagħha l-immaniġġjar fuq bażi *ad interim* ta' organu bħall-Ispettorat Ġudizzjarju huwa żgurat mill-kap spettur u mid-deputat spettur fil-kariga sakemm Direttorat ġdid jinħatar permezz tal-proċeduri regolari. Kif sottomess ukoll mill-Ispettorat Ġudizzjarju, dan jista' fil-fatt jiżgura li l-persuni li jokkupaw il-pożizzjoni fuq bażi *ad interim* diġà għaddew il-kompetizzjoni prevista mil-liġi u li għandhom esperjenza fir-rwol. Din is-sistema tista' fil-fatt tkun neċessarja u hija preżenti f'numru ta' ġurisdizzjonijiet fir-rigward ta' ċerti karigi prinċipali, inklużi ħatriet ġudizzjarji [135].

133 Ara, dwar l-effetti fuq l-indipendenza ġudizzjarja tas-sempliċi ftuħ potenzjali ta' proċeduri dixxiplinari, Qorti EDB, 9 ta' Frar 2012, Kinský vs Ir-Repubblika Ċeka, CE:ECHR:2012:0209JUD004285606, punti 97 sa 99.

134 Ara, pereżempju, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 133) li tiċċita f'dan is-sens: is-sentenza tal-31 ta' Jannar 2013, D. u A. (C-175/11, EU:C:2013:45, punt 99), u l-Qorti EDB, 28 ta' Ġunju 1984, Campbell u Fell vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:1984:0628JUD000781977, punt 79; tat-2 ta' Ġunju 2005, Zolotas vs Il-Greċja, CE:ECHR:2005:0602JUD003824002, punti 24 u 25; tad-9 ta' Novembru 2006, Sacilor Lormines vs Franza, CE:ECHR:2006:1109JUD006541101, punt 67; u tat-18 ta' Ottubru 2018, Thiam vs Franza, CE:ECHR:2018:1018JUD008001812, punt 80 u l-ġurisprudenza ċċitata.

135 Kemm insemmi biss l-iktar eżempju ovvju, ara l-Artikolu 5 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

274. Madankollu, hawnhekk ma humiex id-dettalji li jaqilgħu l-problema, iżda l-kuntest. Iż-żewġ elementi apparentement mhux problematiċi li għadni kif semmejt malajr jitilfu l-karattru mhux kontroversjali tagħhom meta wieħed jikkunsidra s-sistema speċifika għall-ħatra fuq bażi *ad interim* tad-Direttorat tal-Ispettorat Ġudizzjarju kif previst mid-Digriet ta' Urġenza Nru 77/2018, u r-riżultat speċifiku li din kisbet fil-kawża individwali.

275. Skont l-Artikolu II ta' dan id-digriet, is-sistema għal ħatra fuq bażi *ad interim* hija applikabbli wkoll fis-sitwazzjoni fejn id-Direttorat tal-Ispettorat Ġudizzjarju *jkun vakanti* fid-data li fiha dan id-digriet ta' urġenza jidħol fis-seħħ, li huwa preċiżament il-każ fejn id-Digriet ta' Urġenza Nru 77/2018 ġie adottat[136]. F'termini prattiċi, dan ifisser li r-regola introdotta b'digriet ta' urġenza, mingħajr ma ġie kkonsultat l-organu li normalment għandu jiġi kkonsultat dwar din il-ħatra, ma hijiex biss imfassla sabiex tiżgura l-kontinwità fil-kariga, iżda l-effett prattiku tagħha huwa li *ex post facto* terġa' ddaħħal fil-kariga lil persuna li l-mandat tagħha skada diġà, permezz ta' proċedura differenti minn dik intiża mil-liġi u billi jiġu evitati l-atturi normalment involuti f'din il-proċedura.

276. Dan l-element ta' kuntest u operazzjoni prattika ta' regola apparentement newtrali huwa fih innifsu suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li s-sistema għall-ħatra fuq bażi *ad interim* tad-Direttorat tal-Ispettorat Ġudizzjarju stabbilita bid-Digriet ta' Urġenza Nru 77/2018 tista' tqajjem dubji dwar l-interess tal-Gvern Rumen fil-ħatra ta' persuna partikolari sabiex tmexxi l-organu inkarigat minn investigazzjonijiet dixxiplinari kontra membri tal-ġudikatura. Bħala riżultat, din is-sistema ma jidhirx li tinkludi garanziji xierqa sabiex jitneħħa dubju raġonevoli fl-imħuħ ta' individwi dwar jekk l-organi ġudizzjarji jħallux lilhom innifishom jiġu influwenzati minn fatturi esterni u n-newtralità tagħhom fir-rigward tal-interess quddiemhom.

277. Fil-fehma tiegħi, l-analiżi tista' u għandha verament tintemm hawn. Il-qorti tar-rinviju, u fuq kollox il-partijiet (nazzjonali) ta' dawn il-proċeduri, ressqu argumenti kuntestwali oħra, li jikkonċernaw mhux biss il-kwistjonijiet ta' diviżjoni (nazzjonali) ta' kompetenza, iżda wkoll dwar l-individwi u organi involuti u l-interessi partikolari allegati tagħhom. Ma naħsibx li jkun neċessarju jew xieraq għall-Qorti tal-Ġustizzja li tieħu inkunsiderazzjoni kwalunkwe minn dawn l-elementi l-oħra ta' kuntest fid-dawl tal-fatt li l-argument li sar iktar 'il fuq huwa fih innifsu ċar u konklużiv.

278. Fil-qosor, regola newtrali fir-rigward tal-persuna stabbilita *ex ante*, li, fl-isem tal-kontinwità tal-istituzzjonijiet, tistabbilixxi li persuna għandha tibqa' fil-kariga sakemm suċċessur ma jiġix maħtur b'mod xieraq, hija tajba u raġonevoli. L-użu ta' din ir-regola apparentement newtrali, li l-uniku effett tagħha huwa li terġa' tistabbilixxi persuna partikolari f'kariga wara l-iskadenza tal-mandat tagħha, bi ksur tal-proċeduri ta' ħatra normali, la huwa tajjeb u lanqas raġonevoli.

### *c) Konklużjoni provviżorja*

279. Għaldaqstant nissuġġerixxi li t-tielet domanda fil-Kawża C-83/19 għandha tingħata r-risposta segwenti: it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, kif ukoll it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjonijiet nazzjonali li permezz tagħhom il-gvern jadotta, b'deroga mir-regoli legali normalment applikabbli, sistema għall-ħatra fuq bażi *ad interim* tal-pożizzjonijiet ta' mmaniġġjar tal-organu inkarigat milli jwettaq investigazzjonijiet dixxiplinari fi ħdan il-ġudikatura, li l-effett prattiku tagħha huwa l-istabbiliment mill-ġdid fil-kariga ta' persuna li l-mandat tagħha diġà skada.

136 Il-mandat inizjali ta' L. Netejoru skada fl-1 ta' Settembru 2018, u d-Digriet ta' Urġenza Nru 77/2018 ġie adottat fil-5 ta' Settembru 2018.

### *3. Taqsima Inkarigata mill-Investigazzjonijiet ta’ Reati Mwettqa fi ħdan is-Sistema Ġudizzjarja*

#### *a) Id-deċiżjonijiet tar-rinviju u l-pożizzjoni tal-partijiet*

280. Erbgħa mill-ħames kawżi eżaminati f’dawn il-konklużjonijiet jikkonċernaw id-dispożizzjonijiet legali li jistabbilixxu u jirregolaw it-TIRSĠ. Fil-proċeduri prinċipali tal-Kawżi C-127/19 u C-355/19, imsemmija mill-istess qorti nazzjonali, huma inkwistjoni l-legalità ta’ diversi atti amministrattivi li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet legali li jintroduċu t-TIRSĠ. Il-Kawżi C-195/19 u C-291/19 ġew sottomessi fil-kuntest ta’ proċeduri kriminali pendenti kontra mħallfin u prosekuturi fejn it-TIRSĠ ġiet mitluba tipparteċipa.

281. Huwa f’dan il-kuntest li r-raba’ u l-ħames domandi fil-Kawża C-127/19, ir-raba’ domanda fil-Kawża C-291/19 u r-raba’ domanda fil-Kawża C-355/19 jistaqsu, essenzjalment, jekk il-prinċipju ta’ indipendenza ġudizzjarja stabbilit fl-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta, kif ukoll l-obbligu li jkun hemm konformità mal-valuri tal-Istat tad-dritt taħt l-Artikolu 2 TUE, jipprekludux l-istabbiliment tat-TIRSĠ. Il-ħames domanda fil-Kawża C-291/19 tistaqsi jekk it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, dwar id-dritt għal smigħ xieraq permezz tar-riżoluzzjoni tal-kawża f’terminu raġonevoli, jipprekludix l-istabbiliment tat-TIRSĠ, fid-dawl tan-numru limitat ta’ pożizzjonijiet f’din it-taqsima.

282. Id-deċiżjonijiet tar-rinviju għalhekk iqajmu, billi fil-parti l-kbira jħaddnu l-argumenti mressqa mill-partijiet fil-proċeduri prinċipali, varji kwistjonijiet li jikkonċernaw l-istabbiliment u l-operazzjoni tat-TIRSĠ. Dawn l-argumenti ġew żviluppati ulterjorment minn uħud mill-partijiet ikkonċernati li ppreżentaw osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, b’mod partikolari l-Forum tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin, l-Assoċjazzjoni “Moviment għad-Difiża tal-Istatus tal-Prosekuturi”, il-Prosekutur Ġenerali u OL.

283. Fid-dawl tal-elementi mressqa fid-deċiżjonijiet tar-rinviju, il-Gvern Olandiż u dak Svediż, kif ukoll il-Kummissjoni, ikkonstataw li hemm fatturi sinjifikattivi li juru li r-regoli li jirregolaw l-istabbiliment u l-funzjonament tat-TIRSĠ ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-indipendenza ġudizzjarja u tal-imparzjalità.

284. Il-Gvern Rumen, li fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu iddefenda l-kompatibbiltà tat-TIRSĠ ma’ dawn l-istandards, biddel il-pożizzjoni tiegħu matul is-seduta. Dan informa lill-Qorti tal-Ġustizzja li, għar-raġunijiet esposti f’Memorandum approvat mill-gvern fis-27 ta’ Diċembru 2019, il-gvern attwali tappoġġja l-abolizzjoni tat-TIRSĠ, skont ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti MKV, kif ukoll ir-rapporti tal-Kummissjoni ta’ Venezia u tal-GRECO.

285. Dan il-gvern spjega wħud mill-elementi li fuqhom hija bbażata l-pożizzjoni l-ġdida tiegħu. Ser nindika biss tlieta minnhom, innotati minn dan il-gvern u diskussi mill-partijiet ikkonċernati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. L-ewwel nett, id-dispożizzjonijiet relatati mal-kompożizzjoni tal-bordijiet tal-għażla kif sussegwentement emendati jidhru li jmorru kontra l-prinċipju stabbilit fid-dritt Rumen tas-separazzjoni tal-karrieri ta’ mħallfin u prosekuturi, li jipprovdi li n-nomina ta’ prosekuturi hija l-kompetenza tat-taqsima tal-prosekuturi tal-KSĠ. It-tieni nett, jidher li l-ħolqien tat-TIRSĠ irriżulta f’riskju ta’ immunità *de facto* mill-prosekuzzjoni għall-prosekuturi ta’ din it-taqsima. It-tielet nett, ir-regola relatata mal-kunċett ta’ “prosekutur ġerarkikament superjuri” hija kontroversjali, b’teħid inkunsiderazzjoni tal-prinċipju kostituzzjonali ta’ kontroll ġerarkiku.

286. Għalhekk, fl-aħħar mill-aħħar, jidher li huwa biss il-KSĠ li qiegħed jiddefendi l-ħolqien u l-funzjonament tat-TIRSĠ. Dan spjega li l-ħolqien tat-TIRSĠ huwa ġġustifikat mill-bżonn li jiġu protetti l-membri tal-ġudikatura[137]. It-TIRSĠ timmira li tipprovdi garanziji addizzjonali għal kategorija speċifika ta' persuni fid-dawl tar-rwol importanti li għandhom fis-soċjetà u tiżgura livell għoli ta' professjonaliżmu ta' dawk li jittrattaw il-kawżi tagħhom. It-TIRSĠ tista' għaldaqstant ittejjeb l-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja billi tiżgura protezzjoni kontra pressjonijiet u abbużi li jirriżultaw minn ilmenti u azzjonijiet arbitrarji kontra membri tal-ġudikatura.

287. Fis-seduta, il-KSĠ enfasizza li s-sistema kienet ukoll motivata minn eċċessi mwettqa kontra membri tal-ġudikatura mid-DNA li, qabel l-istabbiliment tat-TIRSĠ, kien investiga iktar min-nofs l-imħallfin tar-Rumanija, kif ġie żvelat f'rapport redatt mill-Ispettorat Ġudizzjarju u approvat mill-KSĠ f'Ottubru 2019[138]. Barra minn hekk, dan l-għan "protettiv" inżamm mill-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali) fis-sentenza tagħha Nru 33/2018[139].

288. Il-KSĠ issottometta wkoll li l-ħolqien tat-TIRSĠ kien akkumpanjat minn sistema ta' garanziji li tista' tneħħi kwalunkwe dubju dwar l-indipendenza tagħha minn pressjoni politika. Salvagwardji addizzjonali saħħew il-proċeduri għall-ħatra tal-kap prosekutur tat-TIRSĠ u għall-għażla tal-prosekuturi ta' din it-taqsima[140]. Il-kap prosekutur tat-TIRSĠ jinħatar mill-assemblea ġenerali tal-KSĠ, mhux bħall-kapijiet ta' taqsimiet tal-prosekuzzjoni oħra li jinħatru permezz ta' kompetizzjoni organizzata mill-Ministru għall-Ġustizzja, fejn il-KSĠ jagħti opinjoni konsultattiva biss. Ġie nnotat ukoll, fir-rigward tal-prosekuturi tat-TIRSĠ, li l-garanziji addizzjonali ta' indipendenza jikkonsistu fir-rekwiżit ta' mill-inqas 18-il sena esperjenza bħala prosekutur; l-għażla ssir mingħajr influwenza politika permezz ta' proċedura trasparenti; hemm eżami rigoruż tal-aħħar ħames snin tal-attività professjonali tal-prosekuturi; u ma hemm l-ebda possibbiltà ta' delega lil din it-taqsima.

### *b) Analiżi*

289. L-argumenti mressqa mill-qrati tar-rinviju, kif ukoll it-tħassib imsemmi mill-partijiet li ppreżentaw osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja huma estensivi u kumplessi. Dawn jirrelataw ma' elementi differenti dwar ir-regoli nazzjonali li jirregolaw il-ħolqien tat-TIRSĠ, il-kompożizzjoni u s-setgħat tagħha, l-għażla tad-Direttorat tagħha, l-effetti istituzzjonali iktar wiesgħa tagħha f'termini tal-impatt tagħha fuq il-ġurisdizzjoni ta' taqsimiet oħra ta' prosekuzzjoni, u l-mod li bih dan l-organu jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu fil-prattika.

290. Skont il-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja[141], fil-fehma tiegħi dawn l-elementi, anki jekk jistgħu ma jiġux ikkritikati meta kkunsidrati individwalment, għandhom ikunu suġġetti għal evalwazzjoni ġenerali, sabiex jiġi ddeterminat l-impatt tal-ħolqien u tal-funzjonament tat-TIRSĠ fuq ir-rekwiżiti tal-indipendenza ġudizzjarja.

291. Bħala punt ta' tluq, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-effetti li jista' jkollu l-ħolqien ta' taqsima speċifika tal-prosekuzzjoni "għall-imħallfin" fuq il-perċezzjoni pubblika tal-ġudikatura, l-istabbiliment ta' tali taqsima għandu neċessarjament jikkorrispondi għal ġustifikazzjoni

137 Din kienet ukoll il-pożizzjoni sostnuta mill-Gvern Rumen fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu.

138 Il-Gvern Rumen iċċita r-Rapporti tal-Ispettorat Ġudizzjarju 5488/IJ/1365/DIP/2018 u 5488/IJ/2510/DIJ/2018.

139 Punt 141 ta' din is-sentenza.

140 Din kienet ukoll il-fehma sottomessa mill-Gvern Rumen fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu.

141 Sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punti 141 sa 144). Ara iktar 'il fuq, il-punti 242 sa 244 ta' dawn il-konklużjonijiet.

partikolarment b'saħħitha, trasparenti u ġenwina (i). Ladarba dan il-kriterju jiġi ssodisfatt, huwa, barra minn hekk, imperattiv li l-kompożizzjoni, l-organizzazzjoni u l-funzjonament ta' din it-taqsima tikkonforma mal-garanziji xierqa sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' pressjoni esterna fuq il-ġudikatura (ii). Finalment, iċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-ħolqien tat-TIRSĠ, kif ukoll il-kunsiderazzjoni tal-mod li bih dan l-organu eżerċita l-funzjonijiet tiegħu, ukoll għadhom rilevanza fl-identifikazzjoni tal-kuntest rilevanti (iii).

*i) Ġustifikazzjoni*

292. B'mod simili għal dak li diġà ġie indikat[142], ir-rekwiżiti tal-Unjoni tal-imparzjalità u tal-indipendenza tal-ġudikatura, stabbiliti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, kif ukoll fl-Artikolu 19(1) TUE, ma jimponux fuq l-Istati Membri l-obbligu li jadottaw struttura jew mudell speċifiku fir-rigward tal-istruttura istituzzjonali tal-uffiċċju tal-prosekutur. Fil-fatt, l-istruttura tal-uffiċċju tal-prosekutur fl-Istati Ewropej hija straordinarjament varjata[143].

293. Madankollu, il-ħolqien ta' taqsima tal-prosekuzzjoni ddedikata b'ġurisdizzjoni *esklużiva* għall-ksur imwettaq mill-membri tal-ġudikatura għandu impatt potenzjali ċar fuq il-perċezzjoni pubblika tal-indipendenza ġudizzjarja u l-imparzjalità. Dan jidentifika l-ġudikatura bħala grupp professjonali li għalih hija meħtieġa struttura amministrattiva separata tal-uffiċċju tal-prosekutur. Kif innotat mill-Kummissjoni, dan jista' joħloq l-impressjoni li hemm kriminalità mifruxa jew anki korruzzjoni fi ħdan is-sistema tal-ġustizzja. Dan għandu l-effett li jqiegħed il-ksur imwettaq mill-imħallfin (li jista' jkun ta' kull tip) fuq livell ta' severità ekwivalenti għal dak tal-korruzzjoni, tal-kriminalità organizzata jew tat-terroriżmu, li huma l-uniċi kwistjonijiet oħra li għalihom hemm taqsimiet speċjalizzati fi ħdan l-uffiċċju tal-prosekutur Rumen[144]. Din l-"impressjoni ta' kriminalità" taffettwa wieħed mill-iktar elementi kruċjali fl-evalwazzjoni tal-impatt ta' miżura partikolari fuq l-indipendenza ġudizzjarja, jiġifieri l-fiduċja li l-qrati f'soċjetà demokratika għandhom jispiraw fl-individwi[145].

294. Għal darba oħra, huwa diffiċli li jiġi sostnut li l-ħolqien ta' taqsimiet speċifiċi tal-prosekuzzjoni, jew anki ta' servizzi separati tal-prosekuzzjoni huwa, *per se*, ipprojbit. Hemm fil-fatt strutturi ddedikati tal-prosekuzzjoni fi ħdan l-Istati Membri, ibbażati fuq il-bżonn speċifiku ta' protezzjoni ta' ċertu grupp ta' nies (bħall-minuri); l-istatus speċjali għal ċerti persuni (bħas-servizzi tal-prosekuturi militari); jew relatati ma' kwistjoni partikolarment avvanzata li teħtieġ għarfien espert speċjali (bħal reati ekonomiċi kumplessi, ċibersigurtà, u oħrajn).

295. Madankollu, fid-dawl tal-impatt sinjifikattiv ta' din il-miżura istituzzjonali fuq il-perċezzjoni tal-ġudikatura, huwa vitali li l-ġustifikazzjoni tagħha tkun bbażata fuq raġunijiet ġenwini u suffiċjentement b'saħħithom li għandhom, barra minn hekk, jinġiebu għall-attenzjoni tal-pubbliku b'mod aċċessibbli u mhux ambigwu.

142 Iktar 'il fuq, punti 227 sa 230 (ġenerali) kif ukoll punt 265.

143 Ara, dwar din il-varjetà, pereżempju, ir-Rapport tal-Kummissjoni ta' Venezia dwar l-Istandards Ewropej fir-rigward tal-Indipendenza tas-Sistema Ġudizzjarja: Parti II – Is-Servizz tal-Prosekuzzjoni, adottat fil-85 sessjoni plenarja tagħha (Venezia, 17-18 ta' Diċembru 2010) (CDL-AD(2010)040).

144 Ara wkoll, f'dan ir-rigward, l-Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezia Nru 924/2018 dwar l-emendi għal-Liġi Nru 303/2004 dwar l-Istatut tal-Imħallfin u tal-Prosekuturi, il-Liġi Nru 304/2004 dwar l-Organizzazzjoni Ġudizzjarja u l-Liġi Nru 317/2004 dwar il-Kunsill Superjuri tal-Ġudikatura (ir-Rumanija) (CDL-AD(2018)017).

145 Sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Kamra Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 128 u l-ġurisprudenza tal-Qorti EDB iċċitata fih).

296. Kien hemm raġunijiet b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw il-ħolqien tat-TIRSĠ? Il-KSĠ spjega li l-ħolqien tat-TIRSĠ huwa ġġustifikat mill-bżonn li jiġu protetti l-membri tal-ġudikatura.

297. Il-bżonn li tiġi protetta l-ġudikatura minn pressjoni indebita jista' fil-fatt, f'termini ġenerali, jikkostitwixxi raġuni leġittima u b'saħħitha biżżejjed sabiex tiġi stabbilita struttura ta' prosekuzzjoni intiża li timmitiga dan ir-riskju, fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' Stat Membru partikolari, u b'teħid inkunsiderazzjoni tar-rekwiżiti tal-indipendenza u tal-imparzjalità tal-ġudikatura.

– *Ġustifikazzjoni aċċessibbli u mhux ambigwa?*

298. Madankollu, meta l-ħolqien ta' taqsima bħat-TIRSĠ ma tkunx marbuta ma' raġunijiet relatati mal-ġlieda kontra l-kriminalità, iżda pjuttost mal-bżonn li tiġi protetta l-ġudikatura nnifisha, huwa imperattiv li tali ġustifikazzjoni issir pubblika b'mod *aċċessibbli u mhux ambigwu*, sabiex ma tiġix imminata l-fiduċja tal-pubbliku fil-ġudikatura.

299. Il-Gvern Rumen enfasizza fis-seduta li r-raġunijiet għall-istabbiliment tat-TIRSĠ ma ġewx spjegati fil-preambolu tal-Liġi Nru 207/2018. Ir-rapport tal-Ispettorat Ġudizzjarju li jikkonċerna l-eċċessi tad-DNA, li jinvoka l-KSĠ sabiex jiġġustifika l-ħolqien tat-TIRSĠ, ġie adottat biss *wara l-pubblikazzjoni tal-liġi*, li daħlet fis-seħħ fit-23 ta' Lulju 2018. Huwa għalhekk diffiċli li wieħed jara kif dan jista' għaldaqstant jikkostitwixxi l-motivazzjoni tagħha. Finalment, il-Gvern Rumen indika fis-seduta li ġustifikazzjoni li tinvoka l-bżonn tal-protezzjoni ta' persuni speċifiċi minħabba n-natura u l-importanza tar-rwol tagħhom ma tikkonvinċinix, meta l-istess sistema ma tiġix applikata għal persuni importanti oħra bħal senaturi jew deputati.

300. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, huwa diffiċli li jiġi kkonstatat jekk l-għan tal-protezzjoni tal-ġudikatura minn pressjoni indebita kienx fi kwalunkwe każ l-għan li mmotiva l-ħolqien tat-TIRSĠ. Ma jistax għaldaqstant jiġi stabbilit, fil-fehma tiegħi, li l-ħolqien ta' din it-taqsima tal-prosekuzzjoni nġieb għall-attenzjoni tal-pubbliku b'ġustifikazzjoni aċċessibbli u mhux ambigwa.

– *Ġustifikazzjoni ġenwina?*

301. Il-punt prinċipali, u l-iktar kontenzjuż, tad-dibattitu bejn il-partijiet li ppreżentaw osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja huwa dwar jekk il-ġustifikazzjoni "protettiva" għall-istabbiliment tat-TIRSĠ huwiex *ġenwin*. Il-Forum tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin, l-Assoċjazzjoni "Moviment għad-Difiża tal-Istatus tal-Prosekuturi", il-Prosekutur Ġenerali u OL ressqu argument pjuttost iddettaljat insostenn tal-ħolqien tat-TIRSĠ kien fil-verità ispirat minn raġunijiet differenti. Dawn il-partijiet invokaw, għal dan l-għan, il-konsegwenzi prattiċi tal-istruttura istituzzjonali tat-TIRSĠ. Kif innota l-Prosekutur Ġenerali fis-seduta, dawn l-elementi jistgħu jagħtu lill-pubbliku l-impressjoni li l-għan tal-ħolqien tat-TIRSĠ kien fil-fatt li jdgħajjef il-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

302. L-ewwel nett, l-Assoċjazzjoni "Moviment għad-Difiża tal-Istatus tal-Prosekuturi" u l-Prosekutur Ġenerali kkontestaw in-natura ġenwina tal-għan "protettiv". Dan minħabba, l-ewwel nett, in-numru baxx ta' kawżi li fihom membri tal-ġudikatura kienu s-suġġett ta' azzjoni

kriminali qabel il-ħolqien tat-TIRSĠ[146]. Barra minn hekk, in-numru ta' kawżi kontra membri tal-ġudikatura żdied minflok naqas meta t-TIRSĠ saret operattiva. It-tieni nett, il-ħolqien tat-TIRSĠ ma kienx akkumpanjat mill-istabbiliment ta' xi garanziji addizzjonali. It-TIRSĠ tapplika l-istess regoli proċedurali bħat-taqsimiet tal-prosekuzzjoni l-oħra u hija obbligata, fuq il-bażi tal-prinċipju ta' legalità, li tirreġistra u tinvestiga kwalunkwe lment ippreżentat li jikkonforma mar-rekwiżiti formali tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali. Għall-kuntrarju, hemm nuqqas ta' strumenti adegwati, li jfisser inqas garanziji, l-iktar minħabba n-numru limitat ta' prosekuturi, u minħabba l-fatt li, għad-differenza tat-taqsimiet tal-prosekuzzjoni l-oħra, hemm assenza ta' struttura territorjali xierqa fil-livell nazzjonali, minħabba li l-prosekuturi kollha tat-TIRSĠ huma bbażati f'Bukarest.

303. Il-Gvern Rumen qabel ma' dan l-aħħar punt fis-seduta. Huwa nnota li l-kompetenza esklużiva tat-TIRSĠ fir-rigward ta' kull tip ta' reat imwettaq mill-membri tal-ġudikatura ma tiżgurax li l-prosekuturi għandhom l-ispeċjalizzazzjoni neċessarja, b'mod partikolari, fir-rigward ta' reati ta' korruzzjoni, liema fatt huwa iktar allarmanti minħabba li t-TIRSĠ ma għandha l-ebda struttura territorjali.

304. It-tieni nett, diversi elementi jissuġġerixxu li l-ħolqien tat-TIRSĠ *fil-verità* jwassal sabiex tiddgħajjef il-ġlieda kontra l-korruzzjoni ta' livell għoli. Skont l-Artikoli 88[1](1) u (2) tal-Liġi Nru 304/2004, it-TIRSĠ għandha ġurisdizzjoni esklużiva għal kawżi li jikkonċernaw membri tal-ġudikatura u żżomm din il-ġurisdizzjoni fejn persuni oħra wkoll ikunu s-suġġett ta' azzjoni kriminali. L-Assoċjazzjoni "Moviment għad-Difiża tal-Istatus tal-Prosekuturi" u l-Prosekutur Ġenerali spjegaw li kawżi li jkunu qegħdin jiġu ttrattati minn taqsimiet tal-prosekuzzjoni oħra għandhom jiġu ttrasferiti lit-TIRSĠ sempliċement għaliex kawżi fittizji jitressqu kontra membru tal-ġudikatura. Huwa sostnut ukoll li dan jaffettwa l-iktar lil kawżi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tad-DNA, peress li xi kawżi ta' korruzzjoni jistgħu jinvolvu wkoll lill-imħallfin. L-Assoċjazzjoni "Moviment għad-Difiża tal-Istatus tal-Prosekuturi" ċċarat fis-seduta li t-TIRSĠ setgħet titlob kwalunkwe fajl billi tinvoka elementi ta' konnettività ma' wieħed mill-fajls investigati mit-TIRSĠ. Barra minn hekk, skont l-emenda introdotta fl-Artikolu 88[8] (1)(d) tad-Digriet ta' Urġenza Nru 7/2009, it-TIRSĠ hija kompetenti sabiex tirtira appelli ppreżentati minn taqsimiet oħra tal-prosekuzzjoni. OL issottometta fis-seduta li waħda mill-ewwel azzjonijiet imwettqa mit-TIRSĠ kienet l-irtirar ta' kawżi sinjifikattivi ta' korruzzjoni li kienu fil-fażi tal-appell.

305. Għandu jiġi nnotat ukoll li r-riskju li t-TIRSĠ jiġi pperċepit bħala organu li l-istabbiliment u l-funzjonament tiegħu huma motivati politikament tqajjem mir-rapporti MKV, mill-Kummissjoni ta' Venezia u mill-GRECO[147]. Dan ir-riskju diġà ġie rrikonoxxut espressament mill-Gvern Rumen fis-seduta.

306. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, minkejja l-leġittimità u s-serjetà teoretika tal-għan protettiv indikat mill-MKV, jidhirli li ma jistax jingħad li l-ħolqien tat-TIRSĠ kien iġġustifikat b'mod ċar, aċċessibbli u mhux ambigwu, sabiex ma tiġix imminata l-fiduċja tal-pubbliku fil-ġudikatura. Barra minn hekk, u suġġett għall-verifika mill-qorti nazzjonali, l-elementi li għadni kif iddeskrivejt, li jikkonċernaw l-effetti sistematiċi detrimentali fuq il-ġurisdizzjoni tat-taqsimiet l-oħra tal-prosekuzzjoni, mhux biss jitfgħu dubji serji fuq in-natura ġenwina tal-ġustifikazzjoni li fuqha jibbaża ruħu l-KSĠ, iżda jistgħu jrawmu nuqqas ta' fiduċja fl-imparzjalità tas-sistema

146 Ara wkoll l-Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezia Nru 924/2018 dwar l-emendi għal-Liġi Nru 303/2004 dwar l-Istatut tal-Imħallfin u tal-Prosekuturi, il-Liġi Nru 304/2004 dwar l-Organizzazzjoni Ġudizzjarja u l-Liġi Nru 317/2004 dwar il-Kunsill Superjuri tal-Ġudikatura (ir-Rumanija) (CDL-AD(2018)017, punt 88).

147 Ara, pereżempju, ir-Rapport Tekniku MKV tal-2018, p. 24, l-Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezia Nru 950/2019 dwar id-Digrieti ta' Urġenza GEO Nru 7 u GEO Nru 12 li jemendaw il-Liġijiet dwar il-Ġustizzja (ir-Rumanija) CDL-AD(2019)014, punt 40; u r-Rapport GRECO *Ad hoc* dwar ir-Rumanija (Regola 34) Adottat fid-79 Laqgħa Plenarja tiegħu fit-23 ta' Marzu 2018 (2018/2), punt 34.

tal-ġustizzja u f'kemm din tħalli lilha nnifisha tiġi influwenzata minn pressjonijiet esterni, b'mod partikolari, billi tinħoloq l-impressjoni li l-ħolqien u l-operazzjoni tat-TIRSĠ huma motivati politikament.

307. B'mod sempliċi, meta t-theddid jiġi kkunsidrat flimkien, l-istampa li tirriżulta ma hijiex neċessarjament waħda ta' protezzjoni msaħħa tal-imħallfin. Dak li minflok jirriżulta b'mod inkwetanti hija superstruttura b'setgħa assoluta, li tista' naturalment tipproteġi, iżda li tista' wkoll tikkontrolla u għalhekk tinfluwenza. Hawn forsi jinsab il-paradoss tal-idea sħiħa: peress li l-imħallfin huma allegatament suġġetti għal pressjoni mill-ilmenti ppreżentati b'mod diffuż, huwa neċessarju li tinħoloq unità waħda ċċentralizzata b'ġurisdizzjoni esklużiva dwar dawn il-kwistjonijiet. Madankollu, f'termini ta' *potenzjal għal użu ħażin strutturali*, l-eżistenza ta' unità waħda ċċentralizzata u speċjalizzata ssir iktar perikoluża. Sistemi diffużi u ddeċentralizzati ġieli jaf ikunu bla koordinazzjoni, iżda, b'mod ġenerali, huma ħafna iktar reżiljenti. Għall-kuntrarju, f'sistemi ċċentralizzati, kulma huwa meħtieġ huwa li wieħed jieħu kontroll taċ-ċentru.

*ii) Garanziji*

308. Minkejja l-konklużjoni li għadha kemm saret, il-KSĠ issottometta li l-istabbiliment tat-TIRSĠ kien akkumpanjat minn sistema ta' garanziji li tista' tneħħi kwalunkwe dubju dwar l-indipendenza tagħha minn pressjoni politika[148].

309. Ma jidhirlix li huwa neċessarju li nidħol f'diskussjoni twila dwar l-elementi ddettaljati ta' dritt nazzjonali, li huma, fi kwalunkwe każ, il-qrati nazzjonali li għandhom jevalwaw. Ser sempliċement ninnota li dwar dan il-punt il-KSĠ ġie kontradett mill-Gvern Rumen, li rrikonoxxa fis-seduta li ħafna mill-garanziji li jirreferi għalihom il-KSĠ ġew sostanzjalment imdgħajfa mir-riformi sussegwenti adottati f'terminu qasir mill-gvern permezz ta' digrieti ta' urġenza.

310. Kif il-Gvern Rumen ammetta fis-seduta, l-urġenza fl-adozzjoni tad-digrieti ta' urġenza li jemendaw d-dispożizzjonijiet relatati mat-TIRSĠ mhux dejjem ġiet stabbilita. Għalkemm xi raġunijiet ġew indikati fir-rigward tad-Digrieti ta' Urġenza Nru 90/2018[149] u Nru 12/2019[150], il-Gvern Rumen innota li d-Digrieti ta' Urġenza Nru 92/2018 u Nru 7/2019 ma kienu jinkludu l-ebda tip ta' ġustifikazzjoni fir-rigward tal-urġenza jew tal-bżonn li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet relatati mat-TIRSĠ.

311. Mill-osservazzjonijiet sottomessi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, jidher li d-digrieti ta' urġenza repetutament emendaw id-dispożizzjonijiet relatati mal-proċedura tal-għażla, billi għamlu r-rekwiżiti għall-kompożizzjoni tal-bord tal-għażla inqas rigorużi[151]. Il-Gvern Rumen enfasizza fis-seduta li, minkejja l-fatt li dan indika fl-osservazzjonijiet bil-miktub li l-proċedura għall-ħatra tal-prosekuturi tat-TIRSĠ kienet garanzija addizzjonali, dan imkien ma semma l-emendi sussegwenti introdotti permezz tad-Digriet ta' Urġenza Nru 90/2018. Barra minn hekk,

148 Ara l-punt 288 iktar 'il fuq.

149 Digriet ta' Urġenza Nru 90/2018 (iktar' il fuq, punt 27), li emenda l-garanziji tal-proċedura tal-għażla sabiex tiġi żgurata ħatra fuq bażi *ad interim* tad-Direttorat u terz tal-prosekuturi tat-TIRSĠ, stabbilixxa terminu ta' tliet xhur, sat-23 ta' Ottubru 2018, sabiex it-TIRSĠ issir operattiva. Il-Gvern Rumen spjega fis-seduta li fuq il-bażi tal-preambolu ta' dan id-digriet, minn dik id-data 'l quddiem, it-taqsimiet tal-prosekuzzjoni l-oħra ma kellhomx ġurisdizzjoni fuq ir-reati koperti mit-TIRSĠ. Kien għaldaqstant meqjus neċessarju li tinħoloq b'digriet ta' urġenza proċedura derogatorja sabiex tiġi żgurata l-ħatra fuq bażi *ad interim* tad-Direttorat tat-taqsima u terz tal-prosekuturi.

150 L-urġenza tad-Digriet ta' Urġenza Nru 12/2019 (iktar 'il fuq, punt 34) kienet iġġustifikata mill-bżonn li jiġu stabbiliti regoli dwar l-istatus u l-funzjonijiet tal-uffiċjali tal-pulizija u tal-ispeċjalisti li jaġixxu għat-TIRSĠ.

151 L-Artikolu $88^5$(5) ġie emendat bid-Digriet ta' Urġenza Nru 92/2018 (riprodott iktar 'il fuq fil-punt 30); id-Digriet ta' Urġenza Nru 7/2019 introduċa żewġ paragrafi ġodda fl-Artikolu $88^5$ (iktar 'il fuq, punt 32).

l-Artikolu II tad-Digriet ta' Urġenza Nru 90/2018 idderoga mid-dispożizzjonijiet dwar il-proċedura tal-ħatra sabiex tiġi żgurata l-ħatra fuq bażi *ad interim* tal-kap prosekutur u ta' mill-inqas terz tal-prosekuturi tat-TIRSĠ.

312. Apparti l-emenda fil-proċedura tal-għażla nnotata iktar 'il fuq, dawn id-digrieti ta' urġenza introduċew u emendaw dispożizzjonijiet prinċipali relatati mas-setgħat u mal-istruttura istituzzjonali tat-taqsima. L-ewwel nett, id-Digriet ta' Urġenza tal-Gvern Nru 7/2019 introduċa paragrafu 6 ġdid fl-Artikolu 88[1]. Skont din l-emenda, meta l-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali jew kwalunkwe liġi speċjali oħra jirreferu għall-"prosekutur ġerarkikament superjuri" f'kawżi relatati ma' ksur fil-ġurisdizzjoni tat-TIRSĠ, din l-espressjoni għandha tinftiehem bħala li tirreferi għall-kap prosekutur tat-TIRSĠ, inklużi deċiżjonijiet adottati qabel ma din it-taqsima saret operazzjonali[152]. It-tieni nett, dan id-digriet emenda wkoll l-Artikolu 88[8], billi ppreveda, fil-punt 1(d), setgħa ġdida tat-TIRSĠ, li tikkonsisti fit-tressiq jew fl-irtirar ta' azzjonijiet f'kawżi fi ħdan il-ġurisdizzjoni tat-taqsima, inklużi kawżi pendenti quddiem il-qrati jew konklużi definittivament qabel ma ssir operazzjonali.

313. Għaldaqstant, jidher li l-Gvern Rumen adotta, f'terminu qasir, mhux inqas minn erba' digrieti ta' urġenza li jemendaw aspetti tad-dispożizzjonijiet introdotti bil-Liġi Nru 207/2018 dwar it-TIRSĠ. B'mod partikolari, dan seħħ fir-rigward tal-proċedura għall-ħatra u għall-għażla tal-kap prosekutur u tal-prosekuturi tagħha, iżda wkoll fir-rigward ta' elementi importanti oħra tas-setgħat tat-taqsima u tal-istatus tagħha fi ħdan l-uffiċċju tal-prosekutur, mingħajr ma dejjem ġiet ipprovduta ġustifikazzjoni għall-urġenza tal-intervent tal-gvern.

314. Kif tissottometti l-Kummissjoni, dawn l-elementi jikkonfermaw l-eżistenza ta' riskju serju ta' interferenza fl-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja, li huwa aggravat mill-intervent rapidu u dirett tal-gvern permezz ta' digrieti ta' urġenza, u b'hekk ġiet affettwata ħażin ukoll il-perċezzjoni pubblika ta' influwenza politika fuq il-ġudikatura.

315. Dawn l-elementi kollha jwassluni sabiex nikkonkludi li, kuntrarjament għal dak li jissottometti l-KSĠ, ir-regolamentazzjoni tat-TIRSĠ ma toffrix garanziji suffiċjenti sabiex telimina kwalunkwe riskju ta' influwenza politika fuq il-funzjonament u l-kompożizzjoni tagħha. Dwar il-kontenut tagħhom, il-garanziji li jsemmi l-KSĠ sussegwentement ġew imdgħajfa permezz ta' digrieti ta' urġenza, li repetutament emendaw ukoll l-istruttura istituzzjonali tat-taqsima, ir-regoli tagħha għall-ħatra ta' prosekuturi, u r-relazzjonijiet tagħha ma' taqsimiet oħra tal-prosekuzzjoni. Finalment, dan kollu seħħ fil-kuntest tal-istruttura diġà dubjuża tat-TIRSĠ, li għar-raġunijiet deskritti fit-taqsima preċedenti, ma kinitx robusta ħafna f'termini tal-perċezzjoni esterna tagħha tal-indipendenza sa mill-bidu.

*iii) Kuntest u funzjonament prattiku*

316. Fil-fehma tiegħi, il-kunsiderazzjonijiet preċedenti huma biżżejjed sabiex jipprovdu risposta utli għad-domandi preliminari magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, il-qrati nazzjonali, meta finalment jaġġudikaw dwar il-kompatibbiltà tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni, huma

152 Kif innota l-Gvern Rumen fis-seduta, l-Artikolu 88[1](5) jipprevedi li l-Prosekutur Ġenerali għandu jikkonkludi kunflitti ta' ġurisdizzjoni. Il-Kumissjoni ta' Venezia ddikjarat li ma hijiex ċerta jekk din il-garanzija hijiex ser tkun effettiva, b'teħid inkunsiderazzjoni tan-numru potenzjali ta' kunflitti u r-riżorsi tal-Prosekutur Ġenerali għall-analiżi tal-kawżi kollha. Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezia Nru 950/2019 dwar id-Digrieti ta' Urġenza GEO Nru 7 u GEO Nru 12 li jemendaw il-Liġijiet dwar il-Ġustizzja (ir-Rumanija) (CDL-AD(2019)014, punt 40).

wkoll intitolati li jieħdu inkunsiderazzjoni, fl-evalwazzjoni tal-livell sufficjenti tal-garanziji li għandhom jiġu pprovduti kif innotat iktar 'il fuq, iċ-ċirkustanzi fattwali u kuntestwali li fihom it-TIRSĠ wettqet il-funzjonijiet tagħha wara l-istabbiliment tagħha.

317. L-ewwel nett, dwar l-effetti prattiċi tar-regoli (sikwit emendati) dwar l-għażla u l-ħatra tal-kap prosekutur u tal-prosekuturi tat-TIRSĠ, OL indika fis-seduta li l-kompetenza tal-ħatra u tat-tkeċċija kienet fil-prattika limitata għal grupp żgħir ta' membri tal-KSĠ li kienu jappoġġjaw il-gvern ta' dak iż-żmien. B'mod partikolari, l-Assoċjazzjoni "Moviment għad-Difiża tal-Istatus tal-Prosekuturi" nnotat li kemm il-kap prosekutur provviżorju kif ukoll il-kap prosekutur maħtur sussegwentement huma persuni b'rabtiet speċjali mal-gvern ta' dak iż-żmien.

318. It-tieni nett, dwar l-azzjonijiet imwettqa mit-TIRSĠ sa mill-istabbiliment tagħha, il-Forum tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin u l-Assoċjazzjoni "Moviment għad-Difiża tal-Istatus tal-Prosekuturi", ipprovdew rakkont iddettaljat dwar kif it-TIRSĠ eżerċitat il-funzjonijiet tagħha. Dawn il-partijiet ikkonċernati ssottomettew li t-TIRSĠ fetħet investigazzjonijiet u fetħet mill-ġdid kawżi magħluqa kontra membri tal-ġudikatura li kienu pubblikament opponew l-emendi leġiżlattivi, inklużi mħallfin u prosekuturi ta' kariga għolja[153]. Huma jinnotaw ukoll li l-investigazzjonijiet infetħu fil-konfront ta' prosekuturi li kienu fetħu investigazzjonijiet fuq membri tal-partit fil-gvern fi żmien meta daħlu r-regoli dwar it-TIRSĠ. Din tinnota wkoll li t-TIRSĠ irtirat, mingħajr ma tat raġunijiet, l-appelli dwar il-korruzzjoni u kawżi oħra li jikkonċernaw membri importanti tal-partit fil-gvern preċedenti, u fittxet li tikseb ġurisdizzjoni fuq każijiet immaniġġjati minn taqsimiet oħra tal-prosekuzzjoni li jikkonċernaw membri ta' dan il-partit. Elementi oħra, bħal l-iżvelar ta' informazzjoni, pubblikazzjoni ta' avviżi mingħajr anonimizzazzjoni xierqa, jew l-iżvelar uffiċjali ta' informazzjoni żbaljata tressqu wkoll bħala argument li jikkonferma l-premessa tal-użu tat-TIRSĠ għal għanijiet li ma humiex il-prosekuzzjoni kriminali imparzjali.

319. Ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tevalwa l-elementi fattwali li għadhom kemm ingħataw. Madankollu, bħala parti mill-kriterji għall-evalwazzjoni ġenerali tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni[154], jiena nqis li l-qrati nazzjonali huma intitolati jieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi oġġettivi li jikkonċernaw iċ-ċirkustanzi li fihom ġiet stabbilita t-TIRSĠ, kif ukoll il-funzjonament prattiku tagħha, bħala fatturi li jistgħu jikkonfermaw jew jiċħdu r-riskji ta' influwenza politika. Il-konferma ta' dan ir-riskju tista' tqajjem dubji leġittimi fl-imħuħ tal-individwi dwar kemm l-imħallfin iħallu lilhom innifishom jiġu influwenzati, minħabba li tikkomprometti l-impressjoni tan-newtralità tal-imħallfin fir-rigward tal-interess quddiemhom, b'mod partikolari, meta jkunu involuti kawżi ta' korruzzjoni.

*iv) Terminu raġonevoli*

320. Finalment, il-ħames domanda fil-Kawża C-291/19 tistaqsi jekk it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, li jiddikjara li "[k]ull persuna għandha d-dritt għal smigħ ġust u pubbliku fi żmien raġjonevoli" jipprekludi l-istabbiliment tat-TIRSĠ, fid-dawl tar-regoli li jirregolaw l-eżerċizzju tal-funzjoni tagħha u l-mod li bih il-ġurisdizzjoni tiġi stabbilita, b'rabta man-numru limitat ta' pożizzjonijiet f'din it-taqsima.

[153] Inkluż il-Prosekutur Ġenerali preċedenti, il-kap prosekutur preċedenti tad-DNA, il-President tal-Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja), membri tal-KSĠ u mħallfin li ressqu talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

[154] Iktar 'il fuq, punti 241 sa 247 ta' dawn il-konklużjonijiet.

321. Il-qorti tar-rinviju tqis li hemm riskju li kawżi ma jiġux ittrattati f'dan it-terminu raġonevoli minħabba l-attività tal-prosekuzzjoni tat-TIRSĠ, essenzjalment peress li, fir-rigward tal-volum tagħha ta' kawżi, hemm numru limitat ta' pożizzjonijiet f'din it-taqsima. Minn naħa waħda, min-numru diġà limitat tagħha ta' 15-il prosekutur, sitt pożizzjonijiet biss kienu mtlew sal-5 ta' Marzu 2019. Min-naħa l-oħra, fiż-żmien li t-TIRSĠ saret operazzjonali, diġà kellha 1 422 kawża rreġistrata magħha.

322. Il-qorti tar-rinviju tinnota wkoll li kull sena, eluf ta' kawżi fittizji jiġu ppreżentati kontra membri tal-ġudikatura li jeħtieġu mill-inqas xi investigazzjoni. Dan il-volum ta' kawżi, flimkien mal-amministrazzjoni ta' fajls ġenerali oħra, kif ukoll il-possibbiltà (li diġà mmaterjalizzat) li jittieħdu kawżi minn taqsimiet oħra tal-prosekuzzjoni, jinvolvi dubji serji dwar il-kapaċitajiet tat-TIRSĠ li twettaq investigazzjoni effettiva fi żmien raġonevoli.

323. Bl-istess mod, il-Forum tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin, l-Assoċjazzjoni "Moviment għad-Difiża tal-Istatus tal-Prosekuturi", il-Prosekutur Ġenerali u OL jissottomettu li n-numru limitat ta' prosekuturi tat-TIRSĠ inevitabbilment iwassal sabiex din tkun mgħobbija żżejjed. Il-Prosekutur Ġenerali żied ukoll li, meta nżammet is-seduta, it-TIRSĠ kellha seba' prosekuturi u li kien hemm madwar 4000 fajl pendenti, filwaqt li matul l-2019, din it-taqsima setgħet tittratta biss 400 fajl.

324. Għandi ninnota mill-bidu li din id-domanda hija differenti mid-domandi preliminari l-oħra eżaminati f'din it-taqsima minħabba li hija esklużivament ikkonċernata bid-drittijiet proċedurali tal-membri tal-ġudikatura, irrispettivament mill-impatt tagħha fuq l-indipendenza jew l-imparzjalità. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni tissottometti li d-domanda għandha tiġi fformulata mill-ġdid billi tistaqsi jekk, fiċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-proċeduri prinċipali, l-Artikolu 47 tal-Karta jipprekludix lill-qorti tar-rinviju milli tibgħat lura l-kawża lit-TIRSĠ, fil-każ li l-appell jintlaqa'[155]. Il-Kummissjoni tissottometti li f'kawża fejn qorti nazzjonali għandha tibgħat lura kawża lill-prosekutur, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lil dik il-qorti milli tagħmel hekk jekk ikun probabbli ħafna li proċeduri kriminali ma jitlestewx fi żmien raġonevoli.

325. Ma nqisx neċessarju li nipproċedi għal din il-formulazzjoni mill-ġdid. Fil-fehma tiegħi, il-kwistjoni mressqa mill-qorti tar-rinviju għal darba oħra turi l-aspett doppju tal-funzjoni ta' stħarriġ tad-dispożizzjonijiet tal-Karta diġà diskussi iktar 'il fuq[156]: it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta jservi bħala l-kriterju għall-istħarriġ konkret ta' kompatibbiltà fil-kawża individwali, li ma jipprekludix lill-Karta milli sservi wkoll bħala kriterju għall-istħarriġ astratt tar-regoli nazzjonali li jikkonċernaw it-TIRSĠ.

326. Barra minn hekk, dawn iż-żewġ aspetti effettivament jingħaqdu fil-kuntest ta' din il-kawża. L-approċċ speċifiku (suġġettiv) għat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta għandu f'dan il-każ jitwettaq ukoll b'riferiment għal eżami astratt (oġġettiv) tal-impatt tar-regoli li jirregolaw it-TIRSĠ fuq it-tul potenzjali tal-proċeduri. Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju ma hijiex tistaqsi jekk il-proċeduri diġà laħqux tul irraġonevoli fil-kawża individwali tar-rikorrent, iżda jekk il-fatt li l-istruttura istituzzjonali tat-TIRSĠ hija tali li twassal għal dan ir-riżultat jikkostitwixxix ksur tal-garanziji tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta.

155 Infakkar li, kif innotat fil-punt 187 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kummissjoni tqis li l-Artikolu 47 huwa applikabbli biss jekk il-proċeduri prinċipali jikkonċernaw sitwazzjoni ta' "implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni".

156 Ara l-punti 198 sa 202 iktar 'il fuq.

327. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta jikkorrispondi għall-Artikolu 6(1) tal-KEDB. Il-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut tiegħu għandhom jirċievu, skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, interpretazzjoni li ma taqax taħt l-istandards tal-KEDB.

328. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, iż-"żmien raġonevoli" imsemmi fl-Artikolu 6(1) KEDB jibda jiddekorri meta persuna tiġi "akkużata"[157]. Il-kunċett ta' "akkuża" ġiet interpretata mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem b'mod flessibbli u sostantiv. Il-mument li għalih tirreferi jinkludi l-mument ta' notifika uffiċjali minn awtorità kompetenti ta' allegazzjoni li l-persuna wettqet reat kriminali, iżda wkoll il-mument meta s-sitwazzjoni ta' din il-persuna kienet sostanzjalment affettwata minn azzjonijiet meħuda mill-awtoritajiet bħala riżultat ta' suspett[158]. Kif innotat mill-Kummissjoni, din l-interpretazzjoni hija għaldaqstant probabbli li tkopri l-perijodu ta' investigazzjoni preliminari[159].

329. Huwa veru li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem teżamina r-raġonevolezza tat-tul tal-proċeduri fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull kawża b'riferiment għall-kumplessità tal-kawża, l-imġiba tar-rikorrent u tal-awtoritajiet rilevanti, u dak li huwa inkwistjoni għar-rikorrent[160]. Madankollu, dan ma jippreludix, fil-fehma tiegħi, l-eżami tal-arranġamenti istituzzjonali li jistgħu jwasslu, kważi inevitabbilment, għal ksur tar-rekwiżit ta' "żmien raġonevoli" fi proċeduri pendenti.

330. Fil-kuntest ta' din il-kawża, fejn tkun inkwistjoni l-evalwazzjoni tal-konformità ta' struttura istituzzjonali tal-uffiċċju tal-prosekutur, l-elementi rilevanti għall-evalwazzjoni għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni *in abstracto*. L-evalwazzjoni f'dan il-kuntest tinvolvi, partikolarment, l-"imġiba tal-awtoritajiet rilevanti". L-Artikolu 6(1) tal-KEDB jimponi fuq l-Istati d-dmir li jorganizzaw is-sistemi ġudizzjarji tagħhom b'mod li l-qrati tagħhom jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tiegħu[161]. Dawn ir-rekwiżiti jinkludu, naturalment, il-funzjonament u l-azzjonijiet tal-uffiċċju tal-prosekutur[162]. Dewmien ikkawżat minn lista ta' kawżi pendenti għaldaqstant ma huwiex ġustifikazzjoni, peress li Stati jistgħu jinstabu responsabbli mhux biss għad-dewmien f'kawża partikolari iżda "wkoll għal nuqqas li jżidu riżorsi bi tweġiba għal lista ta' kawżi pendenti, jew għal nuqqasijiet strutturali fis-sistema ġudizzjarja tagħhom li jikkawżaw dewmien"[163] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

331. Fil-fehma tiegħi, jirriżulta minn dawn l-elementi li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta jinkludi l-obbligu ta' Stati Membri li jorganizzaw is-sistemi ġudizzjarji tagħhom sabiex jagħmluhom xierqa li jikkonformaw mar-rekwiżiti, *inter alia*, relatati mat-tul irraġonevoli tal-proċeduri. Bħala konsegwenza, din id-dispożizzjoni tipprekludi lill-Istati Membri milli

157 Ara, pereżempju, Qorti EDB, 5 ta' Ottubru 2017, Kalēja vs Il-Latvja, CE:ECHR:2017:1005JUD002205908, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata.

158 Ara, pereżempju, Qorti EDB, 11 ta' Ġunju 2015, Tychko vs Ir-Russja, CE:ECHR:2015:0611JUD005609707, punt 63. Fil-kuntest tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li terz jiġi infurmat dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU 2013, L 294, p. 1), ara wkoll is-sentenza tat-12 ta' Marzu 2020, VW (Dritt ta' aċċess għal avukat fil-każ ta' nuqqas ta' dehra) (C-659/18, EU:C:2020:201, punti 24 sa 27)

159 Qorti EDB, 22 ta' Mejju 1998 Hozee vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, CE:ECHR:1998:0522JUD002196193, punt 43; Qorti EDB, 18 ta' Jannar 2007, Šubinski vs Is-Slovenja, CE:ECHR:2007:0118JUD001961104, punti 65 sa 68; jew Qorti EDB, 5 ta' Ottubru 2017, Kalēja vs Il-Latvja, CE:ECHR:2017:1005JUD002205908, punti 37 sa 40 u l-ġurisprudenza ċċitata.

160 *Inter alia*, Qorti EDB, 10 ta' Settembru 2010, McFarlane vs L-Irlanda, CE:ECHR:2010:0910JUD003133306, punt 140.

161 Qorti EDB, 25 ta' Novembru 1992, Abdoella vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, CE:ECHR:1992:1125JUD001272887, punt 24.

162 Ara, fost il-ħafna kawżi fejn l-imġiba tal-prosekutur wasslet għat-tul irraġonevoli ta' proċeduri, Qorti EDB, 26 ta' Novembru 1992, Francesco Lombardo vs L-Italja, CE:ECHR:1992:1126JUD001151985, punt 22.

163 Qorti EDB, 10 ta' Mejju 2011, Dimitrov u Hamanov vs Il-Bulgarija, CE:ECHR:2011:0510JUD004805906, punt 72. Ara wkoll il-Qorti EDB, 13 ta' Lulju 1983, Zimmermann u Steiner vs L-Isvizzera, CE:ECHR:1983:0713JUD000873779, punti 29 sa 32.

jistabbilixxu taqsima tal-prosekuzzjoni li ma hijiex mgħammra b'mod suffiċjenti bi prosekuturi, fid-dawl tal-ammont ta' kawżi li jirriżultaw mill-ġurisdizzjoni tagħha, b'mod li l-funzjonament operattiv tagħha ċertament ser jirriżulta f'tul irraġonevoli tal-proċeduri kriminali, inklużi dawk kontra mħallfin.

### *c) Konklużjoni provviżorja*

332. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi li r-risposta għar-raba' u għall-ħames domanda fil-Kawża C-127/19; għar-raba' u għall-ħames domanda fil-Kawża C-291/19 u għar-raba' domanda fil-Kawża C-355/19 tkun is-segwenti: it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, kif ukoll it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu l-istabbiliment ta' taqsima speċifika tal-prosekuzzjoni b'ġurisdizzjoni esklużiva għal ksur imwettaq minn membri tal-ġudikatura, jekk il-ħolqien ta' din it-taqsima ma jkunx iġġustifikat minn raġunijiet ġenwini u suffiċjentement b'saħħithom li jkunu nġiebu għall-attenzjoni tal-pubbliku b'mod aċċessibbli u mhux ambigwu, u jekk ma jkunx akkumpanjat minn garanziji suffiċjenti sabiex jitneħħa kwalunkwe riskju ta' influwenza politika fuq il-funzjonament u l-kompożizzjoni tagħha. Fit-twettiq tal-evalwazzjoni tagħhom dwar jekk dan fil-fatt huwiex il-każ, il-qrati nazzjonali huma intitolati jieħdu inkunsiderazzjoni elementi oġġettivi li jikkonċernaw iċ-ċirkustanzi relatati mal-istabbiliment ta' din it-taqsima tal-prosekuzzjoni, kif ukoll l-operazzjoni prattika sussegwenti tagħha.

333. Ir-risposta għall-ħames domanda fil-Kawża C-291/19 għandha tkun li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, dwar id-dritt għal smigħ xieraq permezz tar-riżoluzzjoni tal-kawża f'terminu raġonevoli, jipprekludi lill-Istati Membri milli jistabbilixxu taqsima tal-prosekuzzjoni li ma tkunx mgħammra b'mod suffiċjenti bi prosekuturi, fid-dawl tal-ammont ta' kawżi li jirriżultaw mill-ġurisdizzjoni tagħha, b'mod li l-operazzjoni tagħha tirriżulta f'tul irraġonevoli tal-proċeduri kriminali. Huma l-qrati tar-rinviju li għandhom jevalwaw, fid-dawl tal-fatturi rilevanti kollha quddiemhom, jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-istabbiliment, il-kompożizzjoni u l-funzjonament tat-TIRSĠ jissodisfawx dawn ir-rekwiżiti.

## IV. Konklużjoni

334. Nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

– It-tieni domanda fil-Kawża C-195/19, sa fejn tirreferi għall-Artikolu 9 TUE u l-Artikolu 67(1) TFUE, kif ukoll it-tielet domanda f'din il-kawża, huma inammissibbli.

– L-ewwel domanda fil-Kawżi C-83/19, C-127/19, C-291/19 u C-355/19 għandha tingħata r-risposta segwenti:

  Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/928/KE tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, kif ukoll ir-rapporti stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea fuq il-bażi ta' din id-deċiżjoni, huma atti ta' istituzzjoni tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE u, għaldaqstant, jistgħu jiġu interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja.

– L-eżami tal-ewwel parti tat-tieni domanda magħmula fil-Kawżi C-83/19, C-127/19 u C-355/19 ma żvela l-ebda fattur li jista' jitfa' dubju dwar il-fatt li d-Deċiżjoni 2006/928, fil-forma attwali tagħha, ġiet validament adottata fuq il-bażi tat-Trattat tal-Adeżjoni.

– It-tieni parti tat-tieni domanda fil-Kawżi C-83/19, C-127/19 u C-355/19; l-ewwel domanda fil-Kawża C-195/19 u t-tieni domanda fil-Kawża C-291/19 għandhom jingħataw ir-risposta segwenti:

Id-Deċiżjoni 2006/928 hija legalment vinkolanti. Ir-rapporti adottati mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u ta' Verifika ma humiex legalment vinkolanti fuq ir-Rumanija. Madankollu, dawn ir-rapporti għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni minn dan l-Istat Membru fl-isforzi tiegħu sabiex jissodisfa l-obbligi tiegħu li jikseb il-parametri referenzjarji stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni 2006/928, b'teħid inkunsiderazzjoni tar-rekwiżit tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali tal-Artikolu 4(3) TUE.

– It-tielet domanda fil-Kawża C-83/19 għandha tingħata r-risposta segwenti:

It-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjonijiet nazzjonali li permezz tagħhom il-gvern jadotta, b'deroga mir-regoli legali normalment applikabbli, sistema għall-ħatra fuq bażi *ad interim* tal-pożizzjonijiet ta' mmaniġġjar tal-organu inkarigat milli jwettaq investigazzjonijiet dixxiplinari fi ħdan il-ġudikatura, li l-effett prattiku tagħha huwa l-istabbiliment mill-ġdid fil-kariga ta' persuna li l-mandat tagħha diġà skada.

– Ir-raba' u l-ħames domanda fil-Kawża C-127/19; ir-raba' domanda fil-Kawża C-291/19 u r-raba' domanda fil-Kawża C-355/19 għandhom jingħataw ir-risposta segwenti:

It-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, kif ukoll it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu l-istabbiliment ta' taqsima speċifika tal-prosekuzzjoni b'ġurisdizzjoni esklużiva għal ksur imwettaq minn membri tal-ġudikatura, jekk il-ħolqien ta' din it-taqsima ma jkunx iġġustifikat b'raġunijiet ġenwini u suffiċjentement b'saħħithom li jkunu ngiebu għall-attenzjoni tal-pubbliku b'mod aċċessibbli u mhux ambigwu, u jekk ma jkunx akkumpanjat minn garanziji suffiċjenti sabiex jitneħħa kwalunkwe riskju ta' influwenza politika fuq il-funzjonament u l-kompożizzjoni tagħha. Fit-twettiq tal-evalwazzjoni tagħhom dwar jekk dan fil-fatt huwiex il-każ, il-qrati nazzjonali huma intitolati li jieħdu inkunsiderazzjoni elementi oġġettivi li jikkonċernaw iċ-ċirkustanzi relatati mal-ħolqien ta' din it-taqsima tal-prosekuzzjoni, kif ukoll l-operazzjoni prattika sussegwenti tagħha.

– Ir-risposta għall-ħames domanda fil-Kawża C-291/19 għandha tkun li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, dwar id-dritt għal smigħ xieraq permezz tar-riżoluzzjoni tal-kawża f'terminu raġonevoli, jipprekludi lill-Istati Membri milli jistabbilixxu taqsima tal-prosekuzzjoni li ma tkunx mgħammra b'mod suffiċjenti bi prosekuturi, fid-dawl tal-ammont ta' kawżi li jirriżultaw mill-ġurisdizzjoni tagħha, b'mod li l-operazzjoni tagħha tirriżulta f'tul irraġonevoli tal-proċeduri kriminali. Huma l-qrati tar-rinviju li għandhom jevalwaw, fid-dawl tal-fatturi rilevanti kollha quddiemhom, jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-istabbiliment, il-kompożizzjoni u l-funzjonament tas-Secția pentru investigarea infracțiunilor din justiție (it-Taqsima Inkarigata mill-Investigazzjonijiet ta' Reati Mwettqa fi ħdan is-Sistema Ġudizzjarja) jistgħux fil-fatt iwasslu għal dan ir-riżultat.